# L-ĦAJJA f'Għawdex

€2 \ Lm 0.86c

Mejju 2008 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 63 SENA * Nru. 898




## L-Għawdxin eskluzi?

GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
DONATED BY
AF
5/08
DATE
QAD
13241

# 4 KOTBA ĠODDA

## tal- LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS għalik!




*Ktieb famuż mad-dinja kollha dwar kif tkun taf lil Ġesù. Miktub minn Fr. John Wijngaards. Jinbiegħ €6.00*

*Meditazzjonijiet qosra fuq il-Qalb ta' Ġesù, minn Mons. Isqof Emeritu Nikol G. Cauchi. Jinbiegħ €5.00*




## Tgħallem u Itlob!




*Ktejjeb għal nofs siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat. Maħruġ mill-Moviment Ewkaristiku Għawdxi. Jinbiegħ €0.50*

*Il-ħajja tal-Madonna skond il-Vanġelu, miktuba mill-Kan. Dun Piet Sammut. Jinbiegħ €7.00*




**Jingħata skont ta' 15% fuq dawn il-kotba lill-abbonati kollha ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" mil-Lumen Christi Bookshop**

IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 898*
*Mejju 2008*
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Kummentarju (2) • 17
Is-Swar taċ-Ċittadella • 18
Attwalità • 19
L-Intervista • 20
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 22
Letteratura Għawdxija • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
Il-Misteru tal-Knisja (14) • 28
Snajja Qodma (10) • 30
Impressjonijiet dwar Għawdex (6) • 32
Xhieda Nisranija • 34
Kummentarju (3) • 35
Għawdex Qabel ir-Ritratti (5) • 36
Għawdex 300 sena ilu (164) • 37
Passiġġata Biblika (35) • 38
Kummentarju (4) • 40
Sfidi ta' Żmienna (4) • 42
Is-Seminaristi fl-Art Imqaddsa • 44
Ibża' għal Saħħtek • 46
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (10) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Paul Buttigieg, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *"Collage Gozo 1234" - ritratti ta' Lorne Cremona*




# Min Jagħtik Qalbu... u Min Iqaxxrek! X'Fama qed ikollna?

*F'paġna 16 ta' din il-ħarġa tar-Rivista qegħdin nipproduċu siltiet minn żewġ ittri li dehru f'ġurnali lokali, mibgħutin lill-Editur minnies li żaru l-gżira tagħna u li qattgħu xi jiem fostna. Huma nies mhux Għawdxin li kellhom il-pjaċir jiġu Għawdex biex igawdu l-btala tagħhom, iħallu kemxa minn flushom hawn , u jieħdu lura memorji sbieħ tal-jiem li qagħdu magħna. Ġew u marru. Ifformaw u ħadu magħhom impressjonijiet dwarna – impressjonijiet qawwijin tant li tqanqlu biex jiktbuhom "for the record" u jperrċuhom fil-ġurnali.*

*Ittra minnhom hi waħda ta' radd il-ħajr u tifħir għall-ġenerożità ta' mara Għawdxija li għenet lill-koppja anzjana b'mod li jmur lil hinn minn dak mistenni. Din il-mara hija xhieda ta' dawk l-Għawdxin li jagħtu minnhom infushom meta jiltaqgħu ma' min jinsab f'diffikultà. U dan jagħmluh mingħajr sforz żejjed bħallikieku dik l-għajnuna kienet sempliċiment it-twettiq ta' dmir li ndara. Hija ġenerożità li ssir mingħajr daqq ta' trombi u moħbija bl-istar ta' anonimità.*

*Bir-raġun min kiteb qal li l-għajnuna ta' dik il-mara Għawdxija fakkritu fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb. Minbarra l-ġest nobbli ma' min kien fil-bżonn, din il-mara mingħajr isem għamlet ġieħ lil Għawdex u lill-Għawdxin ilkoll kemm aħna. Nistħajjel li hi din ix-xorta ta' ġenerożità ta' l-Għawdxi minn qaddisu - imma wkoll mit-trawwim f'dan l-istil ta' ħajja - li fl-imgħoddi għamlet lil Għawdex art għammiela għas-sejħat tal-vokazzjoni missjunarja.*

*Bil-kuntrarju jagħmel, imma, min, kif tixhed l-ittra l-oħra jipprova jisfrutta lill-barranin li jżuruna billi jgħolli l-prezz ta' l-oġġetti li jbiegħ jew tas-servizz li jagħti. Il-flus huma meħtieġa għax imqar is-Samaritan it-Tajjeb kellu bżonnhom! U xieraq ukoll li n-negozju jħalli l-qligħ. Iżda ma rridux, biex intarrxu l-kuxjenza, taħt il-kelma "business" naħbu s-"serq". Qisu m'għadhiex fostna l-mentalità li biex negozju jirnexxi, il-profitt għandu jkun msieħeb mas-sodisfazzjon tal-parruċċan. X'uħud jridu jsiru sinjuri mil-lum għal għada... u fil-proċess ma jarawx aktar 'il bogħod minn imneħirhom. Fin-negozju bil-għaqal, il-profitt u l-irġulija – u għala le, il-ġenerożità wkoll – għandhom jimxu id f'id. Min iġib ruħu mod ieħor ikunu qed jagħmel azzjoni ħażina mhux biss lilu nnifsu, imma wkoll ħsara lil Għawdex u 'l-Għawdxin ilkoll kemm aħna.*

*Fil-kuntrast bejn iż-żewġ ittri f'paġna 16, hemm it-tagħlima! Li nkunu Għawdxin ġenerużi u onesti hi l-isbaħ fama li jista' jkollna...*

**Joseph W. Psaila**

www.dioceseofgozo.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

Mis-Seminarista Noel Debono

### *Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla*



Nhar il-Ħadd 6 ta' April sar l-għeluq tal-45 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Fil-ħmistax ta' qabel, il-membri tax-Xirka wettqu diversi inizjattivi pastorali f'kollaborazzjoni mal-Parroċċa tax-Xewkija, fejn inżamm il-Kungress. Fost l-inizjattivi pastorali, ta' min isemmi l-laqgħat għall-kategoriji, żjajjar fil-familji tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof, żjajjar lill-morda u anzjani u viżti f'diversi skejjel, kemm fix-Xewkija, fosthom l-MCAST u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi, u anke f'dawk sekondarji u post-sekondarji fir-Rabat. Fiċ-ċerimonja ta' l-għeluq, li għaliha attendew numru kbir ta' Għawdxin, saru diversi interventi fosthom dak ta' Mons. Isqof, li tkellem dwar is-sbuħija u l-kobor tal-vokazzjoni reliġjuża u ta' ħajja konsagrata fil-Knisja. Grupp ta' żgħażagħ tellgħu *'feature'* bl-isem "L-Eqqel Taqbida", dwar il-konverżjoni ta' Adolfo Rettè u mbagħad iċ-ċerimonja ntemmet bil-barka sagramentali.

Il-Kungress li jmiss tax-Xirka se jsir fil-parroċċa ta' Sannat, fit-tielet Ħadd ta' l-Għid tas-sena 2009.

### *Żjajjar fl-iskejjel*

Bħala parti mill-mixja tar-Randan Mqaddes, l-iskejjel tad-djoċesi organizzaw diversi mumenti ta' formazzjoni reliġjuża għall-istudenti tagħhom. Mons. Isqof kien preżenti għal uħud minn dawn il-waqtiet. Hekk per eżempju, laqgħa li l-istudenti ta' l-MCAST kellhom ma' Mons. Isqof waqt l-Eżerċizzi bit-tema; 'Żagħżugħ jista' jgħix il-Vanġelu llum?' Wara introduzzjoni tal-bidu, l-istudenti kellhom iċ-ċans jagħmlu diversi mistoqsijiet u jaqsmu l-opinjoni tagħhom ma' Mons. Isqof fuq diversi temi.

Imbagħad, nhar it-2 ta' Marzu, ġie organizzat nofs ta' nhar ta' formazzjoni spiritwali għall-*istaff* tas-sekondarja tal-Konservatorju u nhar l-4 ta' l-istess xahar, fis-seminarju Minuri ġie mogħti l-ktieb tal-Bibbja lil istudenti tal-Form 1 f'ċelebrazzjoni tal-Kelma apposta. Ta' kull sena l-istudenti tal-Form 1 huma mħeġġa japprezzaw u jsiru midħla aktar ta' dan il-ktieb importanti f'ħajjithom.



### *Benedittu XVI*



Fl-okkażjoni tat-tielet anniversarju mill-ħatra tal-Papa Benedittu XVI, nhar is-Sibt 19 ta' April, il-Knisja f'Għawdex fakkret din il-ġrajja permezz ta' quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku, nhar il-Ħadd 20 ta' April 2008 fis-Santwarju Madonna ta' Pinu. Fil-messaġġ tiegħu hu tkellem dwar il-missjoni tal-Papa bħala dak li jħabbar lil Kristu bħala t-triq, il-verità u l-ħajja, u l-missjoni tal-Knisja li tħalli lilha nnifisha titmexxa minnU.

### *L-Isqof Grech jiltaqa' mal-Maltin u l-Għawdxin f'Toronto fil-parroċċa mmexxija mis-saċerdoti tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl*

L-Isqof Mario Grech nhar il-Ħadd 27 ta' April, kompla bil-programm taż-żjara pastorali tiegħu fil-Kanada billi filgħodu mexxa quddiesa pontifikali fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġorġ fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, li tinsab f'Dundas Street West. Din il-parroċċa, li għal diversi snin kienet immexxija mill-Patrijiet Franġiskani Maltin, illum hija mmexxija mill-Patrijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Il-Kappillan attwali Fr. Karm Borg, li huwa mgħejjun minn Fr. Domnic Cachia laqgħu lil Mons. Isqof Grech u ppreżentawh lill-ġemgħa preżenti. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof rrimarka li fil-ħajja spiritwali tagħna għandna nitħabtu biex lil Alla nadurawh fl-ispirtu u l-verità. Dan jgħinna biex ir-relazzjoni tagħna ma' Alla u mal-qaddisin ma tkunx marbuta la ma' post u lanqas ma' persuna jew qaddis partikulari. B'dan il-mod l-adorazzjoni tagħna lil Alla u ċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ il-qaddisin ikunu espressjoni ta' ħajja nisranija matura u awtentika.





Filwaqt li rringrazzja lis-saċerdoti preżenti tal-missjoni tagħhom, Mons. Isqof ħeġġeġ lill-emigranti biex huma wkoll, mill-esperjenza personali tagħhom ma' Alla, jagħrfu jkunu xandâra tal-verità tal-vanġelu kull fejn

isibu rwieħhom, anke jekk dan jiswielhom sagrifiċċju kif seħħ lil San Ġorġ Martri.

Wara l-quddiesa Mons. Isqof iltaqa' ma' l-emigranti fis-sala tal-parroċċa. Fost dawk preżenti kien hemm gruppi li telgħu minn Detroit u New York. Fl-istess lokal l-Isqof għamel żjara lill-



ħanut "*Malta Bake Shop*" immexxi minn Charles Buttigieg. Għall-pranzu Mons. Isqof kien il-mistieden tal-komunità tas-saċerdoti ta' l-MSSP fil-lokal tal-parroċċa. Wara l-pranzu Mons. Isqof żar diversi *clubs* ta' l-emigranti Maltin, fosthom il-*Melita Soccer Club* u l-*Malta Band Club*. Fil-Każin tal-*Malta Band Club* huwa ltaqa' mal-Kumitat tal-Banda u



ħeġġiġhom biex jibqgħu jagħtu sehem bil-kontribuzzjoni kulturali lis-soċjetà Maltija ġewwa Toronto u biex jimpenjaw ruħhom f'ħidma favur il-familja.

***L-Isqof Grech jiltaqa' ma' l-Arċisqof ta' Toronto Mons. Thomas Collins***

It-Tlieta 29 t'April Mons. Isqof Mario Grech għamel żjara ta' korteżija lill-Arċisqof ta' Toronto Mons. Thomas Collins. Iż-żjara saret fil-Kumpless Pastorali ta' l-Arċidjoċesi f'Toronto. F'din



il-laqgħa ż-żewġ Isqfijiet tkellmu dwar l-isfidi li għandu l-bniedem illum fil-Kanada u fl-Ewropa u x'tip ta' proposta għandha tagħmel il-Knisja f'dawn iċ-ċirkostanzi. Tkellmu wkoll dwar il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ djoċesijiet. F'din id-djoċesi ta' Toronto hawn il-preżenza ta' erba' saċerdoti Għawdxin: Dun Alfred Grima mix-Xewkija, Dun Joseph Sultana mix-Xagħra, Dun Joe Grima mix-Xewkija, u Dun Christopher Cauchi mill-Għarb. L-Arċisqof Collins wera l-apprezzament tiegħu għall-ħidma pastorali li qed iwettqu dawn is-saċerdoti – tlieta minnhom kappillani.



Mons. Isqof żar ukoll il-Katidral ta' St Michael ġewwa Toronto fejn Fr. Christopher Cauchi huwa Vigarju Parrokkjali. Wara huwa għamel żjara lill-istamperija ta' Marċell Haber, emigrant min-Nadur.

Filgħaxija Mons. Isqof kien il-mistieden waqt *dinner* organizzat mill-*Gozo Club* li huwa magħmul minn emigranti Għawdxin fil-Kanada. Din il-laqgħa saret f'ristorant fuq Dundas Street. L-Isqof ġie milqugħ mill-President Paul Portelli u membri oħra tal-kumitat. Waqt dan id-*dinner* l-Isqof kellu l-opportunità li jitkellem ma' diversi familji Għawdxin u jisma l-esperjenzi



tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja fil-Kanada. Il-President Paul Portelli ppreżenta lill-Isqof lil ibnu Frank li huwa seminarista u s-sena d-dieħla ser jiġi ordnat saċerdot għall-Arċidjoċesi ta' Toronto.

Fi tmiem il-laqgħa l-membri tal-*Club* ippreżentaw donazzjoni għall-karitajiet tad-djoċesi ta' Għawdex. Mons. Isqof ħeġġeġ lil dawk preżenti biex f'din il-kultura tal-lum jagħrfu jagħtu dak kollu li hu partikulari għalihom, speċjalment il-valuri li ġew iffurmati fihom. Huwa appellalhom biex, filwaqt li jintegraw ruħhom f'dan il-pajjiż li laqagħhom, huma jibqgħu jgħożżu l-kuntatt mal-familja ta' l-oriġini f'Malta u Għawdex. L-emigrant Malti għandu kontribut siewi x'joffri kemm lis-soċjetà Kanadiża kif ukoll lil Malta u Għawdex.

## *ESPERIMENT LI RNEXXA*

Sister Francesca Abela, il-kap ta' l-Iskola Primarja "St. Francis" tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria, bgħatitilna rapport interessanti dwar attivitajiet speċjali li saru fost it-tfal ta' din l-iskola matul ir-Randan u fil-Ġimgħa Mqaddsa ta' din is-sena.

Taħt id-direzzjoni spiritwali u bil-għajnuna ta' Dun Ġużepp Gauci, li jiddedika ħafna minn ħinu għall-katekeżi formattiva u liturġika f'din l-iskola tal-Knisja f'Għawdex, it-tfal ħadu sehem attiv fi programm ta' riflessjonijiet personali f'kull klassi fuq il-qari tal-Liturġija tal-Kelma bi tliet mistoqsijiet li kellhom iwieġbu: (1) dwar xhiex titkellem is-silta (2) x'tagħlim fiha s-silta (3) x'se nitolbu bħala riżultat tat-tagħlim li ħadna mis-silta.



L-istess ġie applikat għall-Istazzjonijiet tal-Via Sagra f'waħda mill-ġimgħat tar-Randan; u r-riżultat kien sodisfaċenti ħafna bi ħsibijiet sempliċi imma xi minn daqqiet profondi li saru mit-tfal stess. F'għeluq ir-Randan, it-tfal kellhom esperjenza sabiħa tal-quddiesa madwar il-mejda libsin il-kostumi lhudin u bil-ħasil tar-riġlejn ta' l-Appostli, replika ta' l-Aħħar Ċena. Iċ-ċelebrazzjoni tmexxiet minn Dun Ġużepp Gauci, kif jidher fiż-żewġ ritratti.

Din l-inizjattiva ta' formazzjoni kateketika – spiritwali – liturġika fost iż-żgħar sabet l-apprezzament ta' ħafna ġenituri. Eżempju ta' min jimitah u japplikah fl-iskejjel tagħna.



# *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:* "Ċiviltà Kristjana"



## *- Siltiet mill-Omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech fil-festa ta' San Publiju, Floriana, Malta - 6 ta' April 2008*

*Il-wirt għani tar-Reliġjon Kristjana*

"Il- film *"Quo Vadis"* jirrakkonta li meta Pietru kien riesaq lejn Ruma, huwa ltaqa' ma' uffiċjal Ruman li staqsih: "Il-Greċja tatna l-għerf, Ruma kisbitilna l-poter, u din ir-reliġjon ġdida tiegħek x'ser toffrilna?" Pietru jagħti tweġiba sempliċi: **"L-imħabba!"**

Nisthajjel lil Publiju, il-Prinċep ta' din il-gżira, meta laqa' lil Pawlu fi gżiritna, għamillu l-istess domanda: X'ġibtilna ġdid li la l-Greċja u anqas Ruma ma tawna? U Pawlu jagħti l-istess risposta li ta Pietru: l-Imħabba. Pawlu, li huwa nnifsu għamel esperjenza ta' l-imħabba, kif jixhdulna l-Atti ta' l-Appostli u l-istess epistolarju tiegħu, ċertament li lil Publiju u lil ġensna jgħidilhom: **"Ġibtilkom il-karità ta' Alla, biex din tkun il-liġi tad-deheb illi tgħaqqadkom flimkien"**.

Inħoss li bil-preżenza ta' l-Appostlu Missierna Pawlu, u warajh bil-preżenza ta' Publiju, f'pajjiżna telaq proċess fejn iċ-ċiviltà ta' ġensna bil-mod il-mod bdiet tiġi trasformata. Il-kultura tagħna bdiet tieħu sura kristjana u l-Vanġelu sar il-ħmira li gradwalment bdiet tgħolli din l-għaġna. Hekk illum aħna stajna nirtu ċiviltà li hija msejsa fuq il-valuri kristjani.

*Sfidi minn kultura sekularizzata*

Fl-istess ħin irridu nirrikonoxxu li jekk irċevejna dan il-patrimonju sabiħ, ma għandna ebda garanzija li ser jibqa' wirt li niftaħru bih, wirt li aħna sejrin ngħaddu lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna, għaliex **sfortunatament hemm anke minn fostna li mhux kuntent b'dan il-vanġelu tal-karità. Is-sekulariżmu dieħel sewwa fis-soċjetà u fil-ħajja tagħna. Bil-mod il-mod, dan ibarri kull sens ta' reliġjon, inkluża r-reliġjon kristjana**. Hekk, dik iċ-ċiviltà kristjana li bdiet permezz ta' Pawlu u Publiju, faċilment tista' ssir relikwa tal-passsat. Meta naspiraw illi ċ-ċiviltà tagħna tibqa' mmarkata bil-valuri tal-vanġelu, aħna nkunu qegħdin nixtiequ xi ħaġa ta' l-imgħoddi? Din hija nostalġija, tradizzjoni? Jew hija sistema li twieġeb għall-bżonnijiet tal-bniedem tal-lum?

Is-seklu tagħna għadu suġġett għall-movimenti sekularisti, anke f'pajjiżna. Però, billi l-bniedem min-natura tiegħu huwa reliġjuż u qatt ma jista' jifga dan is-sens reliġjuż li hemm fih, **filwaqt li naraw mewġa qawwija ta' sekulariżmu, naraw illi hemm ukoll żvilupp ta' esperjenzi reliġjużi ġodda**, forsi anke b'reazzjoni għall-esperjenza reliġjuża kristjana.

*Djalogu bejn il-kulturi*

Huwa f'dan il-kuntest li jien irrid nilmaħ lil Publiju! Għaliex kif fi żmien Publiju nibet djalogu bejn soċjetà pagana ta' dak iż-żmien u l-kristjanità, anke llum jinħass il-bżonn ta' djalogu bejn il-modernità u l-kristjanità. Din hija l-isfida li għandna bħala dixxipli tal-Mulej! Fiċ-ċirkostanzi li qegħdin ngħixu fihom, **ma nistgħux nirtiraw mid-dinja**, imma fuq l-eżempju ta' Publiju nistinkaw biex noħolqu dan id-djalogu mas-soċjetà lajċizzata tal-lum.

Publiju kif ħoloq dan id-djalogu ħalli aħna nistgħu nispiraw ruħna minnu? Nisthajjel lil Publiju jakkwista **l-ittra ta' Pawlu lir-Rumani** li l-istudjużi ta' l-Iskrittura jsejħulha *Christiane Religionis Compendium* – kompendju tat-tagħlim kristjan, u bl-għajnuna tat-tagħlim li hemm f'din l-ittra Publiju jipprova jidħol f'dan id-djalogu maċ-ċiviltà ta' żmienu.

L-ittra lir-Rumani hija intiża biex l-umanità tagħraf id-don li Alla tana fi Kristu, li huwa l-istess Kelma t'Alla inkarnata u reġistrata fil-Vanġelu. **Din hija ċ-ċiviltà kristjana. M'hemm l-ebda impożizzjoni fuq il-bniedem, imma hija ċiviltà li tgħin lill-bniedem ikun aktar bniedem – ċiviltà li tirrispetta lill-bniedem maħluq minn Alla.**

*Id-dinjità tal-bniedem*

Il-bniedem huwa mżejjen b'dinjità u għandu drittijiet inerenti għan-natura umana tiegħu. Fl-ittra tiegħu lir-Rumani, San Pawl jelabora ħafna dan il-punt. Huwa jgħid illi din il-liġi superjuri, li għandha lil Alla bħala awtur tagħha, hija miktuba fil-qalb ta' kull wieħed. Għalhekk **il-bniedem igawdi drittijiet u dinjità li jisthoqqilhom rispett** mhux għax xi ħadd ikkonċedielu dawn id-drittijiet jew għax kien hemm xi għażliet politiċi li akkwistawlu dawn id-drittijiet umani tiegħu, imma **dawn huma drittijiet li jiġu qabel kull Stat u kull awtorità**, għaliex huma drittijiet li tahomlu Alla. Meta l-bniedem jikkalpesta lill-persuna umana u d-drittijiet tagħha, hu jkun qed jagħmel sfreġju lilu nnifsu.

Jekk qed nitkellem minn drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-ewwel dritt li jiġini f'moħħi huwa **d-dritt għall-ħajja**. Għalhekk nistgħaġeb, biex ma ngħidx kelma oħra, kif fi Strasburg, fiċ-ċentru tal-poter tal-lum kif kienet Ruma dak iż-żmien, beda u għaddej diskors biex ikun hemm riżoluzzjoni favur l-abort! Fl-istess ħin **napprezza dak li r-rappreżentanti tal-poplu tagħna, almenu f'din il-ħaġa, huma moħħ wieħed u ħa jieħdu pożizzjoni kontra l-abort u favur il-ħajja!**

*Is-sens ta' Alla*

Fl-ittra tiegħu lir-Rumani Pawlu jitkellem b'mod elaborat fuq is-sens ta' Alla u fuq il-qima, ir-rispett u r-radd il-ħajr li Alla jixraqlu. Skond Pawlu, il-bnedmin bil-bluha u l-korruzzjoni ta' qalbhom waslu biex jagħtu glorja lill-bniedem li jintemm u ma tawx glorja lil Alla li ma jintemmx. Għalhekk Alla ħallihom fil-ħażen tagħhom.

Jekk għadna kif tkellimna mid-drittijiet tal-bniedem, huwa wkoll **wieħed mid-drittijiet ewlenin illi l-bniedem ikollu l-libertà reliġjuża**, fis-sens illi jkollu l-libertà biex it-twemmin tiegħu jeżerċitah kif irid. Anke f'din il-ħaġa, Publiju, li kien qed jgħix f'soċjetà li kellha s-sens ta' Alla imma li kienet soċjetà politejista, kellu ħidma pastorali mhux faċli biex jgħin lill-poplu tagħna jifhem illi dak Alla li naduraw u nqimu huwa Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu.

*Iż-żwieġ monogamiku u indissolubbli*

It-tielet punt li dwaru Pawlu jitkellem fl-ittra lir-Rumani, huwa dwar iż-żwieġ monogamiku u indissolubbli.

Huwa fatt illi fil-kontinent tagħna llum **hemm bżonn li nxandru l-evanġelju taż-żwieġ u tal-familja**, u dan mhux biss għaliex sfortunatament xi wħud qed jaqtgħu qalbhom mit-tfixkil li jiltaqgħu miegħu biex jgħixu **żwieġ monogamiku u indissolubbli sa l-aħħar**, imma wkoll għaliex kultant jingħad illi hemm min irid jestendi l-kunċett taż-żwieġ mhux biss bejn mara u raġel – esperjenza li nsibuha f'kull kultura –, imma wkoll bejn tnejn ta' l-istess sess. Meta bħala Knisja, biex niddefendu ż-żwieġ u l-familja ngħidu li **mhux sew li jkun hemm rikonoxximent ġuridiku li jekwipara dawn l-esperjenzi ma' esperjenza ta' żwieġ u familja**, bl-ebda mod ma nkunu qegħdin inħeġġu xi forma ta' diskriminazzjoni. Għax għarfien bħal dan huwa biss **dissoluzzjoni tax-xbieha tal-persuna umana**, il-mara u r-raġel, li n-natura u l-liġi naturali tiddisponihom ħalli jgħixu r-relazzjoni tagħhom f'għaqda intima ta' mħabba fiż-żwieġ. **Jekk aħna nċedu għal din il-pressjoni, fiċ-ċiviltà tagħna jkun hemm ċaħda ta' dan il-kunċett tad-dinjità tal-persuna umana.**

*Kummentarju (1)*

# Qbiżna n-Nofs!... Xi ħtija hemm?



*kitba ta'* MONS. SALV GRIMA

**X'NOFS HU? Fl-2000 in-Nazzjonijiet Uniti ddikjaraw l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju, b'impenn li jonqos nofs il-faqar sa l-2015. Immiraw lejn oqsma bħal l-ikel, l-edukazzjoni, il-kura tat-tfal, is-saħħa, l-ugwaljanza, l-ambjent, id-dejn u l-kummerċ. Dan bl-iskop li tintlaħaq il-paċi, jitrażżnu l-armi qerrieda, jitgawdew id-drittijiet umani u jitħaddmu d-demokrazija u l-ġustizzja fit-tmexxija. Stqarrija sollenni u b'mira sal-2015! U dis-sena diġà qbiżna nofs iż-żmien!**

Minn qabel il-Papiet bit-tagħlim soċjali tal-Knisja, fosthom il-Papa Pawlu VI li tenna l-istess vuċi fl-enċiklika tiegħu *"Il-Progress tal-Popli"* (1967) u bħalu l-Papa Ġwanni Pawlu II bl-enċiklika *"L-Impenn Soċjali"* (1987). Huma fakkru fl-għajta li pajjiżi fqar kienu qed jagħmlu lill-popli li kellhom bl-abbundanza. Insistew biex il-Knisja ma tibqax lura quddiem din il-karba, anzi kulħadd jagħti widen għall-qagħda mwiegħra ta' ħutu u jwieġeb għaliha b'ħeġġa u mill-iktar fis.

Bħala Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Kofi Annan, f'rapport lill-Assemblea Ġenerali (2005), stqarr li **tużżani ta' pajjiżi saru ifqar, u l-kriżi ekonomika tefgħet miljuni ta' familji f'faqar kbir. Iktar minn biljun persuna - wieħed minn kull sitta tad-dinja - għadhom jgħixu b'inqas minn dollaru kuljum, b'konsegwenzi ħarxa ta' ġuħ, mard u tbatijiet oħra.** Huwa faqar tal-mewt, "għax biżżejjed gidma ta' nemusa fuq tifel, nieqes mill-kura meħtieġa ta' ftit flus. Fejn kull sena 11-il miljun tfal imutu qabel il-ħames snin, u madwar 3 miljuni jmutu bl-*AIDS*, ma tantx tista' ssejħilha dinja li riesqa lejn il-ħelsien xieraq". Eżempju ieħor hu dak ta' l-Iraq: qabel bdiet il-gwerra fl-2003 l-insara kienu madwar miljun u nofs. Illum huma mal-25 elf ruħ!

### *Fejn hi l-Imma?*

**Isiru kemm isiru proġetti, dejjem tibqa' d-diffikultà fejn jinsab il-gwaj kollu ta' dan. Hu minnu li dan kollu jiddependi mir-rieda tal-bniedem, daqstant ieħor huma meħtieġa l-valuri mwassla fil-Bxara t-Tajba ta' Kristu.**

Jekk il-bniedem jinqata' minn din l-għajn, jixxotta. Ma tibqax saħħa fih u mill-ġdid jiddgħajjef hu u l-prinċipji veri, u jerġgħu jisfaw vittmi tant bnedmin oħra. Din hija responsabbiltà iktar u iktar ta' dawk li jagħmlu parti mill-komunità li tistqarr lil Kristu, iżda fil-fatt ma tkunx qed tagħti xhieda soda u sħiħa. Mingħajr l-għajnuna meħtieġa, dawn il-prinċipji nsara jistgħu jisfaw mfixkla minħabba għażliet żbaljati. Il-qofol għall-ħarsien tal-valuri sodi fost l-insara tagħmel tajjeb għalih l-Ewkaristija.

**Barra mill-aspett spiritwali u reliġjuż, dan il-misteru ta' l-Ewkaristija jħaddan fih karattru soċjali w umanitarju. Kristu jsieħeb miegħu l-komunità biex jagħmel minnha operaturi b'ħidma mpenjata ma' ħutha l-bnedmin.** "L-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu ma jinfirdux u l-imħabba tal-proxxmu titfisser bħala preżenza ta' Alla direttament fil-fqar u l-batuti b'mod l-aktar prattiku" (P. Benedittu XVI, *Ġesù ta' Nazaret*, 2007, p. 144). Hażin għal min jifhimha mod ieħor u ma jinfetaħx lejn l-oħrajn, bħallikieku biżżejjed kulħadd jaħseb għalih innifsu!

**Il-valur tal-quddiesa jitfaqqar jekk f'dak li jkun qed jieħu sehem ma jinħassx il-bżonn li jaħseb fl-oħrajn u tintesa d-dimensjoni soċjali b'firxa usa' għall-ġid tal-komunitajiet kollha.** Ta' min jitħasseb





dwar safejn qed jasal il-ħsieb ta' ħafna minn dawk li josservaw il-preċett tal-quddiesa tal-Ħadd!

*X'hemm bżonn nifhmu?*

**Il-karattru komunitarju jinħass il-ħin kollu fil-qsim ta' l-Ewkaristija, minn jum għall-ieħor.** Dan jibda fl-istqarrija tal-ħtijiet bi ħsara fost l-umanità, jissokta bl-invokazzjonijiet għal tant ħtiġijiet, jintwera fil-paċi lil xulxin, u fuq kollox fit-tisħib mill-ħobż ewkaristiku li Kristu nnifsu jrid jaqsam magħna.

Il-Bxara t-Tajba tal-Kelma ta' Alla fil-qari tistieden lill-ġemgħa biex tagħraf b'liema mod miftuħ Kristu interessa ruħu lejn kull xorta ta' nies fil-bżonn fi żmienu. Din il-viżjoni umanitarja qed tkun proposta biex tinħass fil-misteri qaddisa permezz tal-liturġija stess li toffri talb apposta għal ħafna ċirkostanzi varji. Il-Missal fih lista mnejn tista' tiġi applikata, meta ż-żmien jippermetti. Dawn il-ħtiġijiet ivarjaw mill-progress tal-popli, għall-paċi u l-ġustizzja, għar-rikonċiljazzjoni, fi żmien ta' gwerra, għall-popli neqsin mill-meħtieġ għall-ikel, għar-refuġjati u l-eżiljati, għal dawk fil-jasar jew fil-ħabs, kif ukoll għall-morda, għall-maħfra tad-dnubiet, għall-għaqda tal-qlub, għal min jagħmlilna d-deni, u għall-evanġelizzazzjoni tal-popli. Kollha jfakkru fi bżonnijiet umanitarji li s-saċerdoti u l-insara għandhom jitħeġġu li jqajmu kuxjenza dwarhom.

*Fejn hemm xi ħtija?*

**It-talba tal-"Missierna" tkompli tispirana biex l-Ewkaristija ma tibqax azzjoni liturġika limitata, jew waħda privata biss, ladarba l-Missier tas-Sema laqa' l-offerta ta' Ibnu magħmula għall-bnedmin kollha.** (*Iktar kummenti dwar it-talba tal-Mulej ara "Ġesu ta' Nazaret" tal-Papa Beneditt XVI, Kap. 5, paġni 147-185*).

Il-maħfra li nitolbu lill-Ħaruf ta' Alla għad-"dnubiet tad-dinja" turina x'responsabbiltà nġorru fuqna quddiem id-dinja midinba. Jibqagħlna dejn kbir lejn dawk ħutna li magħhom ma nkunux wettaqna rikonċiljazzjoni sħiħa, ladarba ma nkunux ħsibna fihom biżżejjed u ħallejnihom nieqsa f'ħafna bżonnijiet.

**Il-quddiesa mhix biss att ta' tpattija 'l Alla tal-ħtijiet personali jew tad-dnubiet li bihom qed titweġġa l-umanità. Mis-sogħba tridna ngħaddu għall-azzjoni għax fejn jibqa' jsaltan id-dnub qatt ma jkun hemm il-vera paċi. Kull imġiba żbaljata tfixkel l-għażla ġeneruża favur Kristu, li ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi.**

**F'pajjiżna nistgħu nsarrfu ħafna minn dan b'xi kontribut b'kuxjenza iktar soċjali. Ngħixu aħjar l-Ewkaristija jekk ħadd ma jibqa' lura milli jissieħeb f'xi forma ta' volontarjat, anki fil-qrib, billi jeżerċita xi appostolat fl-opri tal-ħniena. Xi ngħidu għall-appelli urġenti għall-għoti tad-demm li minnu jgawdu dawk milqutin minn xi mard!**

**Biex pjan maħsub sa l-2015 jintlaħaq, il-proġetti jridu jintlibbsu bl-imħabba li Kristu fissirha fl-ogħla grad meta wieħed jagħti ħajtu għall-aħwa, xi ħaġa li wettaqha sa l-aħħar, anzi talabna niċċelebrawha biex fuqha nfasslu għemilna lejn ħutna fil-bżonn.**


# Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Festival ta' Kant fin-Nadur*

Taħt il-patroċinju tal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, sitta u tletin parteċipant kantaw quddiem teatru mimli fl-edizzjoni tan-*Nadur Song Festival 2008*, li sar nhar is-Sibt 29 ta' Marzu . L-età tal-kantanti kienet tvarja minn dik ta' erba' snin għal dik ta' dsatax-il sena. Kien hemm ħames sezzjonijiet inkluż dik bla kompetizzjoni għal parteċipanti ta' età żgħira. Il-parteċipanti kollha ngħataw medalja ta' l-okkażjoni, ippreżentata lilhom mill-Ministru Debono, waqt li l-president tal-Banda Mnarja, James Buttigieg ippreżentalhom iċ-ċertifikati.

It-trofej ġew ippreżentati mis-Sindku Miriam Portelli waqt li Mons. Salvu Pace, direttur spiritwali tal-Banda, sponsorja u ppreżenta l-'*overall trophy*'.

Ir-rebbieħa ta' kull sezzjoni huma: Rebecca Bonello, Michaela Bajada, Denise Spiteri u Monica Parnis. Waqt li l-*overall winner* għat-tieni sena konsekuttiva kienet Denise Spiteri li interpretat *Flower of the South*.



*Is-sindku Miriam Portelli tippreżenta t-trofew lil waħda mir-rebbieħa, Monica Parnis.*

## *L-Ewwel 'Racket Tournament' f'Għawdex*

Fil-Kumpless Sportiv tar-Rabat, Għawdex, nhar it-Tnejn 31 ta' Marzu, sar l-ewwel *Racket Tournament* tat-tip tiegħu ġewwa l-gżira Għawdxija. Dan l-avveniment, li fih ħadu sehem madwar 40 kontestant Għawdxi, kien jikkonsisti f'kompetizzjoni bejn tlett dixxiplini - *table-tennis*, *lawn tennis* u *squash*.

Minbarra li nħolqot din l-opportunità biex jipprattikaw dan l-isport tagħhom f'ambjent kompetittiv, dan it-*tournament* serva wkoll biex jippromwovi l-faċilitajiet offruti fil-Kumpless Sportiv ta' Għawdex, liema kumpless jaqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex. F'kumment li tatna l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, qaltilna illi għax temmen bi sħiħ fl-iżvilupp tal-kamp sportiv ġewwa Għawdex, ser tkompli ttejjeb is-servizzi offruti f'dan il-Kumpless Sportiv, kif ukoll tagħti spinta lil attivitajiet sportiva fil-ġejjieni.

Bħalissa huma 15 id-dixxiplini sportivi offruti f'dan il-Kumpless Sportiv, fosthom il-*basketball*, *badminton*, *handball*, *futsal* (*five-a-side indoor soccer*) u *netball*. Il-Kumpless Sportiv joffri s-servizzi tiegħu wkoll għall-*gymnastics*, *ballet*, *yoga*, *martial arts* kif ukoll għal-lezzjonijiet tal-eżerċizzju fiżiku. Apparti dawn kollha, il-bini għandu faċilitajiet ta' *indoor squash court*, kamra għat-*table tennis*, u *climbing area*, kif ukoll *outdoor lawn-tennis court* li jista' jinxtegħel b'dawl artifiċjali. Bħalissa għaddejjin xogħlijiet fuq *gym* area ġdida li ser jinkludu kamra għall-*weight-lifting*, *changing rooms* u *showers* ġodda, kif ukoll faċilitajiet sanitarji mmodernizzati.

Fid-dinja mgħaġġla ta' llum, żiedet tgħidilna l-Ministru Debono, ħafna huma dawk li jixtiequ jiggwadanjaw mill-ħafna benefiċċji li jġibu fuq saħħithom meta huma jipprattikaw xi sport. "...Bl-isports fil-ħajja tagħna, mhux talli nkunu aktar sani, imma niġu offruti sfidi u esperjenzi ġodda kull darba li nipprattikawh....ħaġa li kważi kważi ġġegħlna nipprattikawh iktar u iktar..."



*Il-kontestanti rebbieħa fl-ewwel Racket Tournament li sar f'Għawdex. Mix-xellug għal-lemin jidhru, Raymod Camilleri rebbieħ Lawn Tennis tournament, Jason Vassallo li ġie fit-tieni post, Lawn Tennis; George Vassallo rebbieħ Squash tournament, Albert G. Scerri Uffiċjal Responsabbli mill-Kumpless Sportiv, Raymond Hili li ġie fit-tieni post fl-iSquash tournament, George Camilleri rebbieħ, Table Tennis tournament. Fir-ritratt ma jidhirx it-Tabib Valcav Svejda, li ġie fit-tieni post fit-Table Tennis u li kellu jitlaq hekk kif spiċċa t- Tournament minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu ta' Tabib fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex.*

## Ġemellaġġ bejn Kerċem u l-Furjana

Ġie ffirmat l-ewwel parti tal-ftehim ta' Ġemellaġġ bejn il-Kunsilli Lokali ta' Kerċem u dak tal-Furjana. L-iffirmar tal-Ġemellaġġ sar nhar it-Tnejn, 31 ta' Marzu, fi Pjazza Emanuel S. Tonna fil-Furjana waqt ċerimonja li saret quddiem "Dar il-Kunsill" fil-preżenza ta' kunsilliera u poplu miż-żewġ lokalitajiet.



*Is-Sindku Joe Grima jidher jagħmel kelmtejn ta' l-okkażjoni waqt iċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-Ġemellaġġ bejn Kerċem u l-Furjana.*

Grupp ta' Kerċmin, immexxi mis-Sindku Joe Grima, flimkien ma' rappreżentanti tal-Għaqdiet Ewlenin tar-raħal, attendew għal quddiesa ċċelebrata mill-Arċipriet tal-Furjana, Dun Richard Borg, fil-Knisja Arċipretali tal-Furjana. Il-lezzjonijiet inqraw mis-Sindki rispettivi - Joe Grima u Nigel Holland. L-Arċipriet Borg fl-omelija tiegħu fisser l-importanza tal-ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. L-offerti ttellgħu mill-Kunsilliera Mario Azzopardi, Antoinette Borg, (Kerċem) u Franco Davies u Sandra Sammut Hili (Furjana).



*Bdil ta' rigali bejn is-Sindki Holland u Grima.*

Wara l-quddiesa, l-miġemgħa mxiet lejn Pjazza E.S. Tonna fejn saret iċ-ċerimonja tal-Ġemellaġġ. Saru diskorsi mis-Sindki Nigel Holland u Joe Grima. Wara nqara d-digriet tal-Ġemellaġġ. Iż-żewġ Sindki ffirmaw dan il-ftehim.

Imbagħad inbidlu rigali ta' l-okkażjoni li kienu jikkonsistu fi plakki tal-fidda bl-emblemi taż-żewġ lokalitajiet. L-attività ntemmet bid-daqq tal-innu nazzjonali.

Wara kulħadd kien mistieden għal riċeviment fil-bini tal-Kunsill Lokali. Fost dawk li attendew għar-riċeviment kien hemm Lolly Borg, eks plejer tal-Furjana u li fil-passat kien ukoll *guest player* tat-tim ta' Kerċem Ajax F.C. Attendew ukoll l-Arċipriet tal-Furjana Dun Richard Borg u d-Deputat Parlamentari Dr. Jose' Herrera. L-attivitajiet komplew b'dawra kulturali madwar il-Furjana.

## Rikonoxxut ix-xogħol volontarju ta' Joseph Buhagiar - 45 sena servizz



*Dun Effie Masini, (xellug), Direttur ta' l-Oratorju Don Bosco, jidher jippreżenta lil Joseph Buhagiar b'DVD, kopja tal-film 'THE 5000 FINGERS OF DR T'.*

Joseph Buhagiar mir-Rabat, Għawdex, nhar il-Ħadd 6 t'April, ġie ppreżentat b'DVD tal-film *'THE 5000 FINGERS OF DR T'*, film tal-1953.

Dan kien proprju l-ewwel film li tħaddem mill-makkinista apprentist tal-films, Joseph Buhagiar, fl-Oratorju Don Bosco fl-1962, flimkien ma' George Aquilina persuna dakinhar inkarigata mill-*projection room*. Joe għadu sal- ġurnata ta' llum joffri dan is-servizz volontarju bħala *projectionist* fl-Oratorju Don Bosco fir-Rabat Għawdex. Iċ-ċinema fl-Oratorju ilha topera sa mill-1951 meta ġiet inawgurata bil-wiri tal-film ta' Ingrid Bergman, *'JOAN OF ARC'*. Matul dawn is-snin kollha, l-Oratorju dejjem offra divertiment onest lil tant familji u hekk għadu jagħmel permezz ta' wiri ta' film kull nhar ta' Ħadd, bil-*logo* **'CINEFAMILJA'**. Ta' min isemmi li ċ-ċinema fl-Oratorju hija waħda mill-eqdem fil-gżejjer Maltin.

Dun Effie Masini, d-Direttur preżenti ta' l-Oratorju, rringrazzja mill-qalb lil Joseph Buhagiar u faħħru għall-umiltà u l-konsistenza tiegħu matul dawn is-snin kollha. Minbarra fil-qasam tal-films, Joe ta l-kontribut tiegħu ukoll f'setturi oħra taċ-ċentru bħal fil-festa, palk, grawnd u *indoor games* kif ukoll xogħol ta' manutenzjoni. Minbarra fl-Oratorju Joe serva ukoll bħala *projectionist* fit-teatru Astra tar-Rabat matul is-snin 1968 - 1997.

## "Seabourn Pride" jerġa' jżur lil Għawdex



Nhar il-Ħadd 6 ta' April, il-vapur lussuż tal-passiġġieri *Seabourn Pride* ankra 'l barra mill-Port ta' l-Imġarr f'Għawdex. Din hija t-tieni żjara li għamel dan il-vapur f'Għawdex, wara l-ewwel żjara li kien għamel b'suċċess f'April ta' l-2006. Is-*Seabourn Pride* għamel din il-waqfa f'Għawdex wara li kien Malta fi triqtu minn Palermo għall-belt ta' Dubrovnik, fil-Kroazja. Matul din il-waqfa, l-passiġġieri abbord il-*cruiseliner* ġew mogħtija l-opportunità li jgawdu x-xenarju li toffri l-gżira ta' Għawdex f'dan iż-żmien tas-sena, filwaqt li jduqu ukoll ftit mill-ħafna karatteristiċi kulturali u storiċi uniċi ta' Għawdex. L-aġenti lokali għal *Seabourn Pride* huma *Malta Cruise Services* ta' *Mifsud Brothers Ltd.*

## *Jitfakkar il-ħamsin anniversarju mill-ftuħ ta' l-Iskola Primarja tax-Xewkija*

Nhar il-31 ta' Marzu 2008 kien il-ħamsin anniversarju mill-bini u l-ftuħ ta' l-iskola Primarja Rosa Magro fix-Xewkija. Għal din l-okkażjoni, nhar it-Tlieta 8 t'April, fl-iskola msemmija, ittella' programm ta' tifkira ta' dan il-Ġublew tad-Deheb (1958-2008). Kienu mistiedna l-ġenituri kollha tat-tfal, ex-studenti, ex-għalliema u ex-kapijiet ta' l-iskola flimkien ma' mistiedna u nies distinti oħra.



*Waqt il-qsim ta' kejk ta' l-okkażjoni mill-Prinċipal tal-Kulleġġ ta' Għawdex, il-Kavallier Frank Gatt. Mix-xellug għal-lemin: is-Sindku tax-Xewkija, l-Avukatessa Monica Vella, is-Surmast ta' l-Iskola, Saviour Tabone u Horace Mercieca (ex-Direttur ta' l-Edukazzjoni), Jidhru wkoll is-Sinjorina Lina Apap (ex-kap ta' l-iskola), membri ta' l-istaff u ħbieb ta' l-iskola.*

Il-programm beda b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa ta' ringrazzjament minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Il-programm kien imżewwaq bil-wiri ta' *photostory* ta' l-iskola fl-imgħoddi u fil-preżent; tnedija tal-"*website*" ta' l-iskola (*http://schoolnet.gov.mt/xewkija*), kxif ta' inkwadri artistiċi magħmula mit-tfal li ġew sponsorjati mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija; qari ta' komponimenti u poeżiji mit-tfal u tħawwil ta' siġra fil-ġnien minn Mons. Isqof Grech.



*Mistednin jiflu l-wirja dwar l-istorja ta' l-Iskola Primarja tax-Xewkija, li ttellgħet għall-okkażjoni.*

Horace Mercieca, riċerkatur ta' l-edukazzjoni, ippreżenta ktieb informattiv dwar l-istorja ta' din l-iskola li tmur lura sas-sena 1861. Sar ukoll il-ftuħ ta' wirja kif ukoll il-kxif ta' lapida kommemorattiva mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.



*L-Isqof Mario Grech jidher iħawwel siġra taż-żebbuġ, simbolu tal-paċi, bħala tifkira tal-Ġublew tad-Deheb ta' l-iskola Primarja tax-Xewkija, f'wieħed mill-ġonna ta' l-istess skola.*

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, Saviour Tabone, Kap ta' l-iskola, irringrazzja lil dawk kollha preżenti li taw sehemhom u li marru jifirħu mat-tfal u l-*istaff* ta' l-iskola f'din l-okkażjoni.

## *Il-"Chorus Urbanus" janima l-Funzjoni ta' l-"Acies" tal-Leġjun ta' Marija*

Il-funzjoni ta' l-*Acies* tal-Leġjun ta' Marija ta' din is-sena, bħas-snin l-imgħoddija, saret fir-Rotunda tax-Xewkija, fil-festa ta' '*Dominica in Albis*', Ħadd fuq l-Għid, nhar il-Ħadd 30 ta' Marzu, li ħabtet ukoll mal-festa tal-Ħniena Divina u kienet ippreseduta mill-Eċċ. Tiegħu Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Numru sabiħ ta' qassisin Leġjunarji kkonċelebraw ukoll flimkien ma' Mons Isqof. Ġiet animata mill-*Chorus Urbanus*. F'din il-funzjoni l-membri tal-Leġjun iġeddu l-wegħda tagħhom lejn Marija Santissima. Din il-funzjoni hija l-espressjoni sollenni ta' din l-għaqda ma' Marija li tiġġedded b'dikjarazzjoni ta' fedeltà lejn l-Omm t'Alla.



*Waqt il-Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech, fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija, fl-okkażjoni tal-Acies, tal-Leġjun ta' Marija.*

Il-*Chorus Urbanus* kanta diversi għanjiet u siltiet Marjani addattati għal din l-okkażjoni. Matul il-ġurament tal-membri li ħa madwar 25 minuta, il-Kor kanta *Totus Tuus* ta' Geo Ennis, *Salve Regina* ta' Giuseppe Giardini-Vella, A*ve Maria* ta' Arcadelt u diversi innijiet Marjani oħra. Matul din il-funzjoni ġew interpretati wkoll siltiet ta' Elgar, Giuseppe Caruana u Palestrina.

Kienet okkażjoni fejn il-kongregazzjoni pparteċipat bi sħiħ fil-kant tal-quddiesa *De Angelis*, flimkien mal-*Chorus Urbanus*. L-għan ewlieni tal-Leġjun ta' Marija, li fuqu hu msejjes kollox, hu li wieħed jaħdem f'għaqda waħda u f'dipendenza fuq Marija, ir-Reġina tas-Sema u l-Art.

## *Kamp ta' l-Għid memorabbli għall-"Victoria Scout Group"*

Il-*Victoria Scout Group* organizza l-kamp ta' l-Għid bejn is-Sibt 22 u it-Tlieta 25 ta' Marzu 2008. Il-*camp-site* fid-Dwejra bdiet tieħu sura matul il-ġurnata tas-Sibt hekk kif il-*Venture Scouts*, l-I*scouts* u l-*leaders* bdew itellgħu t-tined differenti li jkun hemm bżonn fil-kamp. Tellgħu l-kċina, it-tined fejn jorqdu, it-tined fejn jerfgħu l-ikel u l-għodda u il-*marquee*, it-tinda l-kbira fejn jiġi ppreparat l-ikel, fejn il-*Group* jiekol, jisma' l-quddies, isiru istruzzjonijiet, jipprattikaw xi *crafts* u mitt ħaġa oħra. F'din it-tinda ukoll, matul is-sena, l-*Group* jorganizza xi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi.



*L-Iscouts qed itellgħu l-marquee f'dak li kellu jkun l-aħħar kamp tagħha.*

Il-Ħadd waslu d-Dwejra madwar 40 *Cub* u b'hekk in-numru tela' għal madwar 100. It-Tnejn, imbagħad, waslu l-kamp 20 *Cub* u *Leaders* tax-*Xagħra Scout Group*, il-*Group* ġdid ta' l-I*scouts* li ġie ffurmat dan l-aħħar f'Għawdex.

Matul dawn il-ġranet, kull sezzjoni organizzat diversi attivitajiet għal apert fl-ambjent sabiħ li toffri d-Dwejra. Saru tfittxija għat-"Teżor", mixjiet fejn wieħed seta' josserva u japprezza x'toffri n-natura, l-istorja u l-ġejoloġija ta' dawn l-inħawi, logħob varju, tisjir fuq il-ħatab, *camp-fire*, istruzzjonijiet u prattika ta' ħiliet ta' *Scouting*, u *abseiling* għall-kbar.

It-Tnejn filgħaxija, il-*Cubs* marru lura d-dar u l-*leaders* kienu qed jistennew (bix-xieraq!) lejl ta' mistrieħ, lejl li kellu jkun ukoll l-aħħar lejl tal-kamp. Pero' id-destin kellu pjanijiet oħra. Ir-riħ qawwi li kien hemm f'dawk l-aħħar jumejn kompla żied kemm felaħ matul il-lejl u laħaq qawwa ta' riefnu (laħaq forza 10). Xi ftit xita u ħafna raxx tal-baħar ma naqsux. Minħabba f'hekk, kien hemm bżonn ta' għassa kontinwa biex tiġi evitata li t-tined tiġrilhom il-ħsara. It-tim ta' l-għassa ta' bil-lejl ma setax ilaħħaq ma' dak kollu li kien hemm bżonn isir. Allura għajtu lil l-*Iscouts* il-kbar u lill-*leaders* l-oħrajn biex jaghtuhom daqqa t'id.



*Il-Cubs ma' l-'iscarecrow' tagħhom.*

L-unika għajnuna li n-natura offriet f'dik il-lejla ta' maltemp kbir kien il-qamar mimli li dawwal kullimkien. Għalkemm l-isforzi kienu kbar, wasal punt fejn l-*Iscouts* ma setgħu jagħmlu xejn iżjed kontra l-qawwa tan-natura. Il-*marquee* bdiet tiċċarrat minn bnadi differenti, il-ħbula li kienu jżommuha bdew jinqatgħu u l-arbli bdew iċedu. Allura ġie deċiż li din it-tinda l-kbira titniżżel qabel ma ġġarrab iżjed ħsara jew iweġġa' xi ħadd. Ir-riħ kompla jagħti kemm jiflaħ u ma kinetx ħaġa faċli biex tniżżel tinda ta' dak id-daqs. Wara madwar tliet sigħat jikkumbattu, irnexxielhom iniżżluha u jippakkjawha. Sadanittant, laħqet ġarrbet ħsarat konsiderevoli u mhux possibbli terga' tintuża imma trid tinbidel. It-tined l-oħra ukoll ġarrbu ħsarat iżgħar, pero' dawn jistgħu jissewwew.



*Is-Seeonee Pack flimkien max-Xagħra Pack.*

Fil-waqt li t-tfal li marru l-kamp se jibqgħu jiftakru l-esperjenzi sbieħ u fil-gost li ħadu, il-*leaders* żgur qatt m'huma ser jinsew minn x'hiex għaddew matul dak il-lejl. Barra minn hekk, hemm ħsieb ieħor iberren f'moħħhom - qabel ma' l-*Group* jista' jmur kamp ieħor, trid tinxtara *marquee* oħra.

## *Il-Jum Internazzjonali tal-Ktieb*



*Kotba ġodda b'varjetà ta' suġġetti.*

Fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Ktieb, fil-Librerija Pubblika, fi Triq Vajringa, ir-Rabat, Għawdex, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, nhar l-Erbgħa 23 t'April, fil-11.00 ta' filgħodu, inawgurat wirja ta' 702 ktieb ġdid, konsenja ta' kotba li saret possibbli permezz ta' fondi allokati mill-Ministeru tagħha.

Il-kotba jinkludu varjetà ta' suġġetti li huma indirizzati lejn it-tisħiħ ta' l-edukazzjoni u l-bżonnijiet akkademiċi tal-pubbliku ġenerali, kif ukoll ta' l-istudenti minn livell primarju sa dak universitarju.

Hemm ukoll kollezzjoni ta' 180 ktieb ġdid fis-sezzjoni tal-*Melitensia* li ġew mogħtija mill-*Legal Deposit Act* ta' l-1925 flimkien ma' pubblikazzjonijiet oħra li ġew ippubblikati ma' l-introduzzjoni tal-munita Ewro.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, il-Ministru Debono, tkellmet dwar ir-rwol importanti li għandhom il-libreriji fl-edukazzjoni tat-tfal u dwar id-diversi benefiċċji tal-qari. Żiedet tgħid li bħala riżultat ta' l-introduzzjoni tas-servizzi ta' l-*internet* fil-Librerija Pubblika fl-1999, is-sena l-oħra, kien hemm 8,177 persuna li wżaw dawn



*Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono tintlaqa' mill-Uffiċjal inkarigat mil-Libreriji Pubbliċi ta' Għawdex, George Borg.*

is-servizzi, li jeżistu wkoll fil-Librerija għas-Self tal-Kotba. Barra minn hekk, studenti u membri adulti tal-pubbliku ġenerali huma mogħtija servizz personalizzat.

Il-Ministru Debono semmiet kif fl-2007 kien hemm 798 membru ġdid filwaqt li ġew mislufa total ta' 121,149 ktieb għall-qari d-dar mill-Librerija għas-Self kif ukoll minn libreriji oħra madwar Għawdex. Din il-figura qabżet sew il-figura tas-sena 2006 b'żieda ta' 3,268 ktieb misluf.

Messaġġ ieħor ta' l-okkażjoni sar mill-Kavallier Frank Gatt, il-Prinċipal tal-Kulleġġ ta' l-Iskejjel t'Għawdex. Waqt li Charles Cilia, Assistent Direttur ta' l-Ippjanar u Żvilupp fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni tkellem dwar l-importanza tal-qari.



*Waqt l-intervent mużikali mill-Kor ta' l-Iskola Primarja tal-Qala.*

Il-kor ta' l-iskola primarja tal-Qala, taħt it-tmexxija tal-għalliema tal-mużika Helga Vella kif ukoll ir-*Rock Band* tal-Kumpless, Liceo Ninu Cremona, taħt it-tmexxija ta' Mro. Mark Gauci, ferrħu lil dawk preżenti b'siltiet mużikali. Saru wkoll għadd ta' preżentazzjonijiet ta' kotba minn diversi persuni lill-Librerija Pubblika. Il-Programm tmexxa mill-Kav. Joe M. Attard.



*Mix-xellug għal-lemin jidhru Joe W. Psaila, Charles Cilia, il-Kav. Frank Gatt, Anton F. Attard u l-Kav Joe M. Attard.*



*Ir-Rock Band fil-Librerija Pubblika.*

Biex jiġi mfakkar dan il-Jum Internazzjonali tal-Ktieb saru wkoll żewġ attivitajiet oħra fil-Librerija Pubblika, bil-kollaborazzjoni tal-*Literacy Unit* fi ħdan il-Kulleġġ t'Għawdex, li kienu jinkludu diskussjoni fuq il-proċess ta' kif jinkiteb ktieb, nhar il-Ħamis 24 ta' April fl-10.30 ta' filgħodu u sessjonijiet ta' qari nhar il-Ġimgħa 25 ta' April fid-9.30 ta' filgħodu.

Il-wirja baqgħet miftuħa għall-pubbliku sas-Sibt 3 ta' Mejju.

## *Preżentazzjoni ta' Ċertifikati u ftuħ ta' Wirja tal-Bizzilla Belġjana*

384 student Għawdxi rċevew ċertifikati wara li temmew b'suċċess korsijiet ta' arti u snajja. Il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati saret mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono waqt ċerimonja fis-Sala tal-Konferenzi l-ġdida fiċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġanat Wistin Camileri, f'Għajnsielem, nhar il-Ġimgħa 25 t'April.

Waqt iċ-ċerimonja, il-Ministru Debono qalet li x-xogħol marbut ma' l-industrija tas-snajja u artiġanat f'Għawdex jifforma parti minn kultura unika, li ġiet stabbilita matul iż-żminijiet. Hi sostniet li għalhekk huwa importanti li dan is-settur jiġi sostnut u mogħti l-għajnuna finanzjarja meħtieġa biex jibqa' jikber u jiġi espost mhux biss f'Għawdex u Malta, imma wkoll barra mill-gżejjer Maltin.



*Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono tidher tippreżenta ċ-ċertifikat fil-Graphic Design lil George Portelli*

Bħalissa qed jattendu madwar 1,081 student f'dan iċ-Ċentru bl-etajiet ta' l-istudenti jvarjaw minn 7 sa 87 sena. Filwaqt li qed jiġu offruti 45 kors differenti, qed isiru l-preparamenti meħtieġa biex fis-sena skolastika li ġejja (2008-2009) isiru ukoll korsijiet ġodda bit-temi ta' *Interior Design*, *Textile Artefacts*, *Landscaping* kif ukoll *Sugar Craft*.



*Uħud minn dawk preżenti waqt iċ ċerimonja tal-preżentazzjoni taċ-ċertifikati. Jidhru fost l-oħrajn il-membru parlamentari laburista Justyn Caruana, il-Prinċipal tal-Kulleġġ t'Għawdex, il-Kavallier Frank Gatt, Dr Grace Grima, Anton Portelli, l-ex kap ta' l-iskola Emanuel Saliba u l-Kap preżenti Joe Attard kif ukoll is-Sindku Francis Cauchi.*

Wara din iċ-ċerimonja ġiet inawgurata Wirja tal-Bizzilla Belġjana li ġiet organizzata mill Iskola tal Bizzilla Artofil fit-Temse, il-Belġju. Preżenti għal din il-wirja kien hemm il-Kap ta' l-Iskola Belġjana, id-Direttriċi Nadine Pauwels, is-Segretarja ta' l-istess skola Wally Thoma, l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, Yolanda Roels, li għamlet ukoll diskors ta' l-okkażjoni, kif ukoll numru ta' għalliema u Joe Attard, Kap ta' l-Iskola ta' l-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri, l-membru parlamentari laburista Justyn Caruana, il-Kavallier Frank Gatt, Prinċipal tal-Kulleġġ t'Għawdex, is-Sindku tal-Lokalità t'Għajnsielem, Francis Cauchi u Dr Grace Grima mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

## Tnedija tal-Ktieb "Wied Wirdien"



*Ninette Micallef, minn tas-Sliema, tidher tinterpreta' il-karattru ta' Antida.*

L-attività kienet it-tnedija Għawdxija ta' *Wied Wirdien*, wara li saret tnedija oħra ġewwa Malta l-Ħamis 24 ta' April. *Wied Wirdien*, kitba ta' Simon Bartolo u Loranne Vella u ppubblikat mill-*Merlin Library*, huwa t-tieni ktieb fit-triloġija tal-Fiddien. L-ewwel ktieb f'din it-triloġija, Sqaq l-Infern, kien ħareġ f'April tas-sena l-oħra, u fi żmien għaxar t'ijiem mill-pubblikazzjoni nbiegħu 1,000 kopja, rekord għal Malta. Din is-sena, kien hawn stennija kbira għal *Wied Wirdien*, tant li ġew ibbukkjati 1,000 kopja tiegħu saħansitra qabel ma ħareġ il-ktieb!



*Roberta Cauchi mill-Iklin, li ħadmet il-parti ta' Rose, omm Kristjan.*

It-tnedija kienet pjuttost inużwali, għaliex ħadet il-forma ta' reċtar ta' xeni mill-istorja. Din saret ġewwa ċ-Ċittadella *Centre for Culture, Arts and Crafts*. L-ewwel parti kienet xena interpretata minn Roberta Cauchi li ħadmet il-parti ta' Rose, omm Kristjan, li tkun għaddejja tredden u ttaqtaq fuq it-telefown meta, fl-aħħar tax-xena, tingħata aħbar ħażina. Naturalment l-udjenza ma tafx din l-aħbar x'inhi, għaliex din qiegħda ġol-ktieb. It-tieni parti, interpretata minn Ninette Micallef, kienet tal-karattru ta' Antida li qed issajjar pudina filwaqt li titkellem dwar xi ġralha tort tal-karattru kattiv tal-Fiddien. L-aħħar parti hija l-play qasira "Dr Agula", play li fl-istorja ta' Wied Wirdien il-karattri jmorru jaraw fl-okkażjoni tal-festa ta' *Halloween*.

Fl-aħħarnett, l-awturi Simon u Loranne kellmu lill-udjenza, irrispondew xi domandi kif ukoll iffirmaw kopji tal-ktieb tagħhom.



*Il-play "Dr Agula"*

## Jippreżenta t-Teżi Tiegħu lil-Librerija Pubblika



*George Refalo jippreżenta t-teżi tiegħu "Islands & Small States Studies" lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, fil-Librerija Pubblika ta' Għawdex.*

George Refalo, minn Kerċem u li joqgħod ir-Rabat Għawdex, ippreżenta t-teżi tiegħu tal-*Masters Degree in Islands & Small States Studies* lil-Librerija Pubblika ta' Għawdex. Il-preżentazzjoni saret lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajringa, ir-Rabat, Għawdex, nhar l-Erbgħa 23 t'April.

It-teżi ta' Refalo li biha kiseb il-*Masters Degree* mill-Università ta' Malta, titratta fuq id-Demokrazija fi gżejjer stati żgħar bħal ma hi Malta. Prinċipalment it-teżi minn barra li titratta l-istorja tad-Demokrazija u l-prinċipji tagħha u tiddeskrivi l-għala d-Demokrazija meta mqabbla ma' tipi ta' tmexxija oħra tibqa' l-aqwa forma ta' gvern, tanalizza ukoll il-għala stati gżejjer żgħar huma aktar possibbli li jkunu demokratiċi minn oħrajn kif ukoll anke meta mqabbla ma' pajjiżi oħra kbar l-aktar minħabba l-insularità tagħhom, l-omoġeneità u numru maniġġabbli tal-popolazzjoni indoġena.

Biss peress li dan ma jistax jingħad għal pajjiżi żgħar kollha imma biss għal xi wħud peress li l-istess elementi li jiffaċilitaw tmexxija demokratika fil-każijiet kuntrarji jawguraw ukoll tmexxija dittatorjali, l-awtur janalizza din id-differenza minn erba' aspetti prinċipali li huma l-ġografija, l-istorja, l-iżvilupp politiku tagħhom u r-reġjun li fih jinsabu. Minn dan l-analiżi jirriżulta li dawk il-gżejjer li l-aktar li kienu f'pożizzjoni strateġika u importanti u li kkontribwew matul il-ħakmiet barranin u differenti li ħakkmuhom u li konsegwenza t'hekk kienu l-aktar influenti fir-reġjun, barra l-iżvilupp politiku li trawwam f'moħħ l-indiġeni, ġie esperjenzat ukoll b'mod paralell l-iżvilupp ekonomiku u dak soċjali. Dawn flimkien ippermettew lill-indiġeni tal-post jibqgħu iħaddnu u jsaħħu l-prinċipji demokratiċi anke meta l-ħakkiema kolonjali tawhom l-Indipendenza. Fl-aħħar l-awtur iżda jinnota li f'dawk ir-reġjuni, fejn dawn il-gżejjer stati jinsabu u fejn illum minħabba l-kunċett ta' reġjonaliżmu dejjem jikber, l-istess kunċetti demokratiċi ma tantx qed jitħaddmu fost l-istess membri tar-reġjun, il-gżejjer stati żgħar li huma l-aktar vulnerabbli u dipendenti fuq l-istati ta' madwar, bejn għax jistgħu jkunu ta' theddida għall-qagħda politika ta' pajjiżi mhux demokratiċi u bejn għax huma dipendenti minn pajjiżi oħra li mhux neċessarjament huma demokratiċi, id-demokrazija fihom tibqa' dejjem mhedda jew imrażżna.

RIFLESSI — Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard

# GOZO 1234

Hux 99 attività qalulna li se jkollna f'Għawdex bejn l-ewwel u l-erbgħa ta' Mejju! U naħseb ftit kellna inqas jekk kellna! Ngħid għalija għamilt dak kollu li stajt biex nara ħafna minnhom imma tifhmu li ma kienx umanament possibbli li tlaħħaq ma' kollox! Iżda kellna varjetà sħiħa ta' attivitajiet għal gosti ta' kulħadd, imferrxa ma' ħafna bnadi fil-gżira tagħna. Naturalment mhux kollox mar perfett għax tinsewx li ninsabu mis-sema 'l isfel, imma żgur li l-Kumitat Organizzattiv għamel l-almu tiegħu biex jogħġob lil kulħadd. U ma naħsibx li xammar imnieħru u ma ħax il-pariri u l-idejat ta' ħafna. Forsi f'xi ħinijiet irrepeta ruħu l-iżball li l-aċċess għaċ-ċentru tal-belt Victoria ngħalaq kmieni wisq għat-traffiku jew dam magħluq iżżejjed. Hekk smajt sinjura tilmenta waqt li kont ninsab fejn Sabina. U dan l-ilment naħseb li ma baqax fl-ajru għax innutajt li uffiċjal kienet qed tieħu l-ilmenti tan-nies u kif jaħsbuha. Jien ukoll semmajt leħni u għidtilha lil din is-sinjorina li kienet armata bil-'*file*' u l-biro li ma kontx niddejjaq kieku sibt ruħi fost il-preżentaturi Maltin f'Għawdex nippreżenta xi serata f'pajjiżi waqt dan il-festival. Naħseb li sallum drajt wara l-mikrofonu u ma għandi l-ebda biża' minnu! Jalla issa dak kollu li niżżlet din is-sinjorina ma jibqax fuq il-karta!

Intant *Gozo1234* għadda u mar iżda żgur li se nibqgħu niftakruh għax insostni li kellna xalata ta' attivitajiet ta' kull xorta. Min iħobb il-palk kellu fejn jiddeverti għax seta' mar fl-ambjent sabiħ tat-tempji neolitiċi tal-Ġgantija, fil-*Bus Terminus* ta' Victoria, fil-pjazzetta u quddiem il-knisja parrokkjali tan-Nadur, fis-sala ta' l-iskola Primarja tal-Vajringa, fit-Tejatru ta' l-Opra Aurora, fiċ-Ċentru Parrokkjali tax-Xewkija, f'uħud mill-bajjiet tagħna, u fi bnadi oħra li bħalissa ma nistax niftakar. Tajjeb ferm kien il-kunċert li taw il-Kor *Laudate Pueri* fil-Bażilika Ġorġjana s-Sibt fil-għaxija u l-atmosfera li kien hemm wara, fuq il-bejt tal-knisja. Min iħobb jiekol kellu kemm-il okkażjoni jagħmel hekk – fil-pjazza ta' Santa Luċija, taħt Putirjal, fil-Kumpless ta' Mena f'nofs it-Triq ta' Marsalforn fejn hawnhekk tassew ħadt gost indur mad-dwieli ta' l-inbid u nħuf f'kampanja nadifa u sabiħa b'dehriet li jaqtgħulek in-nifs u fi rkejjen oħra. Id-dilettanti tan-nar ma ħargux iddiżappuntati, għax fis-sema ta' Marsalforn, tard bil-lejl tal-Ħamis, raw x'taf tagħmel id-Danimarka, barra l-ħafna xogħol ieħor mill-Italja u mill-gżejjer tagħna li rajna tiela minn fuq iċ-Cittadella fejn hawnhekk kellna wkoll ħafna attività għaddejja barra li nfetħu għall-pubbliku l-postijiet ta' interess flimkien ma' oħrajn mferrxin ma' gżiritna. Miftuħin ukoll kienu l-knejjes tagħna li huma ġawhar ta' arkitettura, pittura u skultura.



Kellna wkoll ħafna *guided tours* u passiġġati kif ukoll żjajjar lit-torrijiet tal-kosta. U xi ngħidu għas-swieq u l-wirjiet. Minn dawn kellna bir-rimi. Kemm ħadt gost inżur il-Wirja Permanenti tal-Presepji taħt il-Kurja ta' l-Isqof (ma nafx x'inhi r-raġuni li wirja sagra fil-Kurja baqgħet ma nfetħitx!) u l-iskola ta' l-Arti u s-Snajja' f'Għajnsielem! Fettilli wkoll niżfen għad-daqq u l-kant ta' l-*Astra Folk Group* u fil-Qala rajt ukoll il-*Menhir Qala Folk Group*. Minn Triq ir-Repubblika, s-Sibt filgħodu nzertajt tiela tieġ ta' żmien in-nanna mmexxi minn Michel Vella. Dħalt ukoll fil-*Gym* tas-Seminarju nara l-wirja dwar karrozzi u ajruplani u sibt ħin biex inżur xi *shelter*.

Kif għidtilkom fil-bidu kellna wisq fejn tmur u tiddeverti u trid tkun '*superman*' biex tlaħħaq ma' kollox. Żgur li miegħi jistgħu jingħaqdu kittieba oħra u jirrakkontaw l-esperjenzi tagħhom. Il-fatt hu li Għawdex gżira żgħira u matul l-ewwel erbat ijiem ta' Mejju rat ma' wiċċha ħafna nies u traffiku, u l-lukandi, il-*flats*, ir-restoranti, tal-ħwienet, tal-*Gozo Channel*, tal-*buses*, tat-*taxis* u kull min għandu xi toqba, mar tajjeb. U allura xieraq ngħidu Prosit lil kull min kien involut f'din l-attività kbira, li issa tiftaħ, fi żmien qasir, l-istaġun tal-festi f'Għawdex lejn tmiem dan ix-xahar. U dis-sena tal-Munxar għandhom festi speċjali – biss biss din hija s-Sena Pawlina!



## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

**Mġiba li ma kellha qatt isseħħ**

Fi stqarrija pubblika, Mons Mario Grech kompla jgħid li "rrid nuri d-dispjaċir tiegħi għal dak kollu li kien ta' ħsara għal dawn it-tfal. Jien nitlob maħfra lil dawk li batew minħabba din l-imġiba. Il-Knisja tixtieq takkumpanja lil dawn il-persuni li kienu nweġġgħin minħabba din l-imġiba."

**Karl Wright**, *il ĠENSillum, 5 ta' April 2008*

***Good Samaritans***

*On Saturday, March 8, the sun was shining so we decided to walk from Victoria via Sannat with coffee at Ta' Cenc, a stop for lunch at Mġarr ix-Xini, then walk along the coastal path ending up at Mġarr to catch the bus back to Victoria and on to Xlendi.*

*In the middle of the afternoon, halfway to Mġarr, it started raining and we were in the middle of nowhere with no shelter. In no time we were "soaked to the skin" and on reaching some recently-erected picnic tables on the coastal path, in sheer desperation of finding shelter, we turned inland up to a new concrete road surrounded by farmland.*

*Eventually we came to some houses, and as luck would have it, we saw two ladies outside a house. We stopped to ask where we might find a taxi as the wind was blowing and we being soaked getting very cold.*

*One of the ladies offered to take us to Mġarr to get a taxi - she emptied the back of her car, produced clean towels for us to sit on and ran us down to Mġarr.*

*We never asked her name, just so gratefully thanked her as we got out and she drove off. So we write to the Times to say a big thank you to this very kind, good Christian lady, for being so very kind to two, rather elderly strangers to these islands. Bless her.*

**Betty and George Heyowrth, Cornwall, UK.**
*The Times, April 4, 2008*

**Tiġik għolja!**

Jiena minn Għawdex kemm nista' nixtri mis-*supermarkets* għax dawk ma jagħżlux bejn xerrejja Maltin, turisti barranin u Għawdxin. Inkella ntella' minn Malta fil-bagoll tal-karozza.

Illum diġà bdiet miexja l-kelma li orħos tmur fuq *cruise* milli tmur Għawdex. Haġ' oħra: l-irċevuti fiskali. Tneħħi restoranti magħrufin, xhin titlob il-kont lill-wejter jgħidlek tmur fejn il-bank. Hemm jistaqsik tridx riċevuta bil-VAT! Dan biex ma nsemmix dawk tal-ħwienet żgħar u tar-ruxxmata gabbani.

**S. Cassar, Birkirkara**
*l-Orizzont, 8ta' April 2008*

**Bravo Benigni!**

*Mro Benigni... marvelled at the illustrations, some of which were painted by Ms Beisner in Gozo, saying he wanted to buy a house there. "If you paint like that in Gozo, it is an island of artists", he said...*

**Fiona Galea Debono**, *The Times, April 23, 2008*

**San Pawl ġarrab l-għarqa f'Għawdex?**

*In 1990, one of the greatest biblical scholars of the 20th century and a Dominican from Ecole Biblique of Jerusalem, M.E. Boismard, suggested, in a six volume study enti tled "The Acts of the Two Apostles", that St Paul's Shipwreck may have occurred on Gozo.*

**Fr. Peter Serracino Inglott** talking to **Nicole Bugeja**,
*The Sunday Times, March 30, 2008*

**Min jimplora u min jesplora**

Chris Said ħabbar ukoll li l-Gvern qed jesplora l-possibbiltà li l-MCESD ikollu Kumitat Reġjonali għal Għawdex li jkun jirrappreżenta lill-għaqdiet u organizzazzjonijiet Għawdxin.

**Charles Muscat**, *In-Nazzjon, 22 ta' April 2008*

**Grazzi mill-qalb!**

*I would like to express my gratitude to all the staff of the Gozo General Hospital. I would like to say thank you once more to all the doctors that visited me during my pregnancy, to all the nurses and midwives that gave me so much support during labour and afterwards...I would also like to thank the persons that continue to visit me at home to check how we are doing, and last but not least the Maltese government for the support given. The hospital is very clean, the babies are very well taken care of and I can say it is very rare to find something like this in Europe. Keep it up!*

**Alexandra Ene, Victoria**
*The Times, April 7, 2008*


Sizzlers

A La Carte • Take Away

Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo.

Tel: 21 566 599
Mob: 99 90 90 90
99 85 41 76



**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

*Kummentarju (2)*

# "KOLLOX JGĦADDI"!



*Kitba ta'* MARĊELL MIZZI

**Dawn iż-żewġ kelmiet "kollox jgħaddi" għandhom iżjed minn tifsira waħda.**

Jistgħu jfissru "kollox jispiċċa"; jew "kollox jispiċċa għalik meta tmut". Għandhom tifsira reliġjuża kif naqraw fl-ewwel kapitlu tat-tieni ktieb ta' "L-Imitazzjoni ta' Kristu" ta' Thomas à Kempis : "X'inti tistenna mid-dinja? Din id-dinja mhix il-post tal-mistrieħ tiegħek. Darek il-Ġenna. Ftakar li kollox ta' did-dinja hu transitorju. Kollox jgħaddi u int ukoll."

**"Kollox jgħaddi" jistgħu jfissru li "kollox xorta, tajjeb u ħażin", xogħol skond is-sengħa u xogħol ta' kafkaf. F'das-sens mhix attitudni tajba li naċċettaw li kollox jgħaddi. Min ikun bil-ġuħ u bil-għatx nikkonslawh jekk ma nagħtuhx ikel u xorb u ngħidulu li kollox jgħaddi!**

Min isofri x'inġustizzja xi darba jaqbillu ma jfittix rimedju, sakemm kawża fil-qorti taf meta tibda u ma tafx meta tispiċċa. Imma l-Gvern jagħmel sew li jħalli l-qrati hekk?

**F'Malta u Għawdex ħallejna għal bosta snin kollox jgħaddi. Ħallejna jinbnew djar, vilel u blokki ta' appartamenti kull fejn ħakmu l-ispekulaturi. Għall-bidu, xi għoxrin sena ilu, frustieri xtraw jew kienu jikru djar jew appartamenti. Imma ftit ftit il-prezzijiet bdew jogħlew u issa saru tant li dawk il-frustieri tan-Nord ta' l-Ewropa, li jridu jqattgħu vaganza fostna jew jirtiraw hawnhekk meta jixjieħu, qegħdin isibu jixtru jew jikru b'orħos band' oħra. Riżultat : ħafna djar u appartamenti vojta.**

Xi bini jkun sar b'self mill-banek. U hawn jista' jinqala' l-inkwiet meta min jissellef isib ruħu, wara xi żmien, f'sitwazzjoni li ma jkunx jista' jonora il-kuntratt. Jekk il-kuntratt ta' self mal-bank ikun b'kundizzjonijiet li l-ħlas lura jkun b'rati fissi kull tant żmien, b'imgħax kif jeżiġu l-banek, u li d-dejn jitħallas f'terminu ta' sentejn jew ftit aktar – il-periklu jkun li l-bank jitlob il-bejgħ tal-propjetà bis-subbasta u jagħmel l-offerta *animo compensandi* tal-flus li jkun silef.



**Kemm kawżi għaddejjin mill-banek kontra kumpaniji u anki koppji li jkunu ssellfu biex jixtru fejn joqogħdu u minħabba mard jew telf ta' impieg ma jkunux jistgħu jħallsu lura d-dejn! L-istess jiġri kontra kumpaniji ta' spekulaturi li ma jirnexxilhomx ibiegħu u ma jkollhomx flus xi jroddu.**

**Kollox jgħaddi! Fejn jgħaddu l-flats, djar, l-art tal-bini u propjetà oħra li jaqbdu l-banek? Għand l-azzjonisti? Ċerti kundizzjonijiet li jagħmlu xi banek ma' min jissellef, huma negozju ġust jew użura?**

Fid-dinja ħadd ma hu perfett u ma hawn l-ebda pajjiż li ma għandux xi difetti li jista' jirranġahom u jikkorreġihom. Aħna wkoll għandna ħafna x'nirranġaw u nikkorreġu. Nitolbu lill-qarrejja jagħtuna s-suġġerimenti tagħhom.




SMUGGLER'S CAVE

BAR • RESTAURANT • PIZZERIA

Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.

Tel: 21 551005 - 21 551983

Fax 21 559959

Full A La Carte Menu, Fresh Fish,

Take Away & Pizza.

HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



*"Picture Story".... "No Comments!"* *minn* **SEQER**

# IS-SWAR TAĊ-ĊITTADELLA...











ATTWALITÀ

# Is-Sitwazzjoni tal-"Full Employment"

## *Din tgħodd għal Għawdex ukoll?*



*Notamenti ta'* Saviour Grech

**Ix-xahar ta' Mejju jġib miegħu t-tifkira ta' Jum il-Ħaddiem u għalhekk ħsibt li jkun xieraq li fl-artiklu tiegħi ta' dan ix-xahar nagħmel kumment dwar il-qagħda tax-xogħol f'Għawdex. U dan il-kumment qed nagħmlu fil-kuntest ta' kummenti li qed isiru li pajjiżna riesaq lejn sitwazzjoni hekk imsejħa ta' 'full employment' u li se jasal żmien, speċjalment fil-qasam ta' l-informatika, fejn ix-xogħol jiġri wara l-ħaddiem minnflok ma l-ħaddiem joqgħod jiġri wara x-xogħol.**

### *Is-sitwazzjoni tax-xogħol f'Malta*

Fil-preżent, is-sitwazzjoni tax-xogħol f'Malta hija waħda tajba. L-istatistika uffiċjali turi li minn xahar għal ieħor in-numru ta' nies f'impjieg f'Malta dejjem jiżdied filwaqt li n-numru ta' persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol qiegħed dejjem jonqos. Kull minn jiftaħ il-ġurnali speċjalment dawk tal-Ħadd jista' jinnota għadd kbir ta' avviżi li fihom ikun hemm offerti ta' impjiegi. L-avviżi ppubblikati juru b'mod ċar li x-xelta ta' xogħlijiet offruti f'Malta hija kbira, u l-kundizzjonijiet marbuta ma' uħud minn dawn l-offerti tax-xogħol aktarx li jkunu attraenti ħafna. Ikun hemm avviżi ta' xogħol għal min għandu kwalifiki għoljin u jkun hemm avviżi ta' xogħol li għalih wieħed ma jkollux bżonn ta' kwalifiki għalihom.

Jidher li għall-ġejjieni din it-tendenza ta' żieda fix-xogħol f'Malta ser tkompli. Is-suċċess li Malta qed tikseb f'diversi setturi bħal dak tal- farmaċewtika, tas-servizzi finanzjarji, tat-teknoloġija ta' l-informatika, dak turistiku, u dak ta' l-*egaming* jidher li ser ikompli. L-entita Ewropea '*Business Europe*' ħabbret li r-rata tat-tkabbir ta' l-impjiegi se tiżdied minn 0.9% għal 1.2%. Huwa ċar ħafna li l-ekonomija Maltija mhux talli kellha l-ħila tilqa' għad-daqqiet li rċeviet meta industriji li kienu jimpjegaw mijiet ta' ħaddiema żarmaw u telqu għal pajjiżi fejn hemm pagi baxxi, iżda miexja dejjem 'il quddiem u b'ritmu dejjem iktar mgħaġġel.

### *Is-sitwazzjoni tax-xogħol f'Għawdex*

Sfortunatament il-qagħda tajba li Malta qed tirreġistra fl-ekonomija tagħha u konsegwentawment fil-qagħda ta' l-impjiegi mhix qed tiġi riflessa fil-gżira t'Għawdex. Fir-rigward t'Għawdex rarament jidher reklam ta' xi offerta ta' xogħol f'Għawdex. Għal kuntrarju ta' Malta, l-istatistika ippubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika turi li minn xahar għal ieħor **in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex qiegħed jiżdied**. Din l-istatistika turi li waqt li f'Malta f'Marzu 2008, ġie rreġistrat tnaqqis ta' 879 persuna minn dawk li kienu jirreġistraw għax-xogħol - meta mqabbel ma' l-istess xahar tas-sena l-oħra, **f'Għawdex in-nies li qed jirreġistraw għax-xogħol mhux talli ma naqasx talli żdied b'14-il persuna**. Din it-tendenza ta' żieda fil-qagħad f'Għawdex mhux fenominu ta' l-aħħar xhur iżda hija xejra li ilha tidher għall-aħħar snin. L-istess statistika turi li filwaqt li fis-sena 2002 in-numru ta' nies jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex kien jirrappreżenta 6.5 fil-mija ta' dawk kollha li kienu jirreġistraw għax-xogħol fil-gżejjer Maltin; fi Frar 2008 dan tela' għal 12.8 fil-mija ta' dawk kollha li qed jireġistraw għax-xogħol. Dan ifisser li **filwaqt li bħala medja fis-sena 2002 sitt persuni minn kull mija li kienu jirreġistraw għax-xogħol kienu Għawdxin, illum dan tela' għal tlettax-il persuna.** Altru milli f'Għawdex resqin lejn sitwazzjoni ta' 'full employment' jew li x-xogħol qiegħed jiġri wara l-ħaddiem.

### *Meħtieġa deċiżjonijiet kuraġġużi*

F'dawn l-aħħar snin ġew mnedija diversi skemi u ttieħdu diversi inizjattivi biex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' impjiegi f'Għawdex, u biex jgħinu fit-taħriġ kemm ta' studenti u nies qegħda. Permezz ta' dawn l-iskemi nħolqu diversi mpjiegi. Iżda jidher li dawn l-inizjattivi ma kinux biżżejjed. Żgur li ma kinux biżżejjed biex iżidu r-ritmu ta' żvilupp b'mod li jkun jista' joqrob lejn il-medja nazzjonali.

**Filwaqt li f'Malta l-investiment kemm minn intrapriżi Maltin kif ukoll investimenti ġejjin minn barra baqa' jiżdied, dak f'Għawdex speċjalment fejn jidħol investiment barrani kważi xxotta għal kollox. Hemm bżonn urġenti li ssir xi ħaġa biex tiddawwar ir-rotta qabel ma jkun tard wisq.**

PMC TOURS
GITI GĦAS-SAJF 2008
BIL-KUMDITA' TA' HOTEL WAHDA F'KULL GITA

2 – 9 t'Awissu
GERMANJA U SVIZZERA
*******
20 – 26 t'Awissu
LOURDES – SPANJA
*******
28 t'Awissu – 4 ta' Settembru
ITALJA TA' FUQ - AUSTRIA

*Dettalji mill-Agenzija John Portelli Ent.*
*Pjazza Indipendenza-Victoria Tel.21561212/3*
*jew PMC TOURS-Victoria Tel.21551004-79021033*

# FIL-ĠLIEDA KONTRA L-KANĊER...



## Għajnuna xierqa lit-tfal u lill-familji tagħhom

*Il-Kav. Joe M. Attard jintervista lil Dun Mikiel Xuereb, chairman Fondazzjoni Kenn u Tama*

**L-INTERVISTA**

***Dun Mikiel, x'inhu l-għan tal-Fondazzjoni Kenn u Tama? Dan kif isib it-twettiq tiegħu fil-prattika?***

Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-Fondazzjoni Kenn u Tama ġiet imwaqqfa uffiċjalment nhar l-20 ta' Mejju 2006. L-għan li għalih twaqqfet hu li tgħin lil ġenituri tat-tfal fit-trattament kontra l-marda tal-*cancer*, liema marda llum qed tippersisti ħafna mhux biss fl-adulti iżda wkoll fl-età bikrija tat-tfulija. U ngħinu lill-istess ġenituri meta huma wkoll jiġu involuti personalment minn din il-marda. Dan biex nassiguraw li s-sehem tal-Fondazzjoni jkun dejjem wieħed sħiħ favur il-familja. Din l-għajnuna li l-Fondazzjoni toffri m'hiex biss ta' natura finanzjarja iżda wkoll kull għajnuna oħra possibbli. Barra minn dan, il-Fondazzjoni tipprova tilħaq l-għanijiet tagħha billi tidħol aktar fid-dinja tal-bniedem marid u dan ukoll biex l-għajnuna tkun waħda effikaċi. Dan tħares lejh f'żewġ direzzjonijiet li huma "Kenn"; billi toffri diversi modi ta' għajnuna materjali kif ukoll "it-Tama"; li wara kollox kull nisrani hu fid-dover jagħmel dak li hu possibbli, il-kumplament inħalluh f'idejn il-Ħallieq biex bla dubju jagħti kull għajnuna mis-sema ħalli dak li jkun jintelaq b'rassenjazzjoni f'idejH.

***Kemm tinħass fostna l-ħtieġa ta' għajnuna lit-tfal u lill-ġenituri li jkollhom bżonn ta' kura barra minn Malta? Huma ħafna li jkollhom bżonn din l-għajnuna?***

Il-familji li jesperjenzaw mard ta' din il-kwalità jidħlu għal kollox f'dinja differenti minn dik li jkunu għexu fiha qabel. Dan narawh mill-biża', tensjoni u inċertezza li bla dubju jiddominaw il-persuna li tiġi fl-uffiċċju tirrikorri għall-għajnuna. Il-bżonnijiet li ġġarrab il-familja, meta tkun f'dan l-istat jeħtieġu idejn oħra biex jgħinu lil istess familja tintrefa mill-qagħda mwiergħa tagħha. "Il-bżonn iġagħlek tħabbat il-bibien ta' l-oħrajn"; ġieli stqarrew magħna xi familji. Bqajt dejjem nistaqsi lili innifsi; "Għaliex dan għandu jseħħ fostna meta llum il-ġurnata hawn min għandu flus għal kollox saħansitra għal tant kapriċċi?" Dan iġegħlna naħsbu ħafna miż-żmien li minnu għaddejja l-Fondazzjoni meta t-talbiet qed ikunu ħafna tant li xi drabi ma tkunx tista' tlaħħaq mad-domandi li jsirulha.

***X'inhuma d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfal u l-ġenituri tagħhom meta jmorru għall-kura fir-Renju Unit?***

Ġeneralment, id-diffikultajiet primarji huma dejjem il-finanzi. Dan minħabba li fejn tidħol l-akkomodazzjoni, jintalbu prezzijiet li l-familja ma tkunx tista' tħallas. L-istorja tkun aktar diffiċli għall-familja meta l-kura tieħu għal tul ta' żmien. Bħalissa, għandna familja żagħżugħa li minħabba din il-problema li qed insemmu kellha tiddeċiedi li tgħix fir-Renju Unit peress li l-kura trid issir kull erba' ġimgħat. Dan ifisser flus aktar għall-passaġġi ta' l-ajru u akkomodazzjoni li flimkien joħolqu sitwazzjoni ferm diffiċli. Ma dan li qegħdin ngħidu teżisti problema oħra; dik li meta jkun hemm distanza twila bejn il-post ta' l-akkomodazzjoni u l-isptar fejn tingħata l-kura ma jkunx dejjem possibbli għall-pazjent biex jivvjaġġa.

***Il-Fondazzjoni teħtieġ fondi għall-ispiża kapitali biex tinxtara dar u tiġi mgħammra b'dak li jkun hemm bżonn, u imbagħad tkun teħtieġ ukoll fondi rikorrenti sabiex id-dar tkun tista' titmexxa?***

Minħabba l-ammont kbir ta' flus li l-Fondazzjoni kienet qegħda toħroġ f'dik li hija akkomodazzjoni fir-Renju Unit, kellna proposti minn diversi persuni, ġeneralment benefatturi tal-Fondazzjoni, li jkun aħjar li jibda jitħejja pjan biex tinxtara dar hemmhekk. Għall-ewwel din id-dar kienet se tkun gewwa Kent; iżda wara li tlabna parir ġejna mgħarrfa li l-post ser ikun imbiegħed; fil-waqt li l-ispiża ser tkun ferm inqas. Għal dan il-proġett, il-Fondazzjoni kienet negħdiet "kampanja ġbir ta' fondi" li tajna bidu għaliha f'Lulju tas-sena l-oħra ġewwa l-pjazza



t'Għajnsielem. Għal din l-okkażjoni ġiet imtella' maratona ta' talent Għawdxi fejn il-konkorrenza kienet waħda ta' inkoraġġiment. Attività simili bħal din ser tkompli tiġi mtella' bħala l-attività annwali tal-Fondazzjoni. Barra minn dan isiru diversi attivitajiet oħra bħalma huma *coffee mornings*, *bazaars*, ikliet, eċċ, matul is-sena.

***Ftit tax-xhur ilu l-Fondazzjoni għamlet appell li tqassam fid-djar Għawdxin. Qed issib apprezzament min-naħa tal-poplu Għawdxi?***

F'Diċembru tas-sena l-oħra, l-Fondazzjoni għamlet appell lill-familji Għawdxin biex tingħata donazzjoni ħalli permezz tagħha nkomplu nsaħħu l-fond mwaqqaf apposta. Bħala l-ewwel appell kemm jien u kemm sħabi ħriġna sodisfatti, għalkemm seta' jsir ftit aktar sforz biex l-għajnuna tkun aktar b'saħħitha, iżda dan nistennewh fit-tieni appell li ser nagħmlu għal aktar donazzjonijiet fil-gżira Għawdxija f'Settembru li ġej u li nkunu aħna u voluntieri oħra li niġbruhom mingħand kull familja.

***Dun Mikiel, int bħala chairman tal-bord tal-Fondazzjoni Kenn u Tama x'tip ta' għajnuna tistenna mill-Għawdxin u mill-Maltin? Hi kwistjoni ta' ġbir ta' fondi biss jew hemm lok ukoll għall-ħidma tal-volontarjat?***

Jien bħala l-persuna li dħalt għal dan ix-xogħol flimkien ma' sħabi tal-Fondazzjoni nappella lill-poplu tagħna li jkun aktar sensittiv u konxju minn dak li qiegħed jiġri f'dan il-qasam li għalih ġiet imwaqqfa. Kull familja hija fid-dmir li taħseb għall-għajnuna biex tingħata lil dawk il-familji li sfortunatament ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' diversi tbatijiet. Wara kollox, dak li jgħaddi minnu ħaddieħor illum għada nista' ngħaddi minnu jien. L-għajnuna li tistenna l-Fondazzjoni mhix biss dik finanzjarja iżda wkoll is-sapport li jista' jingħata, bħalma ngħidu aħna *office attendant* almenu darbtejn fil-ġimgħa. Dan minħabba li l-istess Fondazzjoni ma tistax tħallas pagamenti għaliex il-flus li jidħlu bħala donazzjonijiet jiġu investiti f'għajnuniet aktar urġenti. Ma dan ukoll neħtieġu voluntiera għall-attivitajiet u xogħol ieħor li jista' jkun ta' utilità għall-istess skop.

***Kif jista' l-pubbliku jagħmel kuntatt mal-Fondazzjoni?***

Il-Fondazzjoni Kenn u Tama għandha l-uffiċċju tagħha fi Triq Fortunato Mizzi, numru 73, ir-Rabat, Għawdex. Il-kuntatt jista' jsir billi wieħed iċempel f'dawn in-numri: 21552390 jew 99866673 biex ikun jista' jsir l-appuntament. Barra minn hekk, jista' jintbgħat *e-mail* f'dan l-indirizz: *kennutama@onvol.net* jew iżur is-sit elettroniku *www.kennutama.com*

HILITE
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA

# Sabiħa d-dixxiplina!



*kitba ta'* **GEORGE N. CASSAR**

**Int favur jew kontra d-dixxiplina? Nistaqsi lil min nistaqsi, nagħmel imħatra ma nsibx wieħed fil-mija li d-dixxiplina jaraha żejda. Ir-raġuni hija sempliċi. Mingħajrha, is-soċjeta' titħarbat u nispiċċaw ilkoll kemm aħna fiż-żona l-ħamra, bil-periklu mdendel fuq rasna. Kollox jitgerfex, anki kunvent ta' rħieb jew sorijiet, bla dixxiplina ma jdumx ma jiġi f'ilsien in-nies.**

***Nibdew mid-dar.***

Bla dubju d-dar hija l-ewwel post fejn id-dixxiplina trid titfa' għeruqha 'l isfel. Ħafna drabi minn hawnhekk jiddependi jekk it-tfal, meta jikbru, jispiċċawx l-università jew il-ħabs. Hija d-dixxiplina li tiggwidahom u timmaturahom. Imma jiżbalja min jgħabbihom b'regolamenti bla sens, min joqgħod fuqhom bħal argużin, jippretendi li sa jġibu ruħhom ta' kbar u jagħmlilhom qorti meta jiżgarraw xi waħda. It-tfal jibqgħu dejjem tfal.

Min jaf kemm drabi smajna ġenituri, nies ta' l-affari tagħhom, igergru li ma jistgħux isibu rkaptu ta' wliedhom. Jgħidulek bl-ikbar sinċerità: "Xi kultant itellgħuhomli; jiżmagawni." Naturalment faċli tipprietka u tgħid x'għandu jsir. Kulħadd jifhimha li fejn tidħol id-dixxplina, m'hemm ebda formula maġika. Kulħadd hu dak li hu, u dak li jgħodd għal wieħed, ma' l-ieħor jew ma' l-oħra ma jaħdimx. Jidħlu fin-nofs bosta kriterji, fosthom l-età u l-karattru, it-temperament u l-burdati.

Sabiħa kemm hi sabiħa, id-dixxiplina taf taqlagħlek l-inkwiet u faċilment tista' tiżbalja meta tiġi biex tinforzaha. Imma jekk id-dixxiplina tibża' żżommha, tiżbalja iktar bil-goff. Irridu nammettu li xi ġenituri, iva, jibżgħu jagħfsu l-brejkijiet u jagħtu daqsxejn ta' kastig meta jkun hemm bżonn. Jaħsbu li jekk lil uliedhom jiqfulhom, jispiċċaw biex igerrxuhom u jitilfu l-imħabba tagħhom. Xi wħud, imbagħad, tant ifissduhom li kieku jistgħu, jagħmlulhom l-ilma jiżfen. Imma l-imħabba u l-fsied huma differenti daqs l-inbid u l-ħall. Sa l-qawl malti jwissina li l-fsied iħassar l-ulied. L-imħajjem jispiċċa jitla' fuq rasek u għandu mnejn jiġi żmien meta tkun tixtieq tinforza l-awtorità u ssib ruħek dahrek mal-ħajt. "Aħjar id-dmugħ tat-tifel meta għadu żgħir milli d-dmugħ tal-ġenituri meta t-tifel tfarfar u sar raġel," iwissina l-għaref Fulton Sheen.

Huwa fatt li id soda ma tagħmel deni 'l ħadd. Dan ma jfissirx li għandek tkun aħrax u żorr: li żżomm il-frosta f'idek, la kemm iċċaqċaqhielhom. In-nanniet kienu jemmnu li l-bastun ħareġ mill-ġenna. Illum dil-mentalità bengilnieha. Skoprejna li min jemmen fis-swat ikun qed jissogra li lil uliedu jtellagħhom aggressivi. Huwa ferm iktar għaqli tibqa' kalm u tuża ċerta tattika, u għala le, ċerta ħlewwa.

***Fl-iskola***

Wara d-dar titfaċċa mill-ewwel l-iskola. Hawnhekk ukoll id-dixxiplina hija indispensabbli xejn inqas mid-dar. Imma, ngħidha bla tlaqliq, ir-reġimentazzjoni ma tgħoddx għall-iskola. Qatt ma jgħaddili minn moħħi li fil-klassi jkun hemm dejjem is-skiet u l-ordni. Niftakar l-ewwel sena li bdejt ngħallem fil-Primarja, wieħed mill-għalliema anzjani għamilli din l-osservazzjoni : Il-klassi, qabad ifissirli, tista' xxebbaħha ma' tank kbir ta' l-ilma b'xi tletin tapp tas-sufra jgħumu ġo fih; int moħħok jħewden biex tgħaddashom 'l isfel waqt li huma, il-ħin kollu, iridu jitilgħu fil-wiċċ. Id-dixxiplina ripressiva ta' min jiċċensuraha. Jiena nifhimha li fejn hemm iktar ordni milli hemm bżonn x'aktarx li t-tfal sa jħossu ruħhom fgati; fi kliem ieħor, tkun qed toħnoqilhom l-inizzjattiva tagħhom. L-istil tad-dixxiplina, iktar milli fuq l-awtorità ta' l-għalliem, għandu jmil u jimmira lejn il-maturità tat-tfal u lejn ir-rispett reċiproku. Id-dixxiplina falza trażżan u tgħaffeġ, waqt li d-dixxiplina ġenwina tikkontrolla u tidderieġi.

L-inkwiet jibda meta terfa' rasha d-diżordni; hawnhekk tista' tgħid li d-dixxiplina tkun marret il-baħar. Ninsew għal mument il-każijiet rari fejn ikun hemm bżonn jissejjaħ il-psikjatra jew il-psikologu; jew il-każijiet l-oħra li jisgħobbija ngħid, qed jiżdiedu kull sena, ta' studenti arroganti li jkellmu lill-għalliema bil-herra, sa jaslu biex iħebbu għalihom, studenti li jekk ma neħdux ħsiebhom bis-serjetà, jispiċċaw mal-kriminali ta' għada. Minn riċerka li saret xi sena ilu, irriżulta li fl-iskejjel Maltin għandna ma' l-elf student/a b'imġiba diffiċli ħafna. Ta' min iżid jgħid li qabel iberraq fl-iskola, x'aktarx li jkun ilu jberraq u jriegħed mid-dar.



Imma mill-bqija, u hawnhekk naħseb li l-għalliema jaqblu miegħi, jista' jkun li dixxiplina m'għandix għax m'iniex qed inqajjem interess biżżejjed. Għandu mnejn għadni mkaħħal ma' sistemi antikwati jew qed naqa' u nqum mid-drittijiet u l-ħtieġijiet ta' l-istudenti. Jew forsi lil min jiflaħ b'wiżna qed ngħabbih b'wiżintejn jew inkella ma nafx inkun prattiku; ma nafx nagħlaq għajn waħda u widna waħda; kollox jagħtini fastidju u ma drajtx naċċetta l-iżball bil-qalb it-tajba. Kelma ta' tifħir li tiswa mitqla deheb inbati biex ngħidha u biex tagħqad, mhux ħlief ngħaddi kummenti negattivi u sarkastiċi. Forsi wkoll m'iniex inkun ġust ma' kulħadd; lil xi wħud qed nittraskurahom u qed ninsa l-obbligu li għandi li ebda musbieħ, nemniemi kemm hu nemniemi, ma nħallih jintefa. In-nuqqas ta' dixxiplina jista' jkun sempliċement kwistjoni ta' personalità; għandi jew m'għandix? Jekk personalità m'għandix, jaqbilli nżarma u nfittex impjieg ieħor, 'il bogħod mill-klassi.

*Fil-ħajja pubblika*

Wara d-dar u l-iskola, nidħlu f'żona usa', dik tal-ħajja pubblika. Hawnhekk id-dixxiplina tistimola l-progress u tħarriġna kif ngħixu man-nies u ta' nies, u trawwamna biex ma nweġġgħu 'l ħadd u nirrispettaw 'il kulħadd. Jiena bħala ċittadin għandi ħafna drittijiet, imma ma nistax nippretendi li nagħmel li jdoqqli moħħi; irrid nidra niddixxiplina lili nnifsi. Ma nistax, ngħidu aħna, naqbad u nsuq addoċċ, noħroġ narmi l-iskart fejn ġie ġie, nipprova naqbeż il-kju, inpejjep, nipparkja jew nibni fejn m'għandix jew, bla skruplu ta' xejn, niskarta minn fuq il-post tax-xogħol. Naħbtu agħar u agħar jekk min hu fuqi, responsabbli mid-dixxiplina, jagħlaq għajnejh, jew biex ikompli jgħaxxaqha, jitħajjar jabbuża bħali. Nafuha din, meta l-ħuta tinten minn rasha, l-intiena tibqa' nieżla sa denbha. Ir-regolamenti qegħdin hemm u jridu min iħaddimhom bla biża' u bla favuri, naturalment mingħajr ma wieħed jabbuża mill-uniformi li għandu fuqu, mingħajr żelu mbidded u skrupolożità żejda.

Semmejt ir-regolamenti. Niftakar, xi xahrejn wara l-ħatra tiegħu, l-editur il-ġdid kien kitbilna u wissiena biex ma nibagħtulux artikli twal. Jaf li t-tul jgħajjik u x'aktarx idejqek. "Mhux iktar minn elf kelma," qalilna. Il-kompjuter tiegħi kkalkulali li d-disa' mija diġa' qbiżthom sewwa. Għalhekk nieqaf hawn. Inkella jkollu raġun is-Sur Psaila jitkaża bija u jgħid f'qalbu: "Mur obsor għalih! Basta jiġi fir-rivista tagħna jippritkalna kemm hi sabiħa d-dixxiplina, imbagħad hu l-ewwel wieħed li jaqa' u jqum milli ngħidulu."




LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji



## MAMMA MIA

*minn* **Edoardo De Filippo,1945**
*(traduzzjoni min-Naplitan ta' Michael Grech)*

Minn filgħodu sa fl-għaxija
*Mamma Mia* tkun madwari
tant li x-xitwa ssir rebbiegħa,
għax nistħajlek miegħi f'dari.

Ir-riħ jonfoħ u jsejjaħli,
f'nofs oċjan nisma': "Ħanini".
Jekk neħtieġ kliem ta' pariri,
minn ġod-dlam dlonk Int tiġini.

*Mamma Mia*, mamma sbejħa...
għadni nħammem kemm-il darba
li wisq jiem matul is-sena
lil xulxin rajna bil-ħarba.

Iż-żagħżugħ kont li nqisni
l-iprem f'kollox prepotenti...
Ibnek jien verament sew
x'ħasra, ħasra l' Int assenti.

## NERĠGĦU MA' DJULEK, MA!

*minn* **Giuseppe Ungaretti,1930**
*(traduzzjoni mit-Taljan ta' Michael Grech)*

U l-qalb, meta b'taħbita aħħarija
ħa tmur tbatti, tħott il-ħajt imsejjes b'dell,
għalbiex twassalna, j'omm, fi ħdan l-Imgħallem,
bħalma dari għamilt, tnewlilna idek.
Għarkopptejk, b'fehma samma,
Int bħal statwa quddiem l-Etern
hekk kif kien jilmħek darba
meta kont għadek ħajja,
terfa' 'l fuq jirtogħdu dirgħajk xwejħin,
bħal f'dak il-jum li mitt
u tlissen : "Mulej, hawn jien".
U biss meta tiżgura li ħafrilna,
tiġik ix-xewqa li ddawwar ħarstek lejna.
Ser tiftakar b'liema ħerqa stennejtna,
U f'għajnejk ser ileħħ nifs il-mistrieħ.

## MHUX LA KEMM

*minn* **Alfred Grech**

Mhux la kemm, mhux la kemm
Tkun taf b'ruħ dak li nikteb,
Għalkemm għadek kemm qrajt il-vrus
Ta' fuq il-qoxra.

Bħal dixx mgħotti fil-forn
Hekk tqanqiliet ruħi
Jissawru fl-ingredjenti
Ta' dak li ngħid.

Fotografija li għandha minn tal-baħħ
Hekk ukoll jien;
'Il ġewwa ma jinfidx
Lanqas 'il barra minni.
Bħal bizzilla
Jew kannizzata
Ta' dak li tgħidlek mara mweġġa'
U int ma tifhimhiex.

Kull meta ma tkellimnix
Naħseb f'tilqit il-platt,
U kliemi hu marid sabiex nurik
L-uġigħ li nħoss.
Ixtri kemm trid maskri
U iżfen kemm-il żifna
Iżda ma tħajjarnix.

Fuq kollox,
Immidd idejja għalxejn
Għax xorta bqajt mistoħbi
Ħarstek għamiltha ċirku
U lili ma rajtnix.

**KOTBA**



*Minn Għawdex*

# ĠUNJU GĦADU JITKELLEM MILL-"QALB"!

**Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex, "Matul ix-Xahar ta' ĠUNJU", Gozo Press, 2008.**




Ma jingħaddux il-proverbji u tixbihat oħra marbuta mal-qalb. Ħafna drabi l-istess karattru u natural tal-bniedem huma mfissra b'espressjonijiet f'rabta mal-qalb. Jekk dan igħodd għal-lingwaġġ ta' kuljum, wisq u wisq iktar fil-ħsieb nisrani. Kien Kristu nnifsu li tkellem dwaru u fisser li hu *"ta' qalb ħelwa w umli"* waqt li l-profeta minn sekli qabel kien ħabbar li *"għad iħarsu lejn min nifdu"*, propju waqt l-ogħla att ta' mħabba li Kristu wriena fuq is-salib.

Dan qed jitwassal fi ktieb ieħor, did-darba mill-Isqof Emeritu Mons. Nikol Cauchi, permezz ta' meditazzjonijiet qosra fuq il-Qalb ta' Ġesù. Bl-istil ċar u mexxej tiegħu, l-awtur jittratta din id-devozzjoni l-ewwel u qabel kollox fid-dawl ta' katekeżi biblika, iżda wkoll f'dik liturġika, spiritwali u sagramentali. Imqassma fuq 30 ġurnata għax-xahar ta' Ġunju, il-ħsibijiet jintemmu b'talba qasira għal kuljum u huma miġbura f'ħames taqsimiet u dan jgħin biex wieħed jorjenta ruħu aħjar għall-frott spiritwali mixtieq.

Fil-qosor, barra mill-qima lejn il-Qalb minfuda ta' Kristu, l-istess Qalb tirrivela l-Persuna ta' l-Iben ta' Alla kif ukoll is-sentimenti u l-emozzjonijiet umani ta' Kristu. Dan kollu jservi ta' mera ta' qdusija u ta' virtujiet biex nagħrfu xi trid minna l-Qalb ta' Ġesù.

F'dawn ir-riflessjonijiet wieħed isib riferenza storika għal Santa Margerita, l-appostlu ta' din id-devozzjoni, iżda għandu wkoll għadd ta' siltiet minn diversi enċikliċi u stqarrijiet oħra tal-Papiet f'dawn l-aħħar żewġ sekli. Ta' min iżid ukoll li l-Papa Benedittu XVI kien ippubblika ktieb f'rabta mal-Kungress dwar il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (1981) u lanqas naqas li jsemmiha fl-enċiklika tiegħu *"Deus Caritas Est"* (2005).

Kif esprima Mons. Cauchi fid-daħla tal-ktieb, "din id-devozzjoni tista' ssir mhux biss fil-knejjes u fil-kappelli, iżda wkoll fid-djar, fl-iskejjel, fil-laqgħat ta' l-għaqdiet u anki privatament". Fl-aħħar wieħed isib żieda kemm tal-Litanija tal-Qalb ta' Ġesù kif ukoll ta' l-Att ta' Konsagrazzjoni personali u kollettiva.

Kopji ta' dan il-ktieb ta' 95 paġna, it-tieni wieħed fis-sensiela "Katekeżi u Spiritwalità" maħruġa mill-*Lumen Christi Publications*, jinkisbu mil-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex, jew direttament mil-*Lumen Christi Bookshop,* Victoria, għall-prezz ta' 5 ewro.

***Mons. Salv Grima***

GP gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

## Dawl għall-Ħajja

# INĦARSU L-AMBJENT

## 1 TAFU T-TAGĦLIM TAL-KNISJA DWAR L-AMBJENT?

(1) Kull ma hawn fil-ħolqien għandu valur fih innifsu.

(2) Il-ġid kollu ta' l-art huwa wirt uniku li jappartieni lil kulħadd.

(3) It-tqassim tal-ġid ta' l-art għandu jiġi
- regolat mill-ġustizzja
- użat bl-imħabba

(4) Ir-rata preżenti ta' konsum (ħala) u tinġis mhix tollerabbli.

(5) Il-qerda preżenti ta' l-ambjent hija waħda mill-aspetti ta' kriżi morali ta' żmienna.

(6) Il-pajjiżi għonja għandhom jieħdu bis-serjetà l-kwistjoni ta' l-istil tal-ħajja tagħhom. Huma qed jaħlu żżejjed mill-ġid ta' l-art, aktar milli jmisshom.

(mill-ktieb maħruġ mill-Vatikan, *From Stockholm to Jahannesburg: A Historical Overview of the Concern of the Holy See for the Environment,* Sister Marjorie Keenan)

## 2 ID-DEKALOGU BIEX THARES L-AMBJENT

(I) Iġbor l-iskart domestiku f'konterituri differenti.
Żomm separati dawn it-tipi ta' skart: il-karta, il-ħġieġ, il-mediċini skaduti.

(II) La tarmix fejn ġie ġie żejt maħruq jew batteriji skaduti.

(III) Ittestja regolarment il-magna tal-karrozza jew trakk tiegħek għall-ħala ta' petrol jew produzzjoni ta' dħaħen.

(IV) Agħżel karta riċiklata. B'hekk inkunu niffrankaw... u nsalvaw almenu siġra waħda.

(V) Naqqas l-użu tal-basktijiet tal-plastik...

(VI) La tpejjipx u tarmi l-fdal bl-addoċċ.

(VII) Iffranka l-enerġija. Baxxi t-temperatura tal-*heating system* b'żewġ gradi; itfi d-dawl fejn qed jixgħel għal xejn; f'darek uża bozoz li jiffrankaw il-konsum.

(VIII) Evita li tuża l-isprej (fwejjaħ jew deodoranti).

(IX) Irrapporta lill-awtoritajiet konċernati fejn qed isir it-tniġġis. Dawn huma reati. Tkun qed tevita li ssir ħsara lilek innifsek.

(X) Eduka għar-rispett lejn l-ambjent. Ibda miż-żgħar u kompli fl-adulti u fl-anzjani, fil-familja u fuq ix-xogħol.

(mill-*Bollettino Salesiano,* Diċ. 1992)

## 3 SEJĦA MIS-SANTA SEDE GĦAL STRATEĠIJA GĦAL AMBJENT AĦJAR

- L-individwi u l-komunitajiet bdew jibdlu l-istil tal-ħajja tagħhom għax għarfu li l-imġiba tagħhom għandha impatt fuq il-klima u fuq l-istat ta' l-ambjent.
- Għalkemm il-bidliet fil-*life style* jidhru żgħar, madankollu għandha valur kull inizjattiva li tnaqqas il-*carbon dioxide* bħalma hu li tevita t-trasport meta mhux meħtieġ u l-isforz ta' kuljum biex jitnaqqas il-konsum ta' enerġija.
- Jeħtieġ li titħejja strateġija li b'ċerta armonija tieħu f'konsiderazzjoni
  - il-ħtiġijiet tal-ħarsien ta' l-ambjent
  - it-tibdil fil-klima
  - l-iżvilupp ekonomiku

  u l-ħtiġijiet fundamentali tal-bniedem.
- Il-konsumaturi għandhom jifhmu li l-ammont tal-ħala (jew konsum) tagħhom għandu impatt dirett fuq is-saħħa ta' l-ambjent.

(siltiet mid-diskors ta' l-Arċisqof Celestino Migliore, Osservatur Permanenti fil-Ġnus Magħquda, 11 -12 ta' Frar 2008)

## 4 X'NISTGĦU NAGĦMLU GĦALL-AMBJENT

***Fuq ix-xogħol***

Iffranka l-materja prima billi tirriċikla l-karta, il-kartun, il-gazzetti. Daħħal karta riċiklata fil-post tax-xogħol.

***Waqt xi vjaġġ***

Uża l-karozza biss meta ma tistax tgħaddi mingħajrha.
Uża t-trasport pubbliku aktar ta' spiss.
Uża l-petrol bla ċomb.
Suq bil-mod. Tkun taħli inqas petrol u titfa' fl-arja inqas *carbon dioxide.*

***Waqt xirja***

Tixtrix oġġetti *disposable* li nħolqu apposta biex iservu għal ftit żmien. (bħal per eżempju *razors* għal-leħja). Hu l-baskett għax-xiri tiegħek.

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*












***F'xatt il-baħar***

Il-kosta tagħna m'għandhiex difiża. Hu ħsiebha għax dik l-unika WAĦDA LI GĦANDNA. Irrispetta l-ambjent tal-baħar… Tiħux id-dar pjanti jew bebbux, ukoll jekk ikunu sbieħ ħafna.

***Fil-ġnien***

Ibda żomm iż-żibel tal-frott, ħaxix u ħmieġ tal-ġnien bħala demel. B'hekk tnaqqas il-volum taż-żibel mormi. Agħżel fertilizzanti organiċi u tużax pestiċidi.

***Tkellem dwar l-ambjent***

Aħli anqas u għid lill-oħrajn biex jibżgħu għar-riżorsi tant prezzjużi…

(siltiet minn artiklu tal-Eco – Malta)

## 5 L-ILMA PREZZJUŻ!

*Skond stima tal-Ġnus Magħquda*

- L-umanità għandha bżonn ta' madwar 110 miljard tunnellata ilma fis-sena.
- Għalkemm fid-dinja komplessivament hawn disponibbli 13,000 miljard tunnellata ilma, ma hawnx tqassim ndaqs u ġust bejn ir-reġjuni diversi tad-dinja.
  *Eżempju:*
  *Ċittadin Amerikan juża medja ta' 250 – 300 litru ilma.*
  *Iżda fil-Gambja, Afrika, minħabba n-nixfa, kull ċittadin bilkemm għandu 4 jew 5 litri kuljum ilma.*
- Il-Ġnus Magħquda qalu li miljard u nofs bnedmin ma għandhomx aċċess għall-ilma nadif.
- Ma' dawn jiżdiedu żewġ miljardi u nofs-nies li jinsabu f'kundizzjonijiet iġjeniċi riskjużi, minħabba n-nuqqas ta' l-ilma.

## 6 L-ILMA UŻAH… IŻDA TAĦLIHX

**It-Taljan** jaħli 250 litri ilma kuljum.

**L-Isvizzeru** jaħli 230 - 240 litru ilma kuljum.

**L-Isvediż** jaf jiffranka: jikkonsma biss 180 litru kuljum.

**L-Ingliż** jikkonsma 160 litru kuljum.

**L-Awstrijak** jikkonsma l-istess ammont. (160 litru)

**L-Ispanjol** u **d-Daniż** jaħlu inqas – 150 litru.

L-aktar għaqli fl-użu ta' l-ilma huwa l-**Belġjan**. Jikkonsma biss 120 litru kuljum.

U aħna kemm naħlu ilma… għalxejn??

(Mir-Rivista: *Milizia Mariana*, Ottubru 2003)

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (65)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(L-ERBATAX-IL PARTI)*

## IL-PRIMAT TAL-PAPA

**Il-Knisja rċiviet minn għand Kristu s-setgħat kollha meħtieġa sabiex tkun tista' titmexxa kif imiss, u tilħaq il-għan li għalih ġiet imwaqqfa. Hija tgħallem lill-insara f'isem Alla, u treġihom. Il-membri tagħha kollha, żgħar u kbar, għandhom joqgħodu għat-tagħlim u għall-kmand tagħha, fl-ordni spiritwali, għax is-setgħa tagħha ġejja minn Alla.**

Sabiex tkun tista' tinżamm fil-Knisja, l-unità tal-fidi u tat-tmexxija, u la darba l-Knisja hija komunità li tidher, kien meħtieġ li jkollha Ras viżibbli, wara li Kristu, il-Fundatur tagħha, tela' fis-Sema u ma baqax jidher fost il-bnedmin. Kristu, għalhekk, qabel ma ħalla din l-art, għażel vigarju tiegħu u kap viżibbli tal-Knisja biex imexxiha f'ismu.

Skond it-tagħlim kattoliku dak il-mexxej magħżul minn Kristu nnifsu kien San Pietru, u lilu tah il-primat jiġifieri l-missjoni ta' ragħaj u kap tal-Knisja, flimkien mas-setgħat meħtieġa għal dik il-missjoni. Dan il-primat ta' Pietru għadda wkoll għas-suċċessuri tiegħu li huma l-papiet.

### *Il-Primat*

Tajjeb li ngħidu li l-primat jista' jkun ta' żewġ għamliet:

(i) **Il-primat ta' ġieħ**, meta xi persuna jkun jistħoqqilha qima iktar mill-oħrajn, jew tkun l-iktar magħrufa fosthom.

(ii) **Il-primat ta' ġurisdizzjoni**, meta wieħed ikollu l-missjoni li jrieġi lis-sudditi tiegħu bil-poter, li jagħmel liġijiet u jagħti deċiżjonijiet. Il-primat fil-Knisja huwa mhux biss wieħed onorarju, iżda wkoll primat ta' ġurisdizzjoni.

Il-Konċilju Vatikan I, (1870) fil-Kostituzzjoni *"Pater Aeternus"* fejn tenna t-tagħlim tal-Konċilju ta' Firenze, (1438-1445) tana wkoll tifsir iktar dettaljat dwar il-primat u l-missjoni ta' San Pietru u tal-Papiet suċċessuri tiegħu. Huwa ddefinixxa, li:

(1) San Pietru kien maħtur minn Kristu bħala Kap viżibbli tal-Knisja,

(2) li huwa rċieva minn għand Kristu, il-primat, mhux biss ta' l-unur iżda wkoll ta' ġurisdizzjoni, jiġifieri rċieva minn għand Kristu l-awtorità suprema li jgħallem u jiggverna l-Knisja kollha.

(3) Li huwa, bis-saħħa ta' l-istess istituzzjoni divina, għandu linja perpetwa ta' suċċessuri fil-Primat.

(4) Li s-suċċessuri tiegħu huma l-Papiet, ċioè l-isqfijiet ta' Ruma.

(5) Kristu nnifsu huwa r-Ras inviżibbli tal-Knisja u minnu ġejja kull setgħa li hemm fis-soċjetà mwaqqfa minnu. Huwa jibqa' magħha għal dejjem biex jiggwidaha, jrieġiha u jwieżinha

Barra minn hekk, il-Konċilju Vatikan I ikkundanna wkoll lil dawk "li jgħidu li l-Appostlu San Pietru ma ġiex imqiegħed minn Kristu, il-Mulej, bħala prinċep ta' l-Appostli kollha u bħala ragħaj viżibbli tal-Knisja militanti kollha, u li ma rċiviex direttament u mingħajr medjazzjoni ta' ħaddieħor, il-primat, mhux biss ta' l-unur, iżda wkoll ta' ġurisdizzjoni vera u propja."

**Il-Konċilju Vatikan II dwar l-istess suġġett jgħidilna li "l-Papa, minħabba l-uffiċċju tiegħu ta' Vigarju ta' Kristu u ragħaj tal-Knisja kollha, għandu fuq il-Knisja s-setgħa l-iżjed għolja u universali li hu jista' jeżerċita l-ħin kollu bil-libertà kollha...Il-Mulej qiegħed biss lil Xmun bħala blata u dak li jżomm l-imfietaħ tal-Knisja** (*cfr.* Mt 16,18-19) **u għamlu Ragħaj tal-merħla tiegħu kollha** (*cf.* Ġw 21,15ss.)" (*Lumen Gentium, n.22*).

### A. Il-Primat ta' San Pietru

#### *(1) Il-wegħda*

Il-primat ġie mwiegħed minn Kristu lil San Pietru. Difatti fil-Vanġelu ta' San Mattew (16,13-19) insibu: "Jiena ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet."

(i) Lil Pietru biss, mill-appostli kollha, li Kristu qallu li

huwa blata u li fuqha ser jibni l-Knisja tiegħu.

(ii) Pietru ma jistax ikun il-pedament li fuqu tinbena l-Knisja fis-sod, jekk ma jkollux l-ogħla awtorità li jgħallem u jrieġi lill-insara fil-ħwejjeġ spiritwali.

(iii) Il-ġurisdizzjoni suprema mwegħda minn Kristu hija primat veru, għax dak il-kliem Kristu qalu lil Pietru waħdu u mhux lill-oħrajn.

F'Luqa (22,32) naqraw "Jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Inti mbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek." **Kristu lil Pietru waħdu qallu li ser jitlob għalih, sabiex iżomm sħiħ fil-fidi u jsaħħaħ ukoll lill-oħrajn.**

Il-primat ta' Pietru huwa rikjest mill-funzjoni tiegħu bħala "prinċipju permanenti tal-unità fil-fidi u fil-komunjoni fil-Knisja, kif ukoll bħala pedament viżibbli tagħha."

***(2) Il-primat li kien imwiegħed ġie mogħti lil Pietru***

Wara li qam mill-mewt, Kristu, kif kien wiegħed qabel ma miet, ta lil San Pietru l-ogħla awtorità, billi qallu (Ġw. 21,15-19) "Irgħa n-nagħaġ tiegħi."

(i) **Dan il-kliem ta' Kristu kien indirizzat lil Pietru biss**, difatti sejjaħlu b'ismu "Xmun bin Ġwanni" u qabel, kien talab minnu stqarrija ta' mħabba personali; "Tħobbni int, aktar minn dawn?"

(ii) **Bihom ġie mogħti l-primat**, għax il-kelma "tirgħa" fil-kitbiet ta' l-awturi sagri u profani, tfisser xi setgħa li xi ħadd ikollu fis-soċjetà. Peress li din is-setgħa ngħatat lil Pietru biss, mela huwa għandu l-primat veru, li bih sar vigarju ta' Kristu u r-ragħaj ewlieni tal-Knisja.

(iii) **Il-primat ta' Pietru huwa fuq il-Knisja Universali** għax ġie mogħti s-setgħa li jirgħa kemm il-ħrief, kif ukoll in-nagħaġ. Il-membri kollha tal-Knisja, bla eċċezzjoni, huma suġġetti għal dik is-setgħa.

Din il-verità hija kkonfermata anki bil-fatt li San Pietru fehem li lilu ġie mogħti l-primat u għalhekk użah ukoll f'diversi ċirkostanzi, per eżempju fl-għażla ta' Mattija biex jieħu l-post ta' Ġuda, (Atti 1,15), fil-predikazzjoni tal-Vanġelu (Atti 2,14;3,6), meta Pietru aċċetta l-pagani biex jidħlu fil-Knisja (Atti 9,32), u fil-Konċilju ta' Ġerusalemm (Atti 15,7.12).

**B. Il-primat tal-Papiet, bħala suċċessuri ta' San Pietru**

Il-primat ta' ġurisdizzjoni fuq il-Knisja Universali, ġie mogħti mhux biss lil Pietru, iżda wkoll lis-suċċessuri tiegħu jiġifieri lill-Papiet.

Il-Konċilju Vatikan I jagħti l-anatema lil dawk "li jgħidu, li mhux b'istituzzjoni ta' Kristu jew bi dritt divin li Pietru fil-primat fuq il-Knisja kollha kemm hi, għandu s-suċċessuri perpetwi". **Il-Konċilju jikkundanna wkoll lil dawk li jgħidu li, "il-Papiet ma humiex is-suċċessuri ta' Pietru fil-primat."** Fid-digriet *"Unitatis Redintegratio"* (n.14) naqraw li "Għal ħafna sekli l-Knejjes tal-Lvant u tal-Punent għażlu li jimxu mit-triqat tagħhom għalkemm baqgħu marbutin flimkien f'għaqda ta' l-aħwa fil-fidi u fil-ħajja sagramentali. Is-*Sede Rumana* kienet tintervjeni b'kunsens komuni, meta kienu jqumu bejniethom kwistjonijiet dwar il-fidi jew id-dixxiplina."

L-istorja tixhed żewġ fatti dwar il-pożizzjoni tal-Papa fil-Knisja: l-isqfijiet ta' Ruma, iktar minn darba, ħadu passi u taw ordnijiet fuq djoċesijiet oħra li kienu barra mit-territorju tagħhom. Barra minn hekk djoċesijiet oħra fid-dinja kienu jħarsu lejn l-Isqof ta' Ruma, bħala dak li kellu xi preċedenza jew setgħa fuqhom.

Hemm tliet konklużjonijiet li rridu naslu għalihom, meta nitkellmu dwar il-primat tal-papa:

(i) **Kristu ried li l-primat ta' ġurisdizzjoni mogħti lil San Pietru jgħaddi wkoll għas-suċċessuri tiegħu.**

Kif jidher mit-testi kkwotati qabel, San Pietru ġie mqiegħed bħala pedament tal-Knisja, rċieva l-imfietaħ tas-saltna u s-setgħat li jħoll u jorbot, u li jirgħa l-merħla kollha. Iżda, Kristu ried li l-Knisja tibqa' sa l-aħħar taż-żminijiet, u din ma tistax iżżomm wieqfa, jekk ma jkollhiex min imexxiha bl-istess setgħat li kellu Pietru.

Ir-raġuni wkoll turina li sabiex il-Knisja tkun tista' tmexxi lill-insara ta' kull art u ta' kull żmien kif riedha tagħmel Kristu, kellha bżonn awtorità sħiħa u li tibqa'. Iżda din l-awtorità tilħaq aħjar il-għan tagħha, jekk tkun f'idejn persuna waħda milli f'idejn ħafna.

(ii) **Pietru mar Ruma u kien joqgħod hemm.** Mix-xhieda ta' ħafna kittieba ta' l-ewwel sekli, bħalma kienu Oriġene u Tertulljanu, kif ukoll mis-sejbiet arkeoloġiċi u mill-istqarrijiet tal-Knejjes orjentali, hu storikament ipprovat li San Pietru kien isqof ta' Ruma u dan il-fatt ma hu miċħud minn ebda awtur ta' l-antikità.

(iii) **Is-suċċessuri ta' Pietru huma l-Papiet u għalhekk, bi dritt divin, imisshom il-primat.** Din il-prerogattiva tal-Papa, matul l-istorja kienet rikonoxxuta mill-isqfijiet li qagħdu għall-ġurisdizzjoni tiegħu u għarfuh bħala ragħaj tal-Knisja kollha, b'setgħat fuq ir-ragħajja l-oħra, u mhux biss fuq l-insara komuni. Dan jidher ukoll mil-Konċilji Ekumeniċi li jiġu mlaqqgħin bl-awtorità tal-Papa u d-deċiżjonijiet tagħhom, jirrikjiedu l-approvazzjoni tiegħu.

**Il-primat tal-Papa, huwa setgħa ta' treġija sħiħa u suprema, hekk li ma hemm ebda poter fil-Knisja li l-Papa, ma għandux u l-anqas ma hemm ebda poter ieħor li huwa aqwa minn tiegħu.**

Hija setgħa ordinarja, ċioe marbuta ma' l-uffiċċju tiegħu bħala Ragħaj u Għalliem tal-Knisja Universali u mhux setgħa delegata lilu minn xi bniedem ieħor.

Fil-Knisja ma hemmx possibbiltà ta' appell għal xi awtorità umana ogħla minn dik tal-Papa rigward xi tagħlim jew deċiżjonijiet tiegħu.

It-tagħlim dwar il-primat tal-Papa, il-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n.182) jiġbru f'dan il-kliem: **"Il-Papa, isqof ta' Ruma, u suċċessur ta' San Pietru hu l-prinċipju perpetwu u viżibbli, u l-pedament ta' l-għaqda tal-Knisja. Hu l-vigarju ta' Kristu , kap tal-kulleġġ ta' l-isqfijiet, u ragħaj tal-Knisja kollha, li fuqha għandu l-Awtorità ġejja minn Alla, setgħa sħiħa, suprema, immedjata u universali".**

*(jissokta)*




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(L-Għaxar Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-KARRETTUNI (2)*

F'din il-parti nkomplu bit-tagħrif dwar il-karrettuni.

***Karrettuni oħra***

Kien hemm karrettuni użati għal xogħol ieħor billi fuqhom kien ikun hemm bettija jew kaxxa.

a) ***Karrettun bil-bettija*** għal tal-bexxiexa li biha dari kienu jbixxu jew ixarrbu t-toroq biex ma jtirx trab.

b) ***Karrettun bil-kaxxa tal-ħobż.*** Din kienet użata mill-bejjiegħa tal-ħobż li joħorġu jduru l-ibliet u l-irħula.

c) ***Karrettun bil-kaxxa taż-żibel jew tal-demel.*** Din kienet tintuża flok l-*iscammel* ta' llum biex iduru jiġbru ż-żibel mit-toroq. Il-Gvern kellu impjegat miegħu li jagħmel dan ix-xogħol.

d) ***Karrettun bit-tank tal-pitrolju.*** Dan kien ikun karrettun addattat b'tank tal-pitrolju fuqu li kien jintuża sas-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor biex il-bejjiegħa tal-pitrolju jduru bih mat-toroq tar-Rabat u ta' l-irħula biex ibigħu l-pitrolju.'Dawn il-bejjiegħa kellhom ukoll bhejjem differenti: ħmir, bgħula, u anki xi żiemel. Fis-snin ħamsin kien hawn xi għaxar bejjiegħa jduru mat-toroq tar-Rabat ibigħu l-pitrolju, fosthom l-għannej magħruf Fredu Spiteri. Kull bejjiegħ tal-pitrolju kellu l-għajta partikolari tiegħu.

***Il-Karrettun tax-xogħol***

Naraw issa kif kien isir u kif kien ikun magħmul karrettun tax-xogħol. Il-karrettun tax-xogħol hu l-itqal karrettun u l-aktar wieħed b'saħħtu li bih kienu jġorru l-merkanzija u l-prodotti tar-raba' għall-pitkaliji u għal fejn ikun hemm bżonn. Il-karrettuni li kienu jintużaw biss għall-ġarr tal-ġebel kienu bħal tax-xogħol, għalkemm daqsxejn akbar u aktar b'saħħithom.

Il-karrettun nistgħu naqsmuh f'żewġ partijiet ewlenin:

a) Ix-xatba.

b) Ir-roti u l-fus.

***Ix-Xatba***

Ix-xatba tkun magħmula minn żewġ lasti twal tal-fagu, injam jiflaħ għall-ġebel u għall-merkanzija għax jista' ***jirtakad***, jiġifieri jitgħawweġ taħt it-toqol bla ma jinqasam. Ma' dawn iż-żewġ lasti jkun hemm imwaħħla, permezz ta' viti, għaxar ***dwala*** jew ***dwali***. Din il-kelma għandha xi plurali oħra ***dalgħat*** u ***dlajja'***. In-naħa tal-bhima, xatba jkun fiha salib ta' Sant' Indrija u dalgħa oħra fit-tarf. Din l-aħħar dalgħa xi drabi tkun ġejja għat-tond. Dan ikun ifisser li dak il-karrettun ikun ġie addattat għal bhima akbar. Is-salib ta' Sant' Indrija, li jkun magħmul minn żewġ dalgħat imsallbin u mminċottjati fuq xulxin, isir biex ix-xatba tissoda u ma tiżlugax ruħha; mingħajr salib ix-xatba tiżżegleg minn naħa għal oħra. Ix-xatba tal-karrettun tkun dejqa min-naħa tal-bhima u wiesgħa fit-tarf l-ieħor. Għalhekk id-dalgħat ma jkunux indaqs fit-tul. Id-dalgħat jeħlu ***rsaltati***, jiġifieri mqabbżin 'il barra, fuq iż-żewġ lasti. Il-kelma ***dalgħa*** ġejja mill-Għarbi u tfisser ***kustilja***, għax fil-fatt il-***dlawa'*** huma l-kustilji tal-karrettun.

Fit-tarf taż-żewġ lasti, in-naħa tal-bhima, ikun hemm żewġ ***ħoloq*** ħoxnin tal-ħadid li fihom jidħol ***il-ganċ*** li mbagħad jistrieħ fuq il-***bardgħa***. Il-bardgħa hi dik il-parti tax-***xedd*** ta' fuq dahar il-bhima li tidher qisha 'V' bil-maqlub.

Taħt il-lasti nsibu wkoll: a) ***id-debba***, waħda ma' kull lasta li tkun biċċa injama li magħha jeħel il-fus tal-karrettun. b) ***Il-laqgħat tal-krikk***, li jkunu żewġ ħadidiet, waħda taħt kull lasta, f'sura ta' Ż____Ż, li ġo fihom tiġri l-lasta tal-krikk, u c) ***il-ħoloq tat-tiranti***, jiġifieri ħolqa taħt kull lasta ftit qabel id-debba li fihom jidħol ***il-ganċ tat-tiranti*** (parti mix-xedd). Bit-***tiranti*** l-bhima tiġbed il-karrettun bit-tagħbija li jkollu fuqu.

***Il-Gallerija***

Din tkun biċċa fuq wara tal-karrettun jew xarretta, użati l-iktar għad-divertiment, li magħha jistrieħ id-dahar tas-

sewwieq u ta' min ikun riekeb miegħu fuq wara. Ikollha għamla ta' poġġaman ta' gallerija tal-ġebel miftuħa, u minn hekk ħadet isimha.

*Il-Fus*

***Il-fus*** tal-karrettun tax-xogħol ma jkunx tond, imma kwadru. Ikun imwaħħal mad-***debbiet*** taħt il-lasti u ma jdurx. Il-fus bid-debbiet b'kollox ikun imwaħħal mal-lasti tax-xatba permezz ta' żewġ viti twal kull waħda. Fl-antik il-fus kien ikun ta' l-injam. Imbagħad beda jsir tal-ħadid għal aktar saħħa. Il-***fusien*** tal-ħadid kienu jsiru għand il-ħaddied li kien joqgħod fit-truf ta' Ħal Qormi. Dan kien jittronja dawn il-fusien bil-għajnuna ta' żiemel li kien idawwar il-fus bħal speċi ta' mitħna ta' l-ilma. Il-fus tal-karrettun fiż-żewġt itruf tiegħu kien ikollu żewġ ***boxxli*** (il-partijiet it-tondi) li kienu jidħlu fil-***buttun*** tar-rota. Meta l-fus jittiekel bid-dawrien kienu jgħidu ***"il-fus jofrogħ"***. Meta l-fus jofrogħ, ir-rota tibda ***ċċeflaq*** (iċċeflek), jiġifieri ma timxix għad-dritt, imma tiċċaqlaq min-naħa għal oħra. Allura l-fus kien jittieħed għand il-ħaddied biex jimlieh.



*Il-Krikk*

***Il-krikk*** huwa l-*brake* tal-karrettun. Jintuża l-aktar meta l-karrettun ikun f'xi niżla biex ma jkaxkarx il-bhima. Il-krikk ikun imwaħħal minn taħt il-lasti tax-xatba. Jikkonsisti f'żewġ lasti, waħda fissa l-oħra tiġri f'żewġ ħadidiet, imsejħa ***laqgħat,*** waħda kull lasta, u li jkunu mwaħħla bil-viti. F'nofs iż-żewġ lasti tal-krikk ikun hemm ***manku*** jew ***imradd*** tal-ħadid bil-kamin li meta wieħed idawru ***jorbot*** jew ***iħott*** il-krikk. Fiż-żewġt itruf tal-lasta li timxi jkun hemm żewġ ħadidiet għamla ta' ċoff vertikali li jkunu jaqblu biex irossu maċ-ċirku tar-rota tal-karrettun. Kull waħda minn dawn il-ħadidiet tissejjaħ ***ħakkieka***. Biex il-krikk jorbot aħjar, ma' dawn iż-żewġ ħakkikiet ġie li jqiegħdu xi biċċa lastiku jew qiegħ ta' papoċċ qadim! Il-ħakkieka tal-krikk tissejjaħ hekk għax hi l-parti tal-krikk li fil-fatt tħokk maċ-ċirku tar-rota biex trażżanha jew iżżommha milli tiġri.

*Ir-Roti*

Il-karrettun tax-xogħol jimxi fuq żewġ ***roti***. Ir-roti jduru fuq fus tal-ħadid b'żewġ boxxli fit-truf tiegħu. Meta fl-antik il-fus kien ikun ta' l-injam, ir-roti aktarx li kienu jduru bil-fus b'kollox.

Rota ta' karrettun tkun magħmula minn dawn il-partijiet:

*1. Il-Buttun*

***Il-buttun*** ikun magħmul minn injam tal-lewż jew taż-żebbuġa, inkella tal-fraxxnu. Jinħadem mill-mastrudaxxi fuq it-torn. Il-wiċċ tal-buttun jissejjaħ boxxla. Il-buttun ikun fih ukoll erba' ***ċrieki***, tnejn minnhom wieħed fuq kull naħa tat-toqob jew ***bejtiet*** fejn jeħlu ***l-imgħażel***, u t-tnejn l-oħra fit-truf ta' isfel tal-boxxla, kemm dik li tħares 'il barra, kif ukoll dik li tħares lejn ix-xatba.. Għalhekk, il-buttun hu l-parti ċentrali tar-rota.

*2. L-Imgħażel*

Ir-rota tal-karretun ikun fiha wkoll ***l-imgħażel***, b'kollox tnax. Xi karrettuni li m'humiex tat-tagħbija kien ikollhom roti b'erbatax-il magħżel. L-imgħażel, jew lasti tar-roti, ikunu magħmulin minn injam iebes ħafna u jiflaħ ħafna, imsejjaħ tal-***liċi***.

*3. Il-Korvi jew Gorbi*

Il-***korvi*** jew ***gorbi***, ***gorvijiet/gorbijiet***, ***gorbun/i***, ***graben***, huma injamiet ġejjin għat-tond bħal ħnejja rieqda (ħnejja segmentali) li minnhom tkun magħmula d-dawra tar-rota. Wieħed jissejjaħ ***korvu***, ***gorbu*** jew ***gorbun***. Ir-rota jkun fiha sitt ***gorbi/jiet***. Kull żewġ imgħażel jidħlu f'gorbu wieħed. Il-gorbi/jiet ikunu magħmulin minn injam tal-fraxxnu jew tal-fagu.

*4. Iċ-Ċirku*

***Iċ-Ċirku*** kien ikun magħmul minn virga tal-ħadid li l-imgħallem jaqtagħha u jilwiha kif irid u skond il-qies tar-rota permezz ta' għodda speċjali. Iċ-ċirku jkun imwaħħal mal-gorbi/jiet b'imsiemer apposta li jsiru lokalment, imsejħa "***tal-għamil***". Tal-għamil ukoll kienu l-imsiemer li jidħlu fit-toqob tal-fus tar-roti, biex ir-roti ma joħorġux. Mill-banda l-oħra dawn iż-żewġ imsiemer tal-fus kienu jkunu mtaqqbin min-naħa ta' isfel b'biċċa fildiferru għaddejja minn ġot-toqba biex il-musmar ma joħroġx biz-zamzim tar-rota u jintilef. Iċ-ċirku tal-ħadid iross il-gorbuni u jżomm ir-rota magħquda u sħiħa.

*(jissokta)*


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**

**Gozo Truck Transport**

Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

IMPRESSJONIJIET DWAR GĦAWDEX (6)

# KEMM INĦOBB 'L GĦAWDEX U 'L-GĦAWDXIN!



kitba tal-poeta ĠORĠ BORĠ

**L-ewwel darba li tlajt Għawdex kien meta kelli xi tmien snin. In-nannu Kalċ kien inkiteb biex jitla' Għawdex mal-Patrijiet Tereżjani ta' Triq il-Wied, Birkirkara u lili kien ħadni miegħu. Dan kien ħabta tas-sena 1954. Niftakar biss li qsamna l-Fliegu fuq vapur żgħir mgħobbi bix-xkejjer tal-ġwież u kulħadd ħallata ballata. F'Għawdex ħaduna diversi postijiet sbieħ u minbarra r-Rabat u Ta' Pinu niftakar sewwa d-dehra maestuża ta' Marsalforn.**

Meta kbirt ftit ieħor bdejt nitla' Għawdex ma' sħabi tal-MUSEUM billi s-superjur kien jeħodna kull sena. Aħna konna nqumu kmieni ħafna, biex ma ngħidx li ma konniex nistgħu norqdu bil-ferħ, ara kemm konna narawha kbira li ser immorru ġurnata Għawdex. Dan kien dejjem ikun fis-sajf u l-għawm ma kienx jonqos.

***Għawdex f'qalb il-Musewmin***

Niftakar ukoll li darba mort ġimgħa sħiħa (jekk mhux għaxart ijiem) mad-diriġenti ta' l-Azzjoni Kattolika u konna qgħadna f'dar kbira kważi tmiss mal-knisja ta' Sant' Antnin li hemm f'Għajnsielem. Il-ħelwa hi li jien f'ħajti qatt ma rfist l-għatba ta' l-Azzjoni Kattolika u dejjem trabbejt il-MUSEUM. Meta sar jaf is-superjur li kont sejjer Għawdex ma' ta' l-Azzjoni Kattolika xejn ma ħa pjaċir. F'dik il-ġimgħa kellna magħna lil Dun Philip Calleja. Konna għamilna mixjiet twal bil-lejl fil-kampanja Għawdxija, kellna għawm u logħob organizzat u darba għamilna ħuġġieġa kbira f'għalqa fil-qrib u qgħadna nduru magħha. Xi ħsieb spiritwali minn Mons. Calleja ma kienx jonqos. Konna ħafna tfal subien u ddivertejna kemm flaħna.



Meta sirt żagħżugħ u bqajt fis-Soċjetà tal-MUSEUM (kif għadni sal-lum) bdejt nitla' Għawdex ma' sħabi s-soċji xi ġurnata mat-tfal jew weħidna nqattgħu xi jumejn u konna noqogħdu l-aktar f'St Joseph Hotel, il-Qala. L-aktar li tlajt meta kont għadni fil-Qasam tal-Museum ta' Ħal Lija u kont nissieħeb ma' Tarċisju Sapiano li għadu jitla' Għawdex ta' sikwit sal-lum. L-għaxqa tiegħi kienet tkun meta nieqfu nitkellmu mal-bdiewa u dawn ikellmuna fuq ir-raba'. Kemm għerf bla miktub kellhom u x'ħila kienet dik tagħhom li josservaw il-ktieb tan-natura miftuħ quddiemhom. Ngħid għalija dejjem bqajt inżomm lill-bdiewa bħala nies intelliġenti, prattiċi u mimlijin sens komun. Mingħandhom tgħallimt xi kliem Malti minsi u kliem ieħor dwar pjanti, siġar u annimali.

Ma' Tarċisju u sħabi l-oħrajn tal-MUSEUM kont nitla' ta' sikwit anki fix-xitwa. F'dak iż-żmien il-vapuri tat-traġitt bdew isiru aktar attrezzati, bħalma kien l-*Imperial Eagle*, għalkemm kienu għadhom ferm il-bogħod minn dawk li għandna llum.

Darba ħriġna bl-idea li nieħdu biċċa kull darba u nimxu kemm nistgħu mal-kosta Għawdxija. L-ewwel darba mxejna minn taħt il-Forti Chambray sax-Xatt l-Aħmar. Darb'oħra lejn in-naħa ta' Mġarr ix-Xini u fuq l-irdum Ta' Ċenċ; id-darba ta' wara min-naħa tal-Bajjad għax-Xlendi. Naturalment, ma konniex ngħaddu dejjem mal-kosta, anzi xi drabi konna nitbiegħdu billi l-mogħdijiet ma kinux jippermettu. Niftakar waħda mis-sbieħ meta tlajna ma' l-irdum tax-Xlendi u għaddejna għall-Ponta tal-Wardija sal-bajja tad-Dwejra. Konna nimxu wkoll minn raħal għall-ieħor u darba mir-Rabat imxejna sa l-Għadira ta' San Raflu. Kien dak iż-żmien li kont xtrajt il-ktieb *Walks in Gozo* ta' H.H. Hick ippubblikat fl-1953, u għadu għandi sal-lum.

***Midħla ta' nies Għawdxin***

Billi ħafna drabi konna alloġġjati l-Qala sirna midħla ħafna tan-nies ta' hemm. Konna nieqfu nitkellmu mas-Surmast

Anton Buttiġieġ, u ma' Vitor l-iskarpan, missier Dun Anton Sultana, li miegħu għamilna ħbiberija kbira.

F'dak iż-żmien, darba dħalt bħala pazjent l-Isptar San Luqa u hemmhekk iltqajt mal kittieb u ġurnalista Għawdxi Koli Apap li nzerta kien pazjent ukoll u miegħu kont inqatta' siegħa tajba. Koli kien qalli li kien kiteb ir-rumanz "Bastjan iż-Żebbuġi" u li wara dan ir-rumanz beda jidher biċċa biċċa f' "L-Orizzont". Wara ltqajna f'Għawdex kemm-il darba. Kien f'dak l-ewwel inkontru li jiena ktibt il-poeżija 'Tgħidlix' li tiftaħ b'dawn il-versi : *Tgħidlix x'inħoss ġo fija / meta fuq Għawdex tiegħek / iġġorrni l-poeżija."*

### *Nebħa għall-poeżija*

Ma' din il-poeżija kont, aktar tard, ktibt poeżija oħra jisimha 'Aħna u Telgħin' dwar ir-raħal taż-Żebbuġ u ngħid x'ispirani biex niktibha. Niftakar tajjeb li kont f'lukanda żgħira r-Rabat (Victoria) u kienet lejlet il-festa ta' Santa Marija taż-Żebbuġ. Kont ma' Tarċisju Sapiano, li semmejt qabel, u ddeċidejna li neħduha bil-mixi għar-raħal taż-Żebbuġ. Kienu xi l-10.00p.m.

Qbadna t-triq u bdejna mexjin. Mela f'ħin minnhom titla' sħaba sewda u malajr bdiet nieżla xita bil-qliel. Ma kellniex fejn nistkennu u ħadna tixriba sewwa. Meta għaddiet is-sħaba qtajnieha li nkomplu t-triq u tlajna u gawdejna l-festa u sakemm wasalna biex immorru lura, il-ħwejjeġ nixfu fuqna. F'din il-poeżija kont ktibt li ma għandekx taqta' qalbek mat-telgħa taż-Żebbuġ għax fil-bogħod tista' tara l-fanal idur fuq l-Għolja Ta' Ġurdan u dwal oħrajn, sewwa sew bħall-ħajja li xi drabi tkun għat-telgħa u m'għandekx taqta' qalbek. Dawn iż-żewġ poeżiji jinsabu fil-ktieb tiegħi "L-Ilma tal-Wied" li kont ippubblikajt fl-1973.

Illum nispira ruħi biex nikteb mod ieħor. Ispirazzjoni ta' poeżija li ġietni f'Għawdex kienet meta kont l-Imġarr nistenna l-vapur u rajt żewġ qawsalli fuq xulxin. Dik kienet l-unika darba f'ħajti li rajt żewġ qawsalli f'daqqa. Wara ftit żmien, fis-sena 2004, ktibt 'Ix-Xemx u x-Xita' li ser nikkwota hawn u li tidher stampata fl-aħħar ktieb ta' poeżija tiegħi 'Mill-Blat Insawwar Ħolma' (2005):

*Darba x-xemx u x-xita ftiehmu / li jinħabbu ftit flimkien / kellhom wild: kienet qawsalla / b'seba' lwien.*

*U darb' oħra meta nħabbu / ma' xulxin / żewġ qawsalel dehru f'daqqa / dakinhar kellhom tewmin.*

### *Widien u bajjiet*

Bil-ftit il-ftit u bil-mixjiet twal li konna nagħmlu dorna parti sewwa mill-Gżira tat-Tliet Għoljiet. Jien l-aktar li jsaħħruni huma l-widien, b'Wied il-Lunzjata, li qisu presepju perenni, jiġi l-ewwel wieħed fil-lista. Sal-lum għad għandi nostalġija kbira biex nerġa' nżur Wied il-Mielaħ mhux bogħod mill-Għarb, il-Wied tal-Qliegħa li jispiċċa l-Qbajjar, Wied Sara u Wied Ħanżira u widien oħrajn bħal Wied tar-Ramla.

Fil-ġranet tas-sajf għomt, tista' tgħid fil-bajjiet kollha t'Għawdex. Ir-Ramla l-Ħamra mhux biss għomt iżda jien u sħabi tal-Museum (Malta) darba rqadna ġo kamp hemmhekk u sbaħna nammiraw iż-żerniq biex nassistu siekta għal dik il-meravilja kbira tan-natura. Meta kont immur ngħum fid-



daħla ta' Wied l-Għasri kont nistħajjel li hemmhekk iż-żmien waqaf għal kollox u li mort lura sekli kbar fl-istorja. Tassew li Għawdex huwa żgħir iżda mhux nieqes mill-ġmiel naturali speċjalment fejn il-bniedem egoist ma ħalliex impronti ħorox ta' saqajh u ta' idejh.

### *L-irħula Għawdxin*

Jogħġbuni wkoll l-irħula t'Għawdex kemm il-kbar, bħan-Nadur u x-Xagħra, u kemm il-villaġġi. Ix-Xagħra rqadt kemm-il darba u ħadt gost nisma' l-quddiesa fil-knisja tan-Nazzarenu daqskemm ħadt gost nimxi n-naħa opposta tal-knisja ta' Sant' Anton Abbati u lejn is-Sruġ. Jogħġbuni l-irħula ż-żgħar ta' Santa Luċija, Kerċem u l-Munxar. F'Sannat, darba fl-1980, jiena u sħabi tal-MUSEUM rqadna ġimgħa sħiħa u magħna kellna lil Mons. Charles Scicluna. li kien għadu seminarista. Kien hemmhekk li ltqajt u għamilt ħbieb ma' Dun Lawrenz Sciberras, iżda ma naħsibx li għadu jiftakarni.

Illum ma ngħoddx id-drabi kemm tlajt Għawdex biex naqta' ftit mir-rutina tax-xogħol ta' kuljum. Tlajt ukoll xi drabi biex nagħmel xi taħdita reliġjuża lill-membri sħabi tal-MUSEUM u aktar lill-poplu inġenerali f'xi Sajda Musewmina. L-aħħar darba li tlajt għal taħdita ta' din ix-xorta kien fil-Museum t'Għajnsielem.

### *Ħbieb Għawdxin*

Ħabta ta' xi erbgħin sena ilu, l-ewwel darba li ltqajt u kellimt lill-Prof. Ġużè Aquilina kien fit-Tokk u lill-poeta Ġorġ Pisani ħdejn il-venda tal-karrozzi tal-linja. Maż-żmien tħabbibt ma' kittieba oħra bħall-poeta Charles Bezzina li ġie li ħadni bil-karrozza f'postijiet interessanti f'Għawdex billi kemm-il darba stedinni biex inqattgħu ġurnata flimkien. Dan l-aħħar sirt naf ħabib ieħor tal-Malti u kittieb mill-aħjar, Joe Camilleri, li kont ilni biex insir nafu personalment.

Ma nafx għaliex, iżda għandi rokna speċjali f'qalbi għal Għawdex u żgur li nibqa' ngħożżha tul ħajti kollha. F'din ir-rokna nistħajjel li għandi lampa ċkejkna dejjem tixgħel b'rispett u b'imħabba lejn din in-nitfa ta' gżira li tiġbidni lejha ta' sikwit.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Dun Alwiġ Mizzi (1900 - 1972)

## 1. Ħjiel dwar ħajtu u ħidmietu

Dan il-qassis jibqa' mfakkar bħala dak is-saċerdot Sależjan li mexa fil-ħidma tiegħu wara l-ideali ta' San Ġwann Bosco, kemm fil-ħidma tiegħu f'Għawdex, f'Malta u anki fi Sqallija.

Twieled fl-1 ta' Settembru 1900 u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali tal- Għarb mill-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat u ngħata l-ismijiet ta' Lwiġi, Ġużeppi u Karmelu. Irċieva l-ewwel edukazzjoni fil-familja tiegħu, li kienet verament reliġjuża, filwaqt li ffrekwenta l-iskola elementari f'raħal twelidu.

Sa minn ċkunitu, Lwiġi kien devot kbir ta' San Ġwann Bosco, li f'dak iż-żmien kien għadu mhux beatu. L-imħabba tiegħu lejn dan il-qaddis bdiet minn meta kellu ħames snin. Dakinhar kien diġà beda jmur l-iskola u ommu, biex tħajru jmur bil-qalb, wegħditu li tixtrilu ktieb. Marret ir-Rabat u daħlet għand tal-kotba u talbitu jagħtiha wieħed bl-istampi. Dan ma tax kasha, iżda oħt sid il-ħanut weġbitha li kellhom xi ħaġa u proprju dan kien ktieb rigward Don Bosco. Dan ħalla impressjoni kbira fuq Lwiġi u hekk bdiet tinbet is-sejħa li jsir Sależjan.

Meta kiber u daħal fis-Seminarju Minuri mexa 'l quddiem ħafna fit-Taljan u għalhekk seta' faċilment jaqra dwar Don Bosco u l-ħidma tas-Sależjani. Kien iħobb jaqra l-*Bollettino Salesiano*, perjodiku ta' kull xahar li kien jisliflu l-Kanoniku Beneditt Axiaq tal-Għarb. Meta kiber xtara l-ħajja ta' Don Bosco miktuba minn Lemoyne, f'żewġ volumi, u qraha aktar minn darba. Kellu wkoll korrispondenza ma' Don Allegra li kien Direttur ta' l-Oratorju f'Tas-Sliema.

Ta' 18-il sena daħal bħala intern fis-Seminarju Maġġuri biex jibda t-triq għas-saċerdozju. Ġie ordnat djaknu fit-28 ta' Marzu 1925 u rċieva l-ordinazzjoni saċerdotali fit-2 ta' Awissu ta' l-istess sena, mill-Isqof Mons. Mikiel Gonzi. Iżda l-ħolma ta' ħajtu ma kinitx għadha twettqet kollha kemm hi. Kellem lill-Isqof tiegħu Mons. Gonzi u kiseb mingħandu l-permessi u ċ-ċertifikati meħtieġa biex jidħol mas-Sależjani. U hekk fil-20 ta' Diċembru 1926, ftit aktar minn sena wara li rċieva l-ordinazzjoni, mingħajr ma qal x'se jagħmel lill-ġenituri tiegħu, qabad u telaq lejn Malta.

Dun Alwiġ għamel l-aspirantat tiegħu bħala reliġjuż Sależjan fl-Oratorju tas-Sliema u wara ntbagħat Catania, fejn kompla n-novizzjat.

Fi Sqallija kien jieħu ħsieb in-novizzi kif ukoll ġie f'kuntatt ma' l-aktar mezzi moderni tal-kateketika, skond it-tradizzjoni Sależjana, kif ukoll mal-metodu tas-Sistema Preventiva mħaddma minn San Ġwann Bosco.

Issa ħajtu kellu jqattagħha daqqa f'Malta u daqqa fi Sqallija u anki f'Għawdex. Matul is-snin 1928 u 1931 kien Malta u sa l-1940 għaddihom fi Sqallija. Peress li f'dan iż-żmien bdiet il-gwerra ma' l-Italja, kellu kontra qalbu jitlaq minn hemm u jerġa' jiġi Malta.

F'Awissu ta' 1946, ma' tmiem il-gwerra, l-Isqof Ġużeppi Pace wera x-xewqa tiegħu li s-Sależjani jieħdu f'idejhom l-Oratorju li kien beda jibni Dun Pawl Micallef. Dun Alwiġ informa lis-Superjuri tiegħu u ntlaħaq ftehim bejnu u bejn l-Isqof. Għalhekk fl-1947 Dun Alwiġ intbagħat f'Għawdex biex jieħu ħsieb l-Oratorju. L-Isqof offrielu li jmur jiekol is-Seminarju u jorqod f'San Kalċidonju, li llum tissejjaħ Dar Manresa.

Din il-ħidma intensa fl-Oratorju kellha ddum għaxar snin, jiġifieri sa l-1957. Dun Alwiġ ħa ħsieb il-bini, kif ukoll organizza l-Oratorju magħruf bħala dak ta' Don Bosco, li għadu jiffunzjona sal-ġurnata ta' llum. Mhux biss ħa ħsieb it-tfal u ż-żgħażagħ, iżda ħaseb ukoll li jħajjar vokazzjonijiet sależjani.

Fl-1957 Dun Alwiġ ġie trasferit għal Cibali f'Catania. Huwa kompla l-aħħar fażi ta' ħajtu f'ħidma f'Pedara, u La Barriera. Ta' min isemmi li bejn l-1964 u l-1965 għadda xi ġranet tal-mistrieħ f'Għawdex. Daqqa kien joqgħod l-Oratorju u daqqa fid-dar tal-familja fl-Għarb. L-aħħar snin ta' ħajtu bata minn xi żmien ta' mard u nuqqas ta' dawl.

Meta nitkellmu dwar Dun Alwiġ ma nistgħux ma nsemmux il-ġenerożità tiegħu u kemm kkontribwixxa flus li kien jagħtih ħuh Joe, li għamel xi żmien jaħdem fl-Istati Uniti tal-Amerika, biex tinbena l-kappella ta' Sant'Anna fid-Dwejra.

Huwa ngħaqad mal-Mulej fis-7 ta' April 1972.

*(Din is-sensiela hija mibnija fuq il-ktejjeb "Dun Alwiġ Mizzi, Sależjan", miktub mill-Isqof Emeritu ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi).*

***Angelo Xuereb***

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

*Kummentarju (3)*

# Qed Tiżdied fid-Dinja il-Pornografija... Ħtija ta' l-"Internet"?



*kitba ta'* SUSAN MULVANEY

**L-aħbar tar-riżenja tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Finlandja, Ilkka Kanerva, wara li kien irrappurtat li bagħat messaġġi bit-telefon ċellulari lil żeffiena erotika, reġgħet qajmet il-kwistjoni tal-pornografija.**

Kanerva rriżenja wara li l-gazzetta *"Hymy"* allegat li ż-żeffiena Johanna Tukiainen bagħtitilha mill-inqas 200 SMS, fosthom wieħed jissuġġerixxi relazzjoni magħha u m'oħtha Julia, li taħdem fl-industrija tal-*films* pornografiċi. Il-messaġġi ntbagħtu kollha bit-telefon ċellulari li għalih qed iħallsu ċ-ċittadini Finlandiżi.

Skond is-sit ta' l-*ABC News* fuq l-*Internet* fit-12 ta' Frar, il-bejgħ tal-pornografija, f'xi forma jew oħra, fl-Istat Uniti biss huwa ta' 14-il biljun dollaru. L-istess artiklu jistma li n-numru ta' siti pornografiċi fuq l-Internet huwa ta' 4.2 miljuni li kuljum iżuruhom 40 miljun persuna!

L-isforzi tal-gvern federali Amerikan biex jikkontrolla din l-industrija li dejjem qed tikber ftit li xejn għamlu suċċess. Skond rapport ta' *Reuters* fid-19 ta' Settembru li għadda, l-investigazzjonijiet mill-*FBI* dwar l-oxxenitajiet li fihom dawn is-siti naqsu minħabba prijoritajiet oħra, bħalma huwa t-terroriżmu. Madankollu, azzjoni kontra l-pornografija li fiha hemm imdaħħlin it-tfal għadha qed tittieħed.

Il-qrati fl-Istati Uniti ukoll qed ikomplu jorbtu idejn l-awtoritajiet. Biżżejjed insemmu li skond il-*Washington Post* tat-23 ta' Marzu, is-sena l-oħra, imħallef fil-qorti federali ddikjara li l-att dwar il-protezzjoni tat-tfal mill-pornografija fuq l-*Internet* hu illegali għax imur kontra d-dritt ta' l-espressjoni ħielsa. Din il-liġi tagħmilha reat jekk dawk li jmexxu s-siti pornografiċi fuq l-*Internet* iħallu jarawhom lil min għandu inqas minn 17-il sena. Iżda l-liġi approvata fl-1998, qatt ma ġiet fis-seħħ għax kienet – u għadha – imblukkata minn sensiela ta' azzjonijiet legali.

Il-problemi fid-dinja minħabba l-pornografija fuq l-*Internet* jiżdiedu qegħdin u mhux jonqsu. Skond *The Age* ta' Melbourne tat-3 ta' Jannar, imħallef bagħat raġel 12-il sena ħabs wara li sabu ħati ta' stupru – pass pass kif rah isir fuq l-*Internet*. L-imħallef qal li l-immaġini tal-pornografija fuq l-*Internet* qed iżżid il-vjolenza sesswali. "Ix-xeni huma tant degradanti u umiljanti li żgur li ċ-ċensur kien jaqtagħhom minn kwalunkwe film li jkun se jidher fiċ-ċinema jew fuq it-TV. Iżda fuq l-*Internet* qegħdin hemm u jista' jarahom kulħadd," sostna l-imħallef fi sforz biex jikkontrolla kemm jista' jkun dan iż-żibel.

Artiklu li deher fl-istess gazzetta minn Maree Crabbe u David Corlett jgħid li r-riċerka turi li hemm relazzjoni bejn il-konsum tal-pornografija u l-aggressjoni sesswali mill-irġiel. Anki meta l-pornografija ma tkunx vjolenti, f'min jaraha tikber it-tendenza li jaċċetta l-vjolenza sesswali.

Rapport li ħareġ l-Awstralja s-sena l-oħra wera li hemm numru *record* ta' nies li daħlu f'siti pornografiċi fuq l-*Internet*. Skond is-*Sydney Morning Herald* tas-26 ta' Mejju, 35 fil-mija ta' dawk li jużaw l-*Internet* daħlu f'sit "adult" mill-inqas darba fit-tliet xhur qabel ma sar is-*survey*. L-artiklu jikkwota psikoloġisti jgħidu li **l-pornografija fuq l-*Internet* hija kawża għaliex qed jikbru l-problemi fiż-żwieġ peress li għall-irġiel din qed issir qisha droga. Qed isiru *compulsive users*.**



Il-gazzetta kkonfermat li "**l-impatt tal-pornografija fuq l-attitudni sesswali u r-relazzjonijiet bejn il-miżżewġin qed ikunu l-istess bħal dak li kellha l-pillola kontraċettiva fl-1961". Il-gazzetta qalet li l-pornografija saret mezz ġdid li qed ikisser iż-żwiġijiet: waqt li aktar irġiel qed "jiskru" quddiem il-monitor tal-kompjuter jitpaxxew bl-oxxenitajiet, in-nisa tagħhom huma mimlijin dieqa u qed jispiċċaw jiddubitaw jekk żwieġhom humiex ifittxu dawn l-immaġini moqżieża għax huma m'humiex jissodisfawhom. U dawn in-nisa qed jimtlew inkwiet li jwassal għad-dipressjoni!**

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (5)** — *minn* **JOHN CREMONA**

# Qabel il-brejkwater...il-vapuri...it-terminal...




*Vue prise à l'isle de Gozzo*

Meta wieħed iħares l-ewwel darba lejn il-litografija li qed nippubblika jsib diffikultà biex ixebbaħha ma' xi post f'Għawdex, aktar u aktar issa li l-post inbidel bħal lejl min-nhar.

L-istampa ta' llum hija x'aktarx l-ewwel veduta li teżisti tal-port ta' l-Imġarr. Hija meħuda mill-ktieb V*oyage en Amérique, en Italie, en Sicile et en Egypte, pendant les années 1816, 1817, 1818 et 1819* ippubblikat minn Edouard de Montulé f'Pariġi fl-1821. Il-ktieb fi tliet volumi jiġbor fih kollezzjoni ta' ittri miktuba minn Edouard de Montulé, Kavallier ta' l-Ordni Rjali tal-*Légion d'Honneur* waqt vjaġġ li huwa għamel fl-Amerika, l-Italja, Sqallija, Malta u l-Eġittu.

Il-litografija turi veduta romantika tal-port ta' l-Imġarr li għalkemm fl-interpretazzjoni tagħha l-artist uża xi ftit il-liċenzja artistika, xorta waħda tagħtina impressjoni ta' kif kien jidher il-port fil-bidu tas-seklu dsatax. Jiddomina x-xena t-Torri Garzes jew ta' San Martin mibni fis-sena 1605 bil-flus imħollija mill-Gran Mastru Martin Garzes biex iħares il-fliegu. Dan kien parti minn pjan għad-difiża ta' Għawdex rakkomandata mill-Inġinier Rinaldini. Din hija waħda mill-veduti rari li juru kif kien it-torri qabel twaqqa' fi żmien l-Ingliżi. Jidhru wkoll xi binjiet li għadhom hemm sallum kif ukoll il-moll waħdieni li kien hemm. Fuq ix-xellug tidher it-triq l-antika kif ukoll struttura kurjuża mibnija minn ġebel kbir. Jekk wieħed illum jara t-triq il-qadima li tgħaddi minn taħt is-santwarju ta' Lourdes għadu jista' jara ġebel kbir li bih hija mibnija t-triq. Altru li l-Imġarr ta' llum huwa differenti minn dak ta' 187 sena ilu!

Il-litografija intitolata *Vue prise á l'isle de Gozzo* ġiet disinjata minn Montulé nnifsu u saret litografija minn Brocas. Il-qisien tagħha huma 155mm x 105mm u hija l-unika veduta ta' Għawdex li tidher f'dan il-ktieb flimkien ma' oħra ta' Malta li hija stampata fl-istess paġna.

Biex wieħed jifhem ir-rarità ta' stampi bħal dawn ser ngħid l-esperjenza tiegħi dwar din l-istampa. Ilni naf b'din il-veduta partikolari madwar għoxrin sena iżda qatt ma rnexxieli nsir naf minn fejn kienet meħuda jew f' liema ktieb kienet ġiet ippubblikata. X'aktarx li stampi bħal dawn li kienu jiġu inklużi ma' dawk ta' pajjiżi oħra, kienu jinqatgħu mill-kotba u jsibu triqithom lura lejn il-pajjiż li jirrappreżentaw. Tentattivi biex insir naf aktar informazzjoni ma swiet għal xejn. Illum grazzi għall-internet, irnexxieli naqbad tarf billi fittixt taħt l-isem ta' l-awtur Montulé. Dan tani l-isem tal-ktieb iżda li ma kien fih ebda riferenza għal Malta. Staqsejt permezz ta' *e-mail* lil min kien qed jipprova jbiegħ dan il-ktieb fi tliet volumi u f'temp ta' ftit minuti bagħatli l-informazzjoni li kont neħtieġ u solvieli dak li kont ilni nistaqsi dwaru dawn l-aħħar għoxrin sena. Biex wieħed jifhem aħjar kemm huwa rari ktieb ta' din ix-xorta, bħalissa jinsab għall-bejgħ għas-somma ta' €47,000.




# Prodotti Għawdxin għall-fejqan tal-Granmastru

**Id-dokument numru mija erba' u sittin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar spiża li għamlet l-Università biex tipprovdi prodotti Għawdxin lill-Granmastru li kien qiegħed jistejqer minn marda. L-ispiża tinsab reġistrata fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1707–1708), folji 67 (NAG, UG, *Acta*, 10 (1707–1708) f. 67).**

Din hi traskrizzjoni tad-dokument:

*Signore Notaio Luigi Grech, Giurato e Tesoriere di questa Università del Gozo, trattenerete l'infrascritta somma che d'ordine nostro havete speso in atto di visita e congratulatione della ricuperata salute del Serenissimo Principe nel suo giardino della Ballut in Malta, li 22 maggio 1708, come siegue, cioè...*



Fil-bidu tas-sena 1708, tliet mit sena ilu, il-Granmastru Raymond Perellos y Rocaful (1697-1720) kien marad sewwa. It-tobba, milli wieħed jista' jaqbad minn dak id-dokument, kienu tawh parir biex imur għall-arja tal-baħar biex jerġa' jieħu r-ruħ. Hekk għamel u mar għal xi żmien f'dar sinjorili mdawra minn ġnien sabiħ il-Ballut, Malta.

Dan il-Granmastru kien midħla kbira ta' Għawdex u kien jaf bl-ikel bnin li tipproduċi l-gżira. U x'naf jien, wera x-xewqa ma' xi ħadd li tul il-konvalexxenza jipprovdulu ikel għawdxi. L-Università ma qagħdetx lura milli tagħmel dan kif jixhed dan il-kont.

Tul iż-żmien li dam il-Ballut, l-Università pprovditlu kontinwament prodott Għawdxi bnin. Fost l-oħrajn xtrawlu: *Vitella di latte* – għoġla tal-ħalib; *Due montoni* – żewġ imtaten; *Sedici polli d'India* – sittax-il serduq ta' l-Indja, jiġifieri tal-Kina; *Dodici galline* – tużżana tiġieġ; *Dodici pollanche* — tużżana sriedak; *Ventiquattro pollastre* – żewġ tużżani ħissien; *Ventiquattro piccioni selvaggi* – tnax-il par tudun; *Sardo rotoli due e mezzo* – ratlejn u nofs (nofs wiżna) ġobon; *Sayne rotolo uno* – ratal xaħam jew grass; *Gicoza di montone rotoli cinque* – ħamest irtal (wiżna) laħam, aktarx robbu, tal-muntun; *Un tumono di furmenti pannizzati* – tomna ħobż mill-abjad; *Sei formagelli grandi* – sitt ġbniet mill-kbar; *Pane* – ħobż; *Mezza quartara vino di Sicilia* – nofs kwarta (jiġifieri ġarra, 10.80 litri) inbid ta' Sqallija; *Mezza quartara vino di primo terreno* – nofs kwarta nbid ta' art tajba.

L-ispiża għal dan l-ikel, it-trasport minn Għawdex għal Malta, u ħwejjeġ oħra swew lill-Università 45 skut u 5 irbgħajja, li jiġu € 8.81. Il-ħlas sar nhar it-22 ta' Mejju, 1708. Kienet somma kbira għal dak iż-żmien. Iżda għall-Granmastru kollox tagħmel.

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

## Passiġġata Biblika - 36

*"Dan ir-raġel hu għodda maħtura minni biex iġib ismi quddiem il-ġnus, is-slaten u ulied Iżrael. U jien stess nurih kemm għad irid ibati minħabba f'ismi" (Atti 9:15)*

# FIT-TRIQ TA' DAMASKU MAĦTUR L-APPOSTLU TAL-ĠNUS

**minn Fr. Charles Buttigieg**

*Is-Sena Pawlina*

**Is-Sena Pawlina li tibda mis-Sollennità ta' San Pietru u San Pawl ta' din is-sena u tkompli sad-29 ta' Ġunju 2009, fl-okkażjoni tal-elfejn sena mit-twelid ta' San Pawl, ġiet imnehdija mill-Papa Benedittu XVI nhar it-28 ta' Ġunju 2007 waqt it-Talb tal-Vespri fil-Bażilika ta'** ***San Paolo Fuori le Mura*** **f'Ruma quddiem il-preżenza ta' numru kbir ta' Kardinali u Isqfijiet minn mad-dinja kollha. Ħafna huma dawk iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u ekumeniċi u attivitajiet oħra previsti li se jiġu ċċelebrati matul din is-sena, kemm f'Ruma u kif ukoll mad-dinja kollha b'mod partikulari f'dawk il-komunitajiet evanġelizzati mill-Appostlu tal-Ġnus innifsu, fosthom il-gżejjer tagħna. Għalhekk għażilna li matul din is-Sena Pawlina, nagħmlu passiġġata biblika flimkien ma' San Pawl, bl-għajnuna tal-messaġġi li jagħtina permezz ta' l-ittri tiegħu. Illum ser nagħtu ħarsa lejn ħajtu u l-kitbiet tiegħu b'mod ġenerali.**

*Sawlu minn Tarsu*

San Pawl twieled fil-belt ta' Tarsu taċ-Ċiliċja, fil-Lvant tat-Turkija tal-lum madwar is-sena 8 W.K., billi l-istudjużi jikkalkulaw it-twelid tiegħu bejn is-sena 5 u 10 W.K. Kien Lhudi minn familja fariżajka mill-Ġudeja, eżattament mit-tribù ta' Benjamin, kif ukoll kien ċittadin Ruman. Ta' tmien t'ijiem għamlulu ċ-ċirkonċiżjoni u tawh l-isem ta' Sawl, isem li jfisser 'il-mixtieq', għall-ewwel re tal-poplu Lhudi Sawl, li kien proprju mit-tribù ta' Benjamin (ara Filippin 3:5). Skond id-drawwa tal-Lhud tad-djaspora ġie mogħti ukoll it-tieni isem bil-latin '*Paulus*', li jfisser il-'qsajjar'. Bħala żagħżugħ mar Ġerusalemm u tħarreġ bir-reqqa fil-ħarsien tal-Liġi tal-Lhud bħala Fariżew f'riġlejn Gamaljel, fl-iskola moderata tal-Hillel, bejn is-snin 24 u 30 W.K. (ara Atti 22:3), iżda żgur li ma kienx f'Ġerusalemm meta Ġesù beda l-ministeru tiegħu. Ftit wara beda persekuzzjoni kontra l-ewwel insara: **"Biż-żelu li kelli, ippersegwitajt il-Knisja"** (Filip 3:6). Mhux ta' b'xejn li A. Deissman laqqam lil San Pawl bħala 'kosmopolita', bniedem ta' tliet kulturi, dik lhudija, griega u rumana f'persuna waħda.



TARSU



DAMASKU

Assista fis-sena 35 W.K. għall-martirju ta' San Stiefnu meta kien għadu żagħżugħ (ara Atti 7:58): **"għax dak li għamilt, għamiltu bla ma kont naf, billi kont għadni bla fidi"** (1 Timotju 1:13). Kien proprju f'din il-fehma ta' persekuzzjoni li ltaqa' ma' Ġesù fi Triq ta' Damasku: **"Jien u sejjer lejn Damasku, ħabta ta' nofsinhar, dawl kbir mis-sema idda madwari f'daqqa waħda. Waqajt fl-art u smajt leħen igħidli: "Sawl, Sawl! Għaliex qiegħed tippersegwitani?"** (Atti 9:4). Din il-laqgħa ma' Kristu fi Triq ta' Damasku tibdel b'mod radikali l-ħajja ta' Pawlu. Ġrajja tassew kbira li biddlet l-ideal ta' Pawlu u li jixraq isir ukoll il-ġublew għaliha li jfakkarha meta jasal il-waqt (ara Galatin 1 u Atti 9, 22 u 26).

*Pawlu, il-Missjunarju ta' Kristu*

Huwa proprju fl-Atti ta' l-Appostli ta' San Luqa l-Evanġelista, li kien infatti s-sieħeb ta' Pawlu fil-ħidma missjunarja u li kellu kapaċità letterarja, li nsibu narrazzjoni ordnata tal-ħidma missjunarja ta' Pawlu. Wara l-konverżjoni Pawlu jsir ħolqien ġdid fi Kristu, tgħammed minn Ananija u mar jagħmel żmien irtirat fid-deżert fl-Arabja fejn kellu diversi rivelazzjonijiet u sabiex jirrifletti kif jgħidilna San Ġirolmu. Lura f'Damasku kellu jaħrab fejn riedu joqtluh u mar Ġerusalemm għal ħmistax-il ġurnata fejn iltaqa' ma' Piertu u biex ikollu l-ewwel kuntatt mal-Knisja ta' Kristu. Iżda ma damx Ġerusalemm għax kellu jaħrab ukoll u għalhekk mar Tarsu (Gal 1:16-24).

L-ewwel vjaġġ missjunarju bejn is-snin 45 u 49, kien minn Antijokja fis-Sirja għal Ċipru u fin-nofsinhar tal-Anatolja fl-Asja Minuri. Kien l-ewwel ma' Barnaba u Marku,



imbagħad kompla għal rasu fil-vjaġġi l-oħra. Fil-Konċilju ta' Ġerusalemm li sar fis-sena 49 W.K., saħaq li l-pagani kellhom jedd li jidħlu fir-reliġjon ta' Kristu mingħajr ma jkunu miżmuma għall-osservanza tal-liġi, għaliex is-salvazzjoni tiġi minn Kristu biss. Fit-tieni vjaġġ missjunarju bejn is-snin 50 u 52, huwa kien akkompanjat minn Silas (Silvanu) lejn l-Anatolja, fejn f'Listris għammed lil Timotju u wara mar lejn l-Ewropa, proprju fil-Maċedonja fil-bliet ta' Filippi, Tessalonika, Berea u fl-Akaja jew fil-Greċja fil-bliet ta' Ateni u Korintu fejn kien hemm Akwila u Prixxilla. F'dan il-vjaġġ jissieħeb miegħu San Luqa, probabbilment fi Troas (ara Atti 16:8-10). Żgur li għas-sena 50 W.K. kien ġewwa Korintu, kif huwa indikat mill-iskrizzjoni ta' Delfi fejn kien hemm l-Prokonslu Ruman Gallione. Fit-tielet vjaġġ missjunarju bejn is-snin 53 u 58, huwa reġa' żar il-komunitajiet li huwa waqqaf kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Asja Minuri b'mod partikulari f'Efesu fejn dam tlett snin (ara 2 Korintin 11:23-28).

Lura fil-Palestina huwa kien arrestat u miżmum għal sentejn fil-Fortizza Antonja, bejn snin 58 u 60. Ir-raba' vjaġġ kien bħala priġunier sabiex jappella għand Ċesari, imma jibqa' dejjem wieħed missjunarju għaliex wara maltempata u skond il-Providenza ta' Alla u kien 'jeħtieġ' jgħaddi Malta fejn dam tlett xhur (Ara Atti 27 u 28). Miegħu ġie ukoll San Luqa, li min jaf kemm ħejja xogħol għal opra letterarja tiegħu, kif ukoll nimmaġina li għamel San Pawl kemm dam f'Malta. F'Ruma dam sentejn il-ħabs sakemm ġie meħlus għas-sena 62, fejn wara kellu l-possibbiltà li jerġa' jżur xi komunitajiet li huwa kien waqqaf qabel, fosthom Efesu u Kreta.

Ħa l-martirju f'Ruma fejn inkuruna l-ħidma tiegħu wara t-tieni arrest tiegħu li kien ħafna iktar iebes, taħt il-persekuzzjoni ta' Neruni għas-sena 67 W.K.: "*Il-għixien tiegħi hu Kristu u li l-mmut hu qliegħ*" (Filip 1:21). Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-Bażilika ta' *San Paolo Fuori le Mura*. L-istudjużi jaħsbu li San Pawl għamel 17-il elf kilometru ta' vjaġġi, li hija d-distanza bejn l-iktar żewġt ibliet imbegħdin fid-dinja li huma Londra u Melbourne, vjaġġi li San Pawl għamel sabiex ixandar l-Evanġelju ta' Kristu.

***L-Ittri ta' San Pawl***

San Pawl kiteb l-ittri tiegħu bi stil enerġetiku u bil-Grieg mitkellem mill-poplu tad-dinja ellenika. Huwa jagħti bixra teoloġika qawwija lil ċertu kliem Grieg li nsibu fl-ittri tiegħu per eżempju: laħam (*sarx*), spirtu (*pneuma*), dnub (*hamartia*), salvazzjoni (*soteria*), imħabba (*agape*), ġustizzja (*dikaiosyne*), u libertà (*eleutheria*). Fil-Ġdid Testment insibu tlettax-il ittra kanonika ta' San Pawl u li huma dawn: L-1 u 2 Tessalonkin, dawn meqjusin bħala l-ittri tal-bidu; għandna imbagħad l-ittri l-kbar minħabba l-importanza teoloġika tagħhom: Rumani, 1 u 2 Korintin, Galatin; l-ittri li kiteb mill-ħabs: Efesin, Flippin, Kolossin, Filemon u l-ittri pastorali: 1 u 2 Timotju u Titu. L-ittra lil-Lhud hija miktuba aktarx minn dixxiplu ta' San Pawl, fejn tiżviluppa t-tagħlim ta' San Pawl dwar is-saċerdozju ta' Kristu.

Dawn ġew meqjusin bħala ispirati u kanoniċi mill-bidu nett mill-Knisja u b'mod definittiv fil-Konċilju ta' Trentu fl-1546. Bniedem attiv bħalma kien San Pawl, kien li huwa kiteb xi ittri oħrajn sekondarji u li m'humiex daqshekk importanti, ittri ta' korrispondenza li ntilfu. Inkitbu ukoll ittri oħrajn taħt l-isem ta' Pawlu imma dawn ġew imwarrba bħala apokrifi. Min jaf forsi San Pawl li kellu spirtu kbir ta' rikonoxxenza, seta' forsi kiteb xi ittra ta' ringrazzjament ukoll lill-Maltin? Kollox possibbli!

**Żgur però li San Pawl qed jistedinna sabiex matul din is-Sena Pawlina nerġgħu niskopru mill-ġdid dawn l-ittri tiegħu kemm fil-laqgħat tal-Kelma t'Alla li jsiru fil-parroċċi, fl-irtiri, f'seminars u studji u fuq kollox fiċ-ċelebrazzjonijiet ekumeniċi; sabiex bħala Maltin u Għawdxin inkomplu ngħaddu lill-ġenerazzjoni futura dak li għaddielna San Pawl, l-Evanġelju Ħaj ta' Kristu.**

*Biblijografija*


BOYARIN, D., *A Radical Jew: Paul and the Politics of Identity, Critical Studies* in *Jewish Literature, Culture and Society 1*, California 1994.

BRUCE, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.

BUCKLEY, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

CALVERT-KOYZIS, N., *Paul, Monotheism and the People of God: The Significance of Abraham Traditions for Early Judaism and Christianity*, London 2005.

*Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, G.F. HAWTHORNE – R.P. MARTIN – D.G. REID (eds.), Torino 2000.

DONFRIED, K.P., *"Paul the Jew: But of What Sort?"*, in *Testimony and Interpretation: Early Christology in Its Judeo-Hellenistic Milieu: Studies in Honour of Petr Pokorny*, J. MRAZEK – J. ROSKOVEC (eds.), *Journal for the Study of the New Testament Supplement* Series 272, London 2005, 11-27.

GIORDANI, I., *St. Paul. Apostle and Martyr*, Boston (MA) 1981.

MORESCHINI, C. – NORELLI, E., *"The Letters of Paul and of the Pauline Tradition"*, in *Early Christian Greek and Latin Literature: A Literary History*, Peabody (MA) 2005.

*Kummentarju (4)*



# L-Iżbalji Umani u l-Abbużi Morali fil-Ħajja tal-Knisja

*kitba ta'* **DUN ANTON SULTANA**

**Dan l-aħħar kellna żewġ dikjarazzjonijiet importanti dwar żbalji koroh u abbużi minn saċerdoti u reliġjużi fil-Knisja lokali u universali, waħda ta' l-Isqof Mario Grech dwar "Lourdes Home" u l-oħra tal-Papa Benedittu XVI f'Washington dwar qassisin f'każi ta' pedofilija fl-Istati Uniti. Kemm l-Isqof Grech u kemm il-Papa talbu maħfra f'isem il-Knisja lill-vittmi taż-żewġ każijiet differenti. Imma ħadu wkoll xi passi...**

***Kif għandna nwieġbu aħna?***

Wara l-bombardamenti tal-*media* lokali fuq "Lourdes Home", issa li s-sitwazzjoni kkalmat xi ftit, ta' min jagħmel **eżami tal-kuxjenza oġġettiv** aktar milli eżami ta' dak kollu li ntqal jew ġie rrapportat fil-*media*. Ġewni f'moħħi diversi mistoqsijiet. Miniex se nwieġeb għalihom; la jien moralista u lanqas *social worker*, u anqas u anqas imħallef... Imma bħala nisrani għandi dritt u dmir **nifforma kuxjenza** tajba u retta. Kif għandna nwieġbu għall-mistoqsijiet **provokattivi għall-kuxjenza tagħna**, bħal dawn l-għaxra:



(1) L-iżbalji u l-abbużi fi ħdan il-Knisja għandhom jiġu sempliċiment ikkundannati? Jew strettament vindikati? X'passi jistgħu jittieħdu? Fejn qed immil jien?

(2) Il-Knisja hija soċjetà perfetta. Kif u f'liema sens ta' **perfezzjoni**? Li ma nistgħux niżbaljaw? Jew li ma nammettux żbalji?

(3) Il-Knisja hi soċjetà umana. Sa fejn tista' u għandha tasal il-mogħdrija fl-iżbalji umani? Hemm xi limiti?

(4) X'inhu sewwa l-**bilanċ** bejn dixxiplina u maħfra f'każijiet serji bħal dawn?

(5) Kif għandna naġixxu **individwalment** bħala membri tal-Knisja, meta jissemmew abbużi u skandli fil-Knisja li suppost hi "qaddisa". Nikkundannaw jew nagħdru?

(6) Kemm aħna lesti għall-**awtokritika** u sa fejn nistgħu naslu fis-*self defence*?

(7) X'tgħallimna mill-esperjenza ta' tant żbalji jew abbużi agħar minn dawn (bħat-torturi ta' l-Inkwiżizzjoni) fl-istorja tal-Knisja fil-passat?

(8) X'inhu l-aħjar għall-Knisja, taħbi, tagħder u taħfer il-ħtijiet ta' wliedha? Jew tieħu passi ħorox kontra min jista' jiżbalja fid-dgħufija umana tiegħu?

(9) Liema ħtijiet huma personali u għandhom jiġu ttrattati fil-privat, u liema oħrajn soċjali jistgħu jiġu mperrċin għal sodisfazzjon jew ġudizzju pubbliku?

(10) X'jgħallimna Kristu fil-Vanġelu biex naslu għal ġudizzju rett bla preġudizzju?





*Kliem Kristu Jorbot? Kemm, lil min, u sa fejn?*

**Normi tal-Ġustizzja Nisranija:**

- "Miskin hu min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iż-żgħar..." *(għalija u għalik)*
- "Agħmlu li jgħidulkom imma tagħmlux bħalhom..." *(lil min jisma' l-Aħbar)*
- "Id-dinja tagħti minn dak li hu tagħha... Intom m'intomx tad-dinja." *(lid-dixxipli veri)*
- "Min jilqa' bniedem ġust għax hu ġust, ħlas ta' wieħed ġust jieħu..." *(lil min jeżiġi l-ġustizzja)*

**Normi tal-Maħfra Nisranija:**

- "Min hu bla dnub, jixħet l-ewwel ġebla!... lanqas jien ma nikkundannak". *(lill-mara adultera)*
- "Morru araw x'ifissru l-kelmiet: Ħniena rrid u mhux sagrifiċċju." *(lill-fariżej)*
- "Imma jiena ngħidilkom... Tiġġudikawx biex ma tkunux iġġudikati. Tikkundannawx biex ma tkunux ikkundannati. Aħfru u jiġi lilkom maħfur..." *(lil kulħadd)*
- "Għax bl-istess kejl li intom tkejlu lill-oħrajn, għad jitkejjel lilkom." *(lili u lilek)*

**X'passi tista' tieħu l-Awtorità tal-Knisja mingħajr ma tmur kontra dawn il-prinċipji u normi li tana Kristu? U kif jistgħu jitfejqu feriti ta' vittmi, mingħajr ma nifthu feriti oħra ta' vittmi tal-vittmi? Bil-qorti? B'rikompens ta' flus? B'kastigi ħorox?... Jew bil-maħfra?**

Naħseb li kemm il-Papa u kemm l-Isqof tagħna għamlu l-aħjar għażla; *"in medio stat virtus"* jgħid il-qawl latin, jiġifieri li żżomm il-bilanċ tal-ġudizzju rett, bil-**prudenza**, imma b'**serjetà** u bl-**onestà**.

U jien u int,x'qed nagħmlu? Nilgħabuha ta' l-imħallfin jew tal-miżerikordjużi? Ngħalqu ħalqna jew infajru fejn laqat laqat?... Għax sa x'ħin ma tkunx **INT** fid-deffa, tiġġudika bil-ħeffa!




# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Ħinijiet tal-ftuħ: 10.00am - 1.00pm; 6.00 - 9.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



*SFIDI TA' ŻMIENNA - 4*

# KONTRA L-KURRENT...



*kitba ta'* **JOE RAPA**

**L-awtur Russu Dostoievski f'wieħed mir-rumanzi kbar tiegħu jgħid li d-dinja tista' tiġi salvata biss mis-sbuħija u li l-qalba, iċ-ċentru, il-milja ta' din is-sbuħija hija l-wiċċ sofferenti ta' Kristu li jagħti ħajtu għal dawk li joqtluh. Dan hu ta' l-għaġeb! Alla jagħti ħajtu għal dawk li jixtiequ jeħilsu minnu, għal dawk li jwarrbuh, għal dawk li jixtiequ jeqirduh. Hawn qegħda t-tama tad-dinja għax dan il-misteru jiddi fil-qalba tat-taħwid, tan-negattiviżmu u tal-kultura tal-mewt li jiddominawha.**

Dan ifisser li l-qalba tas-sbuħija tal-kosmos hija l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu, il-Kristjaneżmu. Huwa għalhekk li n-Nisrani għandu jimxi qalb it-taħwid ta' madwaru b'rasu mgħollija 'l fuq u dejjem ottimista għax kif tkanta l-Knisja fis-Sahra Qaddisa ta' l-Għid, saħansitra l-ħtija hija hienja għax stħaqqilha Feddej kbir bħal dan. Imdawwal mill-Fidi tiegħu, in-Nisrani ma jista' qatt jgħejja, mdawwar kif inhu minn din il-kultura li qegħda dejjem iktar tirremetti l-Kristjaneżmu.

### *It-tliet żgħażagħ ta' Danjel*

L-Insara ta' l-ewwel sekli kienu jiddarsu jużaw l-arti biex jesprimu l-Fidi tagħhom, iżda, fost il-ftit tpinġijiet fil-katakombi tagħhom, barra minn dik tar-Ragħaj, insibu wkoll xbihat misterjużi ta' tliet żgħażagħ b'idejhom mgħollija 'l fuq ifaħħru 'l Alla waqt li huma mdawrin b'ħuġġieġa nar. Mill-bidu nett il-Knisja ħassitha affaxxinata mis-simbolu ta' dawn iż-żgħażagħ għax għarfet lilha nnifisha fl-esperjenza tagħhom.

Il-Ktieb ta' Danjel jirrakkonta kif is-Sultan ta' Babilonja, Nebukadnessar, waqqaf statwa tad-deheb f'nofs il-pjazza tal-belt u kull min kien jgħaddi minn quddiemha kien imġiegħel mil-liġi jagħtiha qima. Tliet żgħażagħ Lhud kienu jgħaddu kuljum minn hemm iżda qatt ma mielu quddiemha. Ittellgħu il-qorti u stqarrew li huma jagħtu qima l-ewwel u qabel kollox lil Alla u lil xejn iżjed. Taw din ix-xhieda anke jekk kienu jafu li se jispiċċaw mitfugħa ġo forn. Hekk ġralhom, iżda hawn kellhom esperjenza profonda t'Alla, għax imdawrin hekk kif kienu min-nirien, ħassew iż-żiffa ħelwa t'Alla ddur madwarhom, tifridhom min-nar u ssalvahom. Dan nissel fihom innu liema bħalu ta' tifħir lil Alla.

Dawn it-tliet żgħażagħ-xhieda huma l-Knisja, b'mod partikulari llum. Li s-Sultan iwaqqaf statwa biex in-nies jadurawha ma kinitx xi ħmerija li ħolom biha bil-lejl u ffissa fuqha. Din kienet politika importanti biex il-poplu jiġi mhux biss impressjonat, imma immeraviljat bil-poter tas-Saltna u l-individwu jħossu ċkejken, 'mgħaffeġ' quddiemha. U meta l-bniedem iħossu ċkejken quddiem xi ħaġa li qegħda ddawru u tiddominah bit-tlellix tagħha, huwa jqimha u jemmen li fiha hemm il-verità, dak li tgħid hi hu veru. Il-moħħ tal-kotra jdur, imkaxkar mill-kurrent. Jintlaħaq l-għan moħbi tas-Sultan.

### *Il-kurrent fis-soċjetà moderna*

**Dan hu li ġara dejjem. Dan hu li qed jiġri llum. Is-Saltna ta' Babilonja hija s-soċjetà li fiha qed ngħixu, is-soċjetà "progressiva" li twieldet fil-pajjiżi tal-punent u li qegħda thedded li taħkem id-dinja kollha u tibdilha f'villaġġ globali fejn ilkoll nilbsu l-istess ilbies, nieklu l-istess ikel, naħsbu l-istess ħsibijiet u nqimu l-istess valuri. Din is-"Saltna" għandha "statwa" taqdiha, li tlellex fis-sbuħija u l-qawwa li għandha fuq l-imħuħ – is-seħer tal-'*mass media*', il-poter maġiku tal-'*brainwashing*' tagħha. Il-mezzi bla qies tal-*media* huma l-istatwa fil-pjazza tal-belt li lilha jqim il-poplu. Għax l-individwu huwa waħdu quddiem dan kollu u jgħid f'qalbu: Min hu jien biex immieri? Dawn żgur għandhom raġun. Ara x'teknoloġija! X'għerf! Xi sbuħija! Dak li jgħidu huwa modern, waqt li dak li kont naħseb hu antik...**

Hekk inħoloq kurrent irreżistibbli li jżid fil-veloċità tiegħu iktar kemm jgħaddi ż-żmien, bħal rota għan-niżla. Dak li beda taħt l-ilsien fil-pajjiżi ta' fuq ta' l-Ewropa llum qed iħabbat bla rażan u kollu storbju fuq xtutna. Illum anke l-Għawdxi jgħaddi mill-pjazza u jibqa' mbellah bis-sbuħija ta' l-'istatwa'. "Għax m'għandekx int tgħażel x'inhu t-tajjeb u l-ħażin?" "Għax għandu jkollok min jindaħallek kif tmexxi ħajtek?" "Għax għandek tibqa' ma' mara li ddejqek?" "Għax għandek tikkontrolla s-sesswalità tiegħek?" "Għax għandek titwikka b'tarbija li ġiet bi żball; għax m'għandhiex il-mara jkollha d-dritt fuq dak li qed jiġri f'ġufha?" "X'hemm ħażin

li raġel jinġibed lejn raġel ieħor?" "Min qallek li ż-żwieġ hu qaddis?" "Min qallek li l-bniedem għandu bżonn familja; min qallek li mingħajr l-irbit tal-familja l-bniedem ma jkunx iktar ħieles?" "Għax għandek turi twemminek meta dan idejjaq lill-ieħor li jaħsibha differenti minnek?"

Fl-aħħar mill-aħħar l-istorja hija dejjem l-istess. Insibu ruħna nerġgħu lura lejn Adam u Eva fil-Ġenesi. "**Għax m'għandix niekol mill-frotta?** Għax m'għandix inkun ħieles?" Din il-wegħda tal-ħelsien qegħda ssaħħarna llum u l-mezzi kollha tal-medja għalenija jikkonvinċu li mhux vera hemm il-mewt moħbija wara dan kollu.

*In-Nisrani wieqaf kontra l-kurrent*

Jinstabu tlieta li jibqgħu għaddejjin minn quddiem l-istatwa qishom ma raw xejn? **Hawn xi fdal li mhux qed ikollhom moħħhom 'maħsul' mill-messaġġi moħbija ħerġin minn programmi 'innoċenti' ta' divertiment fuq it-T.V. u l-bqija?** Hawn xi fdal li huma kburin li ma jridux ikunu '*politically correct*' anke jekk jafu li se jispiċċaw fil-forn tat-tgħajjir u tal-kundanna? Hawn min jibqa' wieqaf u jgħid li ma jridx li moħħ uliedu jiġi mħassar bl-idejat omosesswali? Għad baqa' tlieta min-nies li lesti jidħlu fin-nar u jgħidu li raġel u mara għandhom jibqgħu flimkien sal-mewt anke meta hemm problemi kbar għax Alla jeżisti u ż-żwieġ tagħhom kien minn dejjem miktub fis-Sema? Għad fadal min hu miġnun illum u jaqdef waħdu kontra l-kurrent u jġib fid-dinja l-ulied li jagħtih Alla u mhux li jipprogramma hu?

In-Nisrani jagħmlu dan. In-Nisrani jieqaf waħdu kontra l-kurrent. In-Nisrani jafda f'Missieru u jemmen il-Kelma tiegħU. Almenu hekk suppost...

*Għajnejn ta' profeti*

**Tħares lejn l-Istorja jew lejn l-Iskrittura u tiskopri li dawn l-affarijiet dejjem ġraw. Kull epoka waqqfet l-'istatwa' tagħha skond il-moda taż-żmien u qanqlet theddida għall-mod kif Alla wera lill-bniedem kif għandha tkun il-ħajja vera. Iżda ħaġa ta' l-għaġeb, kull darba li Kristu jinqatel il-Missier jerġa' jqajmu għal ħajja ġdida! Kristu jinqatel u jqum f'kull ġenerazzjoni. Din hija l-prova li Alla jaħkem kollox u li hu Sid l-Istorja. Tassew li Kristu jinqatel f'kull żmien, iżda f'kull żmien ukoll il-mewt hija mirbuħa.**

Dan jagħmlilna kuraġġ, iżda gwaj għalina jekk ma nħarsux madwarna b'għajnejn 'imdawla' u nużaw id-don tal-profezija li tagħtina l-Magħmudija li ma baqgħetx biss żerriegħa, ċerimonja, iżda kibret f'Fidi adulta.

Ġwanni Pawlu II kien qal ġo Fatima: "**Kien hemm żmien meta dak li hu dnub kien jissejjaħ dnub. Iżda llum id-dnub ġie mogħti d-dritt taċ-'ċittadinanza'**" – jiġifieri dak li darba kien meqjus dnub, bħall-adulterju, il-fornikazzjoni ecc., dan kien ikkundannat mis-soċjetà. Imma **llum sar parti mil-liġi u approvat mil-liġi**". X'imkien fl-Iskrittura hemm miktub: "Tgħidx li hu tajjeb dak li dan il-poplu jgħidlu tajjeb. Tgħidx li hu ħażin dak li dan il-poplu jgħidlu ħażin. Tibżax minn dak li titbeżża' minnu din il-ġenerazzjoni."

Spiċċa ż-żmien meta n-Nisrani huwa dak li jmur il-knisja u hu ħabib tal-qassis. In-Nisrani huwa dak li hu differenti, li jaħsibha differenti, li hu mgħajjar 'antik', 'konservattiv' u 'tal-medju-evu' iżda jagħti xhieda bis-sliem u l-qawwa tiegħu li 'dak li jwassal hu' hu speċjali, hu awtentiku, mhux tal-qoxra... hu l-veru. **Qed joqrob iż-żmien meta rridu noħorġu mill-massa li tiġri lejn direzzjoni waħda u naqdfu kontra l-kurrent.** Alla permezz ta' S. Pawl fit-Tieni Ittra lill-Korintin jgħid: "La tintrabtux mal-pagani taħt madmad wieħed li ma jiġikomx. X'għandhom x'jaqsmu bejniethom il-ġustizzja u l-ħażen? X'xirka hemm bejn id-dawl u d-dlam? Xi ftehim hemm bejn Kristu u Beljar ix-xitan? Jew x'għandu x'jaqsam min jemmen ma' min ma jemminx?" (2 Kor. 6, 14).



*Taħwid ta' Babel ta' llum*

Il-profeta għajjat, "Oħroġ poplu tiegħi minn ġo Babilonja!". Is-soċjetà tal-lum, kburija bil-kisbiet tagħha, tant arroganti fit-twemmin liberalista tagħha ssejħilna biex nistgħagbu bit-'torri' li qegħda tibni. Għax għandi nibża' ngħid li s-soċjetà Ngliża, Franċiża, Ġermaniża, Olandiża, issa anke Spanjola ecc. hija soċjetà mħawda daqs Babel? **Għax għandi niddejjaq ngħid li mhux veru li l-valuri ta' l-Ewropa huma l-valuri tiegħi? Ma jkun qatt! Min se jbellagħhieli din li dak li miexja lejh l-Ewropa huwa dak li għandi nixtieq għal uliedi? Kif tridni nemmen li hemm verità f'soċjetà inkonsistenti li tisfurzana nibżgħu għall-għasafar (naqbel!) imma tridna noqtlu t-trabi fil-ġuf?** X'sens hemm f'kultura li waslet biex tapprezza sigra u tħarisha bil-liġi, iktar mill-fedeltà fiż-żwieġ?

*Xhieda*

**Quddiem dan kollu, il-Valuri Nsara li minnhom inħalqu l-Ewropa u ċ-ċiviltà tal-punent għandhom bżonn ta' xhieda. Ix-xhieda flimkien mal-Kelma għandhom is-setgħa jqajmu lil Kristu mill-mewt anke f'din il-ġenerazzjoni apostata. Jekk il-valuri ġodda ta' l-Ewropa huma msejsa fuq l-egoiżmu, fuq id-drittijiet, fuq dak li rrid jien, fuq li kollox jgħaddi sakemm nissodisfa l-'Jien' tiegħi, fuq il-bniedem-alla, allura hemm bżonn ta' xhieda li juru li l-Imħabba teżisti, li l-bniedem jista' jingħata, li l-milja tal-bniedem mhux id-dritt li jagħmel li jrid iżda li jaqdi.**

**Jien nemmen li għad iqumu Nsara li ma jmilux quddiem l-'Istatwa', li ma jċedux quddiem is-setgħat tal-*media*, li jkunu differenti u kburin li jemmnu li dak li jgħid il-Vanġelu hu... il-Verità.**

ESPERJENZI

# Il-Komunità tas-Seminarju: Esperjenza fl-Art Imqaddsa



*kitba ta'* **FRANCESCO PIO ATTARD**

**Il-pellegrinaġġ hu wieħed mill-mumenti qawwija fil-ħajja tal-Kristjan. Jekk nifhmu tassew is-sejħa tagħna li nimxu wara Ġesù, ma rridux wisq biex nintebħu li bħala l-poplu qaddis ta' Alla aħna wkoll, bħall-poplu magħżul ta' Iżrael, aħna pellegrini mixjin lejn Ġerusalemm il-ġdida.**

Kien dan l-ispirtu li ridna ngħixu bħala komunità tas-Seminarju tad-djoċesi tagħna meta bejn l-10 u t-18 ta' Frar 2008 għamilna din l-esperjenza fl-Art Imqaddsa, l-art tal-Patrijarki, ta' Mosè, ta' Elija, ta' David… ta' Ġesù Kristu. Wara snin ta' bosta kunflitti, issa forsi l-Art Imqaddsa reġgħet bdiet tieħu n-nifs u l-patrijiet Franġiskani, li għandhom f'idejhom is-santwarji mqaddsa li jfakkru l-ġrajjiet kbar tal-Fidwa tagħna, qed jorganizzaw mill-ġdid il-pellegrinaġġi. In-numru tal-pellegrini Kristjani minn madwar id-dinja reġa' qed jikber, u dan hu sinjal tajjeb ħafna. Li wieħed jirfes l-istess postijiet li fuqhom twieled il-Mulej, għadda jgħallem u jagħmel il-mirakli, u fuq kollox ta ħajtu b'fidwa għalina, sakemm qam rebbieħ fuq il-mewt u ħalla warajh il-Knisja li waqqaf, ifisser li jinnamra ma' dawk l-istess imkejjen qaddisa u jħalli lilu nnifsu jintlaqat mill-messaġġ ħaj tagħhom.

**Fil-komunità tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex bħalissa ninsabu tnax-il seminarista (ħamsa oħra qed jagħmlu s-sena intermedjarja). Flimkien magħna f'dan il-pellegrinaġġ ħadu sehem ukoll l-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, is-saċerdoti u ż-żewġ sorijiet tal-komunità tas-Seminarju, u xi saċerdoti oħra li jgħinu fil-formazzjoni tas-seminaristi.** Taħt il-gwida ta' patri Twanny Chircop ofm, il-Kummissarju Malti ta' l-Art Imqaddsa, żorna fost l-oħrajn Nazareth, Betlehem, Kafarnahum u Ġerusalemm.



M'hemmx dubju li dan il-pellegrinaġġ kien mument qawwi ħafna fil-formazzjoni tas-seminaristi, u stajna nitolbu u niċċelebraw il-Kelma fl-istess postijiet fejn seħħet, imdawlin mit-tema li għażilna bħala komunità għal din is-sena: "Sejjaħtilkom ħbieb" (Ġw 15:15). X'sensazzjoni straordinarja! Il-ħbieb imorru jfittxu l-post tal-Habib, u għalkemm hemm isibu biss it-tifkira tiegħu, din hi biżżejjed biex tferraħhom u tqarribhom lejh. **Kif isejħilha Pawlu VI, l-Art Imqaddsa hi "l-ħames Vanġelu", proprju għax fiha wieħed imiss b'idejh il-mogħdija ta' l-Iben ta' Alla fost il-bnedmin.**

Ngħid għalija, inħoss li dawn il-jiem li terraqt ma' sħabi fuq din l-art għażiża laqqgħuni iktar mill-qrib mal-Kelma, li għadni kemm ġejt imsejjaħ inkun qaddej tagħha bil-ministeru tal-Lettorat. L-istess kienu l-impressjonijiet ta' ħuti s-seminaristi, kif tistgħu taqraw intom stess minn dak li qed naqsmu magħkom fil-kummenti li ġejjin…

---

Meta tmur fil-post fejn seħħew ġrajjiet kbar, mingħajr ma trid tħossok parti mill-ġrajjiet. Dan kien il-pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa. Mort ngħix l-esperjenza ta' Marija quddiem l-anġlu, il-miżerja ta' l-għar ta' Betlehem, u l-imħabba tal-Kalvarju u tal-Qabar vojt. U meta tiltaqa' ma' Ġesù żgur li ma tinsihx, anzi tibqa' tfittxu…

*Daniel J. Sultana, l-ewwel sena*

---

Il-pellegrinaġġ tal-komunità tas-Seminarju fl-Art Imqaddsa għalija personali kien esperjenza profonda. Bil-preżenza tiegħi f'dawn il-postijiet missejt b'idejja l-imħabba ta' Alla ghalina. Kienu mumenti ta' grazzja. Aspett partikulari li stajt ninnota f'dawn il-postijiet kien il-preżenza ta' diversi Knejjes flimkien mal-Kattoliċi li bid-differenzi ta' bejniethom iqimu l-istess Alla li permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu kisbilna s-salvazzjoni; dak Alla li jneħħi d-differenzi kollha



Il-Ġetsemani

ta' bejnietna u jgħaqqadna miegħu.

*John Paul Cefai, it-tieni sena*

---

Hija esperjenza li ma tinsiex, għax għall-Kristjan huwa vjaġġ li fih jirritorna lura għall-essenza tal-fidi tiegħu. Hemmhekk rajt lir-reliġjon Kristjana fis-sustanza tagħha, il-Kelma ta' Alla fiċ-ċirkostanzi u l-postijiet li fihom tħabbret, u l-mod li bih tħabbret minn Kristu. Kien pellegrinaġġ li ħadni lura għall-oriġini ta' dak kollu li jien nemmen fih, qisu bħal raġel adult li jerġa' lura fil-postijiet fejn trabba.

*Gabriel Gauci, it-tieni sena*

---

Kont ilni ħafna bix-xewqa li nesperjenza pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, u ma setgħetx ġietni opportunità isbaħ minn din: li nagħmlu waqt li għadni f'nofs l-istudju u li ngħixu flimkien mal-komunità tas-Seminarju. Li nara b'għajnejja u mmiss b'idejja l-art u l-postijiet qaddisa li fihom għex Ġesù, kienet xi ħaġa li tant stennejt, u għalkemm ħafna minn dawn il-postijiet qaddisa tilfu l-istat oriġinali tagħhom, l-ispirtu li jesperjenza l-pellegrin ma jintilef qatt!

*Mark Bonello, it-tielet sena*

---

Għalija, li kienet l-ewwel darba li mort fl-Art Imqaddsa, nista' ngħid li kienet esperjenza sabiħa u profonda fl-istess ħin. F'dan iż-żmien partikulari tar-Randan, bħala komunità tas-Seminarju, nemmen li kellna ċ-ċans li ngħixu aktar mill-qrib il-misteri l-kbar tal-fidi tagħna waqt li ngħaddu mill-istess postijiet li minnhom għadda Kristu.

*Daniel Grech, it-tielet sena*

---

L-inħawi tal-Palestina nsejħilhom art qaddisa għax fuqhom għex Ġesù. Il-ġimgħa li għaddejna hemmhekk żgur li serviet biex insiru nafu aktar l-ambjent, il-kultura u ċ-ċirkostanzi taż-żmien li fihom għex Ġesù; imma żgur ukoll li serviet biex niltaqgħu aktar mill-qrib mal-persuna tiegħu ħaj u l-misteru ta' l-imħabba tiegħu għal kull persuna. Kienet okkażjoni wkoll biex insiru aktar konxji tal-qagħda tal-Kristjani fil-Palestina u tal-ħidma kontinwa u eżemplari tal-patrijiet Franġiskani biex iħarsu dawn il-postijiet, janimaw il-ħajja tal-Kristjani u jkunu sinjal ta' tama u kontradizzjoni f'reġjun b'diversi sfidi u problemi.

*Noel Debono, il-ħames sena*

---

Meta tmur l-Art Imqaddsa, l-Kelma ta' Alla u l-Vanġelu tibda tifhimhom u tgħixhom b'mod differenti – b'mod iktar profond.

*Simon M. Cachia, il-ħames sena*

---

L-esperjenza fl-Art Imqaddsa mal-komunità tas-Seminarju, it-tieni waħda tiegħi, inħares lejha bħala żmien qawwi ta' grazzja f'dan iż-żmien ta' formazzjoni u ta' dixxerniment fis-Seminarju. Il-pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa kien mezz sabiex nersaq aktar lejn il-misteru tas-salvazzjoni – l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna, wieħed minna, u għammar fostna u f'nofsna. Il-Bxara t-Tajba tiegħu verament il-ħajja fil-postijiet marbuta mal-misteri tal-Fidwa.

*Maximillian Grech, il-ħames sena*

---

L-esperjenza tiegħi fl-Art Imqaddsa għenitni nħoss b'mod aktar konkret l-imħabba ta' Alla għall-bniedem. Il-fatt li stajt immiss u nara dawk l-istess postijiet fejn għex l-Iben ta' Alla fakkarni fil-ġest tant nobbli ta' Kristu, li minn Alla tbaxxa u sar bniedem. L-art ta' Ġesù hija konferma ċara ta' l-umanità ta' Kristu. Wara li rġajt żort dawk il-postijiet għeżież ir-relazzjoni tiegħi mal-Kelma ta' Alla ma setgħetx tibqa' l-istess, għax issa nista' nifhem aħjar il-messaġġ tagħha.

*Anthony Bajada, is-sitt sena*

---

L-esperjenza fl-Art Imqaddsa nara li tagħti dawl u għarfien ġdid lil kull Kristjan, imma speċjalment lili bħala seminarista li nixtieq naqdi lil Kristu aktar mill-qrib. Il-Kelma ta' Alla wara din l-esperjenza tieħu sura differenti. Ġesù twieled fiż-żmien, f'post u f'kultura. Din l-esperjenza lili għenitni ħafna fil-mixja tal-fidi. Kienet it-tielet darba li jien għamiltha; imma din id-darba nħoss li aktar milli rajt, aktar kont preżenti fl-istess postijiet li fihom Kristu, Alla u bniedem li lilu rrid inħobb u naqdi, għex, mexa, fejjaq u sejjaħ dixxipli għal warajh. Nirringrazzja lil Alla ta' din l-esperjenza fuq l-għatba tad-djakonat.

*Joseph Curmi, is-sitt sena*

---

Fl-Art Imqaddsa kollox jitkellem: il-ġebel, ir-rovini, l-għoljiet, il-pjanuri, id-deżert, l-ilma, is-santwarji, in-nies tal-post, is-swar qodma u ġodda... hawn sar bniedem, twieled, trabba, kiber, għallem, bata, miet u rxoxta Dak li jsejjaħli ħabib (Ġw 15:15). Bil-mod il-mod l-Art Imqaddsa ssir "esperjenza" li l-imkien tagħha hu l-qalb fejn kull ġrajja tal-ħajja ta' kuljum tistedinni biex bħalma ħabbni Hu, hekk ukoll inħobb jien.

*Richard N. Farrugia, is-sitt sena*



Il-Kalvarju u l-Qabar ta' Kristu

*Ibża' għal Saħħtek*



# It-Tniġġiż ta' l-Arja



*minn* **DR MARIO SALIBA MD MMCFD**

**Ftit tas-snin ilu konna nemmnu li t-tniġġis ta' l-arja huwa xi fenomenu li ma jolqotx lill-gżejjer Maltin. Konna naħsbu li f'Malta u iktar f'Għawdex ma għandniex din il-problema. L-arja friska u nadifa li f'ċerti postijiet għadna ngawdu rridu nibżgħu għaliha. Il-kwalità ta' l-arja qiegħda tkun mhedda u rridu nieħdu miżuri stretti biex kemm jista' ikun intejbu l-kwalità ta' l-arja li nieħdu n-nifs minnha u għalhekk direttament qiegħda taffettwa lil saħħitna.**

Illum hawn mezzi biex inkejlu l-kwalità ta' l-arja ta' madwarna. **Jeżistu strumenti biex ikejlu l-ammont ta' tniġġis li hemm fl-arja.** Permezz ta' dawn l-istrumenti nkunu nistgħu nieħdu dawk il-prekawzjonijiet li hemm bżonn biex nirranġaw il-problema jew ta' lanqas ma nħalluhiex tiżdied. Dwar il-livelli aċċettabbli ta' tniġġis ta' arja hemm regolamenti internazzjonali li suppost il-pajjiżi li aċċettaw dawn ir-regolamenti għandhom jimxu fuqhom. Wieħed minn dawn il-protokolli huwa dak ta' Montreal li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1989. Dan il-ftehim internazzjonali jittratta dwar l-effett tat-tniġġis ta' l-arja madwar id-dinja u jirregola l-użu tas-sustanzi li jnaqqsu faxxa ta' l-ożon fl-atmosfera. Dan huwa faxx ta' arja li jipproteġi lilll-bniedem mir-raġġi UV tax-xemx.

Gass velenuż li nsibuh fl-arja huwa s-*sulphur dioxide*. Dan huwa kkawżat kemm mid-dħaħen tal-karrozzi, mill-fabbriki u minn xi impjant kbir bħalma *power stations* li jaħdmu bil-faħam. L-ammont ta' *sulphur dioxide* li joħroġ mill-karrozzi jista' jitnaqqas bl-użu ta' *diesel* ekoloġiku u dak mill-fabbriki permezz ta' filtrijiet apposta li ma jħallux dawn il-gassijiet velenużi jmorru fl-arja. Bejn l-1998 u l-2001 l-ammont ta' *sulphur dioxide* imkejjel naqas bi 8% biss. Iżda minkejja li s-sitwazzjoni totali f'Malta hija tajba u konformi mal-liġijiet internazzjonali, hemm ċerti postijiet fejn trid issir sorveljanza kontinwa biex ikun evitat livell għoli ta' dan il-gass velenuż. Dawn "l-irqajja sħan" ta' *sulphur dioxide* jistgħu jiffurmaw għal perjodu qasir u huma ta' ħsara għall-bniedem.

Gass ieħor velenuż li nsibu fl-arja huwa n-*nitrogen dioxide*. Dan il-gass huwa ffurmat mid-dħaħen tal-karrozzi. F'postijiet fejn it-traffiku jkun intens, speċjalment fis-sigħat ta' fil-għodu bejn is-7.00 u d-9.00, il-livell ta' *nitrogen dioxide* fl-arja jaqbeż il-limiti permissibbli. Dan kien imkejjel f'postijiet bħal Floriana fejn ikun hemm konġestjoni tat-traffiku f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata. Ma nafx jekk il-livell ta' *nitrogen dioxide*, f'postijiet oħra traffikużi, bħal ngħidu aħna fir-Rabat Għawdex qattx kien imkejjel speċjalment fil-ġranet tas-sajf fejn l-ammont ta' traffiku huwa kbir ħafna. Biżżejjed li wieħed jiftakar li għal kull vettura privata hawn biss 1.6m ta' spazju. Dan qed joħloq problema kbira ta' konġestjoni tat-traffiku f'ċerti postijiet u f'ċerti ħinijiet. F'dawn il-postijiet qed ikun hemm tniġġis ta' l-arja li huwa ta' detriment għas-saħħa tagħna. Barra li jagħmel ħsara lil saħħitna qed inaqqas il-kwalità tal-ħajja tar-residenti tal-lokal. Apparti l-inkonvenjenza li dawn il-karrozzi kollha joħolqu nies li jgħixu f'dawn il-postijiet ikollhom iżommu t-twieqi ta' darhom magħluqa minħabba d-dħaħen. Kulħadd jaf li sintomu komuni huwa l-uġigħ ta' ras li dawn id-dħaħen jikkawżaw flimkien mal-ħsejjes tat-traffiku li huwa ukoll forma ta' tniġġis. Biex intejbu din is-sitwazzjoni irid isir sforz kbir biex it-trasport pubbliku jitjieb ħalli dak li jkun jagħmel iktar użu minnu speċjalment għall-affarijiet ta' kuljum bħalma huwa l-ivvjaġġar għax-xogħol u mmaniġġjar aħjar tat-traffiku. L-emmissjoni tal-*carbon dioxide* f'Malta skond il-Kummissjoni Ewropeja jrid jonqos drastikament għal 2.1 miljun tunnellata fis-sena, jiġifieri 30% inqas milli


Flimkien għal Ambjent Aħjar

EMBASSY OF THE UNITED STATES

The U.S. Embassy and Flimkien għal-Ambjent Aħjar present a public lecture,

**The Effect of Air Pollution on Human Health**

**by Ms. Catherine Witherspoon,**

U.S. expert in air quality management and research to identify the causes and impacts of air pollution on public health, social welfare and broader ecology issues

Thursday 3rd April, 2008, at 6pm

at the Chamber of Commerce, Exchange Building, Republic Street, VALLETTA

The lecture will be followed by a public discussion.



Vehicle emission pollutants can cause inflammation in the lungs or prompt the body to release chemicals that can affect heart function. Inhaled diesel exhaust triggers a stress response in the brain. This could have damaging long-term effects on brain function in people living in areas with high traffic pollution.



Malta talbet sal-2012. L-Unjoni Ewropeja qed tkun stretta dwar dan minħabba l-effett ħażin fuq il-klima u l-effett tal-*Global Warming* li jista' jkollu konsegwenzi koroh fuq saħħet il-bniedem.

Miżura li ser tgħin biex jitnaqqas it-tniġġis ta' l-arja mill-karrozzi hija t-tneħħija mill-konsum ta' *petrol* biċ-ċomb fl-aħħar ta' din is-sena. Barra minhekk qed titjieb il-kwalità ta' petrol u *diesel fuels*. F'Malta, minn Jannar 2001 iċ-ċomb fil-*fuel* impurtat f'pajjiżna tnaqqas minn 0.4g/litru cubu għal 0.15g/litru cubu. Barra minhekk bl-introduzzjoni tat-testijiet tal-vetturi (VRT) qed jitnaqqas it-tniġġis għax parti mit-test huwa biex jikkontrolla d-dħaħen mill-vetturi. L-għan ta' din il-liġi huwa li jitnaqqas it-tniġġis u għaldaqstant titjieb is-saħħa taċ-ċittadin. Kulħadd jaf li llum il-karrozzi moderni meta jużaw l-aħjar *fuel* iħammġu inqas l-ambjent. Jiena nissuġġerixxi lill-Kunsilli Lokali biex jieħdu l-inizjattiva għall-kampanja "Arja Nadifa għall-Belt jew Raħal tagħhom". Fost affarijiet oħra jista' jitlob biex darba fis-sena jkun hemm ġurnata li matulha ma jinsaqux karrozzi fil-lokalità partikulari.

Biex nuri kemm id-dħaħen tal-karrozzi huma ta' ħsara nsemmi ukoll li barra l-gassijiet velenużi li semmejna nsibu ukoll kimiċi oħrajn li jistgħu jikkawżaw il-kanċer fil-bniedem. Fost dawn insibu l-benzina li tinsab fl-arja fejn hemm ħafna dħaħen. Din is-sustanza velenuża tista' titnaqqas billi jsir xi addattament fil-magna tal-karrozza u jitwaħħlu dawk li jissejħu *"catalytic converters"*. S'issa ma hawn l-ebda kontroll fil-ħruġ ta' dawn is-sustanzi u għadu ma qed isir xejn biex titjieb is-sitwazzjoni. It-trab fin li jinġema' fit-toroq huwa tip ieħor ta' tniġġis. Dan meta jitħallat mad-dħaħen u jidħol fil-pulmuni tagħna jagħmel ħafna ħsara lil saħħitna. Wieħed mill-fatturi li qed iżid l-inċidenza tal-marda ta' l-ażma u tal-kanċer huwa propju t-tniġġis ta' l-arja. Kien ipprovat bi studji li saru hawn Malta stess, li n-numru ta' tfal li qed ibatu bl-ażma, żdied hawn Malta speċjalment f'postijiet traffikużi fejn hemm ħafna dħaħen. Id-dħaħen tal-karrozzi jistgħu ukoll ikollhom effett ħażin fuq min ibati b'mard ieħor tal-pulmuni jew mard kroniku tal-qalb.

Huwa importanti li l-bniedem jgħix iktar komdu iżda fl-istess ħin, bil-kumdità li jkollu, ma jkunx jagħmel ħsara lill-ambjent ta' madwaru. Jiena nemmen li għandu jkun hemm bilanċ bejn il-mod kif ngħixu u l-bżonn li nżommu l-ambjent nadif. Għandu jkun hemm ukoll ħarsien strett tar-regolamenti kontra t-tniġġis u nfurzar tal-liġijiet kollha. Bħala ndividwi għandu jkollna kuxjenza ekoloġika u nibżgħu għall-ambjent ta' madwarna u mhux inwaħħlu f'dak u l-ieħor. Kulħadd għandu jħossu responsabbli li jieħu ħsieb l-ambjent ta' madwaru, b'hekk inkunu ngħinu biex inżommu pajjiżna nadif u sabiħ. Wara kollox jekk ikollna arja nadifa u ambjent sabiħ inkunu ntejbu l-kwalità ta' ħajjitna u ngħixu aħjar u iktar f'saħħitna.

P
Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN
**GREZZJU BONELLO**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

## TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

Ħajr lil Emmanuel Ellis

***Mimdudin***

(1) Ma kienx jaf hix ġejja tajba jew ħażina (7)
(7) Din is-Sena tiegħu (5)
(8) Punt qabel il-mewt (7)
(9) Jgħidu qegħdin jintilfu (6)
(11) 'D' li tisma' (5)
(13) Kulħadd l-istess quddiemha (4)
(14) Berbquli (7)
(15) It-thollija u l-qsim fil-familja (4)
(16) Hekk għamel fil-konfessjonarju (5)
(17) Pisani, il-pittur (6)
(21) Tfarrak (7)
(22) Dawn jimxu fuq (13) mimduda (5)
(23) Mhux mittiefes (7)

***Weqfin***

(2) Parti mill-binja tal-knisja (10)
(3) Tlellix (8)
(4) Kważi 'smajt' imma b'sens ieħor (4)
(5) Dik t'Għawdex għandha Ras (4)
(6) Dari għall-kavallier u llum għas-sewwieq tal-mutur (4)
(9) Reċipjent sabiħ (5)
(10) Skond il-loġika (10)
(12) Saru bħal-lellux (5)
(13) Talb f'repetizzjoni (8)
(18) Wiċċ Laskri (4)
(19) Ċerimonji (4)
(20) Helu manna (4)




**TISLIBA - Mejju 2008**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

*Post Code* ____________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Ġunju 2008. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Jannar 2008 hi Judith Vella Zarb, 60, Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, XRA 2160**

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.

- BUILDING CONTRACTOR
- CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

**MIX-XENA SPORTIVA** *minn* **Joe Bajada**



# *Il-Komunità Sportiva Għawdxija fi New York*

**Fl-ewwel xahar ta' din is-sena kelli l-okkażjoni li għal darb'oħra nżur lil familjari tiegħi fi New York. Iżda l-ftit jiem li domt hemm ma kinux biss riservati biex ingawdi l-familja tat-tifla Lourdes u żewġha Paul flimkien ma' l-ewwel neputija għażiża tiegħi Destinie, iżda għaddejt żmien konsiderevoli ndur ma' l-entitajiet Għawdxin u għamilt ħilti kollha li minkejja li kont fuq din il-vaganza qasira, ħsibt ukoll li nikkaverja dawn l-avventuri fuq il-*video camera* biex iktar tard appena wasalt hawn, flimkien mad-direttur Philip Cassar għamilna ġabra ta' dan kollu b'konnessjoni ma' l-attivitajiet sportivi ta' dawn l-Għawdxin biex inxandruhom waqt il-programm televiżiv ta' *GFA Review* li jintwera kull ġimgħa fuq *Education 22*.**

L-iskop wara dan kollu kien b'turija profonda ta' apprezzament għal dawk kollha li għalkemm minn tant mili 'l bogħod, isegwu dan il-programm permezz ta' l-*internet*. Kienet merħba li ma ninsa qatt meta mort il-*Maltese Club*, f'Astoria fejn appena tfaċċajt fil-bieb, nisma' spontanjament il-kliem *"ara wasal tat-televiżjoni ta' l-isport ta' Għawdex"*. Ngħid il-verità ftit kont naf minn dawk li kienu preżenti dakinhar li mort l-ewwel darba f'dan il-klabb, iżda l-merħba li tawni, kif ukoll il-kliem ta' nkoraġġiment li bih baqgħu jlissnuli, kemm dan il-programm sportiv li qed intellgħu minn Għawdex, kemm qajjem interess fihom u li daħluh fl-aġenda tagħhom ta' kull ġimgħa. Onestament qatt ma kont naħseb kemm dan il-programm ġdid kien neċessarju ħafna għall-isport Għawdxi, dik li jkollu l-istampa tiegħu b'mod regolari meta sfortunatament qabel kellu vuċi fuq ir-radju fejn din kienet spiċċat ukoll. Qatt ma għaddielna minn moħħna li b'dan il-programm ser inqajmu tant interess fost l-emigranti tagħna. Iżda grazzi għall-kollega Philip Cassar dan sar possibbli għax poġġa *GFA Review* fuq il-*website* tant popolari li jieħu ħsiebha hu wkoll dik ta' *gozofootball.net.*



Lura għal New York fejn dawn għandhom żewġ timijiet tal-*football* bl-isem ta' *Maltese Dolphins*. Mat-tim ta' 'l fuq minn 35 sena hemm jilgħabu fih bosta *players* li raw il-bidu tal-karriera tagħhom hawn fuq l-art iebsa tas-*Silver Jubilee Ground*. Hemm minnhom li qatt ma kellhom ix-xorti li jaraw kif dan il-*ground* inbidel għal *Gozo Stadium* bl-art tiegħu b'*turf* naturali. F'dan l-istaġun huma jinsabu fit-tieni post tat-tieni diviżjoni b'riżultati ferm inkoraġġanti. It-tim l-ieħor dak ta' taħt il-21 sena wkoll sejjer tajjeb ħafna. Minħabba li fil-perjodu li kont hemm, l-istaġun kien wieqaf



minħabba l-kesħa, bosta mill-*players* tal-*Maltese Dolphins* organizzaw logħba ta' esebizzjoni biex fl-istess waqt inkun nista' nieħu xi kummenti tagħhom. Iżda appena ħarġu bl-*idea* ta' din il-logħba li ntlagħbet ġewwa, huma xtaqu li jien nirrefja l-istess partita u għalhekk kien ta' tiġdid ta' esperjenza li kelli ma' xi uħud minnhom meta kont irrefjajthom snin ilu f'Għawdex.



Ħaġa ġġib lill-oħra, fejn kelli nsir naf li hemm tfajla bint ġenituri Għawdxin li qiegħda tant tipprometti fil-futbol. Qed nirreferi għal Melanie Formosa li tiġi t-tifla ta' Ġuzi Formosa li kien *player* promettenti ferm ta' *SK Calypsians* u iktar tard ma' *Calypsian Bosco Youths*. Kelli l-istedina li mmur l-appartament tagħhom li b'koinċidenza kien ftit metri bogħod minfejn toqgħod it-tifla tiegħi fuq in-naħa tal-*East Side* ta' Manhatten. Hawn huma tawni merħba sabiħa u jien ma stajtx ma naħtafx l-okkażjoni biex nintervista kemm lil Ġuzi, kif ukoll wisq iktar lil Melanie Għal din it-tfajla kienet sorpriza iżda wara li kkonvinċejta wriet kunfidenza quddiem il-*camera* ta' *GFA Review*. Il-potenzjal ma' Melanie li tilgħab bħala attakkanta ma' *Manhatten Real U/13*, kien innutat mill-*coaches* tagħha Amerikani u ma damux wisq ma niżżlu isimha fuq l-għażla rappreżentattiva ta' New York. Aħna minn naħa tagħna nawguraw kull suċċess għal dawn ħutna Għawdxin li minkejja li jinsabu tant il-bogħod minn xtutna, ma ċaħdu qatt l-indentità tagħhom Għawdxija u dan jista' jkun ikkonfermat mill-kwalitajiet ta' attivitajiet li jorganizzaw bejniethom kemm bħala *Maltese Club*, kif ukoll fuq bażijiet komunitarji jew aħjar reġjonali. Fost dawn l-attivitajiet jispikkaw l-attivitajiet sportivi fejn sa ftit ilu kienu anke jorganizzaw tip ta' kampjonat kompost minn timijiet bi *players* minn irħula partikolari Għawdxin. Filwaqt li nawguraw lil dawn ħutna kull suċċess fil-ħajja tagħhom, naqsam magħkom l-impressjoni li b'sodisfazzjon ħadt mit-tweġiba li tatni Melanie għall-mistoqsija li għamiltilha jekk taċċettax li tirrappreżenta lil Malta jekk tkun imsejħa tagħmel dan mill-*coach* Nazzjonali Malti tan-Nisa. Mingħajr tlaqliq ta' xejn ir-risposta tagħha kienet pożittiva ferm minkejja li jeżistu l-possibbiltajiet li hija tista' anke tirrappreżenta lill-Istati Uniti ta' l-Amerika.

# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*
*u Dun Ġużepp Zammit*







## 10. IL-BAŻILIKA TAL-PATROĊINJU

*Hemm bażilka qalb l-egħlieqi,*
*Mhux bogħod wisq minn ta' Ġurdan,*
*Knisja żgħira f'Wied il-Għasri*
*U santwarju ħlejju dan.*

*Hawnhekk jiġu l-pellegrini,*
*Jagħtu qima lil Marija,*
*Jiġu hawn minn bosta rħula*
*Imxerrdin mal-gżira Għawdxija.*

*Dun Tumas kien li waqqafha[1],*
*Dedikata lill-Madonna*
*Ma' Bażilka f'Ruma għaqqadha[2]*
*Bħal din qatt ma rajna konna.*

*Fiha waqqaf benefizzju*
*Biex jitgawda mir-rettur*
*Li f'dil-knisja dmiru jaqdi*
*Jew li fiha jgħix imur.*

*Warajh tagħha rettur laħaq*
*Wieħed twajjeb u qaddis,*
*Dun Ġużepp Schembri kien jismu,*
*Kien jiskonġra dal-qassis.*

*Il-knisja tal-Patroċinju,*
*Għadha toħlom hemm fil-wied,*
*Għax fi żmienha rat elf ġrajja,*
*Rat ukoll għeġubijiet[3].*







[1] Dun Tumas Saliba li waqqafha fl-1737.
[2] Ma' Santa Maria Maggiore.
[3] L-aktar ta' Dun Ġużepp Schembri u Dun Xand Aquilina.

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Lynda Caton Roseblade*

## IL-ĦLEWWA TA' MEJJU FI ĠNEJNA GĦAWDXIJA











# SAINT JOSEPH CAR RENTALS

*St. Joseph Street, Qala GSM 103, Gozo, Malta.*
*Tel: 2155 1631, 9942 6821, 9949 6821 Fax: 2156 2986*
*e-mail: saintjoseph@mol.net.mt*
*website: www.mol.net.mt/saintjoseph*


